# ABBOZZ TA' LIĠI
## msejjaħ

*ATT biex jemenda diversi liġijiet dwar servizzi finanzjarji.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:–

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu Att ta' l-2007 li Jemenda Diversi Liġijiet dwar Servizzi Finanzjarji. Titolu fil-qosor.

## TAQSIMA I

**2.** (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emenda ta' Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, Kap. 330.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-Att.

**3.** Fit-tifsira "servizzi finanzjarji" fl-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "jitqiegħdu mill-Ministru taħt l-awtorità ta' sorveljanza jew regolatorja ta' l-Awtorità;", għandhom jidħlu l-kliem "jitqiegħdu Emenda ta' artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

taħt il-kompetenza ta' sorveljanza u dik regolatorja ta' l-Awtorità mill-Ministru jew permezz ta' kull liġi oħra;".

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

**4.** L-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "u linji ta' gwida rilevanti lill-pubbliku", għandhom jidħlu l-kliem "u direzzjoni għall-pubbliku"; u

(b) fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "obbligi internazzjonali ta' Malta." għandhom jidħlu l-kliem "obbligi internazzjonali ta' Malta inklużi l-obbligi li Malta għandha taħt it-Trattat fil-kuntest tat-tifsir ta' l-Att dwar l-Unjoni Ewropea.".

Emenda ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali.

**5.** L-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (2) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:–

"(2) L-Awtorità tista':

(a) toħroġ Regoli li jkunu jirregolaw il-proċeduri u d-dmirijiet ta' persuni li jkollhom liċenzja jew li jkunu awtorizzati minnha, jew li jkunu jinkwadraw taħt il-funzjonijiet regolatorji jew ta' sorveljanza tagħha u dawk ir-Regoli jistgħu:

(i) ikunu jipprovdu dwar prospetti, dikjarazzjonijiet u avviżi li jkollhom isiru jew jingħataw għal dawk il-finijiet li dwarhom l-Awtorità teżerċita funzjonijiet ta' sorveljanza jew regolatorji taħt dan l-Att jew kull Att ieħor, u l-forma u l-kontenut tagħhom; u

(ii) jistipulaw l-informazzjoni li dawk il-persuni għandhom jippreżentaw lill-Awtorità;

(b) toħroġ ordni bil-miktub fejn teħtieġ lil detentur ta' liċenzja jew ta' xi awtorizzazzjoni oħra, u, jew lil xi uffiċjal tiegħu, li jwettaq jew li jrażżan milli jwettaq xi att, inklużi dawk il-projbizzjonijiet, restrizzjonijiet u kundizzjonijiet li jistgħu jiġu speċifikati fl-avviż; u kull ordni bħal dik tista' tinħareġ għar-rigward ta' każijiet speċifiċi jew klassijiet ta' każijiet; kull detentur tal-liċenzja jew ta' xi awtorizzazzjoni oħra u, jew l-uffiċjal li lilu jiġi indirizzat l-avviż għandu jobdi, jikkonforma

ruħu u jagħti seħħ lil kull ordni bħal dak fit-terminu u bil-mod dikjarat fl-ordni.";

(b) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "jew xi direttivi jew linji ta' gwida" għandhom jidħlu l-kliem "jew xi ordnijiet jew Regoli";

(ii) minflok il-kliem "bil-miktub timponi", għandhom jidħlu l-kliem "bil-miktub u mingħajr il-ħtieġa ta' smigħ fil-qorti timponi"; u

(iii) minflok il-kliem "penali amministrattiva u d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 6(9) u (11) ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.", għandhom jidħlu l-kliem "penali amministrattiva li ma tkunx ta' iżjed minn erbgħin elf lira.";

(ċ) is-subartikoli (4) u (5) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (5) u (6) rispettivament;

(d) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu (4) ġdid li ġej:

"(4) Meta ma jkunx sar appell minn avviż bħal dak imsemmi fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, jew meta jkun sar appell minn dak l-avviż, fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta jiġi deċiż dak l-appell mit-Tribunal, il-penali amministrattiva msemmija fl-avviż jew kif imnaqqsa jew miżjuda b'deċiżjoni tat-Tribunal għandha tkun dovuta lill-awtorità kompetenti. Malli tiġi notifikata kopja ta' l-avviż jew tad-deċiżjoni, skond il-każ, permezz ta' att ġudizzjarju lill-persuna indikata fl-avviż jew fid-deċiżjoni, dak l-avviż jew dik id-deċiżjoni jkunu jikkostitwixxu titolu eżekuttiv għall-effetti u l-finijiet kollha tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."; u

(e) is-subartikolu (6) kif enumerat mill-ġdid għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "B'konsegwenza għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4), għandhom japplikaw dawn ir-regoli li ġejjin", għandhom jidħlu l-kliem "B'konsegwenza tas-subartikolu (5), għandhom japplikaw dawn id-disposizzjonijiet li ġejjin"; u

(ii) fil-paragrafi (a) u (b) tiegħu, minflok il-kliem "fis-subartikolu (4)" għandhom jidħlu l-kliem "fis-subartikolu (5)".

Emenda ta' l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali.

**6.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "li tkun ħarġet l-informazzjoni.", għandhom jidħlu l-kliem "li tkun ħarġet l-informazzjoni. Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, "impjegati" u "uffiċjali" jinkludu wkoll lil impjegati u uffiċjali preċedenti.".

Żieda ta' l-artikoli 17A u 17B ġodda ma' l-Att prinċipali.

**7.** Minnufih wara l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali għandhom jiżdiedu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Ordnijiet ta' sekwestru.

Kap. 12.

17A. (1) Meta, fil-kors ta' investigazzjoni li tkun qegħda ssir konformement ma' dan l-Att jew ma' kull Att ieħor li dwaru l-Awtorità taġixxi jew tkun ġiet maħtura sabiex taġixxi bħala l-awtorità kompetenti, l-Avukat Ġenerali jkollu, wara li jirċievi informazzjoni mingħand l-Awtorità, tassew għaliex jissuspetta li persuna (hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "il-persuna suspettata") tista' tkun responsabbli għal xi ksur ta' dan l-Att jew ta' kull Att ieħor bħal dak, l-Avukat Ġenerali jista' jagħmel applikazzjoni quddiem il-Qorti Kriminali għall-ħruġ ta' ordni (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ordni ta' sekwestru") –

(a) li jissekwestra f'idejn dawk il-persuni (hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa "is-sekwestratarji") msemmija fl-applikazzjoni il-flejjes kollha u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni lil jew li tkun proprjetà tal-persuna suspettata;

(b) li jkun jeħtieġ lis-sekwestratarju jiddikjara bil-miktub lill-Avukat Ġenerali, mhux iżjed tard minn erbgħa u għoxrin siegħa min-notifika ta' l-ordni, ix-xorta u l-oriġini ta' kull flejjes u kull proprjetà mobbli oħra li jkunu ġew hekk sekwestrati; u

(ċ) li jkun jipprojbixxi lill-persuna suspettata milli tittrasferixxi jew xort'oħra tiddisponi minn kull proprjetà mobbli jew immobbli.

(2) Qabel ma toħroġ ordni ta' sekwestru, il-Qorti Kriminali tista' tenħtieġ li tisma' lill-Avukat Ġenerali *in camera* u l-Qorti m'għandhiex tagħti ordni bħal dak kemm-il darba ma jkollhiex l-istess fehma bħall-Avukat Ġenerali li jkun hemm kawża raġonevoli kif provdut fis-subartikolu (1).

(3) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 381(1)(a), (b) u (e) u ta' l-artikolu 382(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom, *mutatis mutandis*, ikunu japplikaw għall-ordni ta' sekwestru.

(4) L-ordni ta' sekwestru għandu jiġi notifikat lis-sekwestratarju u lill-persuna suspettata minn uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva li ma jkollux grad inqas minn dak ta' spettur.

(5) L-ordni ta' sekwestru għandu, kemm-il darba dan ma jiġix revokat qabel mill-Avukat Ġenerali b'avviż bil-miktub li jiġi notifikat lill-persuna suspettata u lis-sekwestratarju bil-mod li hemm provdut dwaru fis-subartikolu (4), jtemm milli jibqa' fis-seħħ meta jiskadu tletin jum minn meta jinħareġ; u l-qorti m'għandhiex toħroġ ordni ta' sekwestru ieħor fil-konfront ta' dik il-persuna suspettata kemm-il darba ma tkunx sodisfatta li jkun hemm disponibbli informazzjoni sostanzjalment ġdida dwar il-ksur ta' dan l-Att:

Iżda dak il-perjodu ta' tletin jum m'għandux jibda jiddekorri sa dak iż-żmien meta l-persuna suspettata ma tkunx preżenti f'Malta u l-Avukat Ġenerali jgħarraf lis-sekwestratarju b'dan il-fatt b'avviż bil-miktub li jiġi notifikat bil-mod li hemm provdut dwaru fis-subartikolu (4).

Iffriżar ta' fondi.

17B. (1) (a) Meta persuna (hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "il-persuna akkużata") tkun ġiet akkużata sew kriminalment sew amministrattivament li ma kinetx konformi ma' xi disposizzjoni ta' dan l-Att jew ta' kull Att ieħor li dwaru l-Awtorità taġixxi jew tkun ġiet maħtura sabiex taġixxi bħala l-awtorità kompetenti u malli jirċievi talba mingħand l-Awtorità, l-Avukat Ġenerali jista', meta huwa jqis li jkun hekk adatt, jitlob li l-Qorti Kriminali toħroġ ordni bil-miktub lil xi persuna (hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ordni ta' iffriżar") –

(i) li tissekwestra f'idejn terzi l-flejjes kollha u kull proprjetà mobbli oħra dovuti jew li jappartjenu lill-persuna akkużata; u

(ii) li tipprojbixxi lill-persuna akkużata milli tittrasferixxi, tirhan, tipoteka jew xort'oħra tiddisponi minn kull proprjetà mobbli jew immobbli:

Iżda l-Qorti Kriminali għandha f'ordni bħal dak tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jiġu mħallsa lil jew jiġu riċevuti mill-persuna akkużata filwaqt li dak l-ordni jkun għadu viġenti, fejn tispeċifika l-oriġini, il-mod u l-metodi ta' pagament oħra, inklużi s-salarju, l-paga, il-pensjoni u l-benefiċċji tas-sigurtà soċjali li jitħallsu lill-persuna akkużata, sabiex hi u l-familja tagħha jkunu jistgħu jgħixu b'mod diċenti f'ammont, meta l-mezzi jkunu jippermettu, ta' sitt elef lira fis-sena:

Iżda wkoll il-Qorti Kriminali tista' inoltre'–

(i) tawtorizza l-ħlas ta' djun dovuti mill-persuna akkużata lil kredituri *bona fide* u li jkunu seħħu qabel ma jkun sar ordni bħal dak; u

(ii) għal raġunijiet tajba tawtorizza lill-persuna akkużata titrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli.

(b) Kull persuna indirizzata għandha minnufih tikkonforma ruħha ma' kull ordni li jingħata bil-miktub u li tinħareġ mill-Qorti Kriminali skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għar-rigward ta' dawk il-flejjes u attiv.

(2) Ordni ta' iffriżar għandha –

(a) tkun operattiva u vinkolanti fuq it-terzi kollha minnufih malli din tinħareġ, u r-Reġistratur tal-Qorti għandu jara li jiġi pubblikat avviż relattiv bla ebda dewmien fil-Gazzetta, u għandu wkoll jara li tiġi reġistrata kopja tagħha fir-Reġistru Pubbliku meta jkun hemm involuta proprjetà immobbli; u

(b) tibqa' fis-seħħ sa l-aħħar determinazzjoni li tirrigwarda l-proċeduri amministrattivi jew kriminali kontra l-persuna akkużata, skond il-każ.

(3) Il-Qorti Kriminali tista' f'ċirkostanzi partikolari tvarja tali ordni ta' iffriżar, u d-disposizzjonijiet tas-subartikoli preċedenti għandhom ikunu japplikaw għal tali ordni kif hekk varjat.

(4) Sakemm ikun possibbli, ordni ta' iffriżar għandu jkun fih l-isem u l-kunjom tal-persuna li tkun qegħda tiġi akkużata, il-professjoni, sengħa jew status ieħor tagħha, isem

missierha, isem ommha u kunjom xbubitha, post tat-twelid u post ta' residenza u n-numru tal-karta ta' l-identità tagħha jew dokument ta' identifikazzjoni ieħor, li jista' jkollha.

(5) Meta jkunu dovuti jew isiru dovuti xi flus lill-persuna akkużata mingħand xi persuna filwaqt li jkun hemm fis-seħħ xi ordni bħal dak, dawk il-flus għandhom, kemm-il darba fl-ordni ta' iffriżar ma jiġix ordnat xort'oħra, jiġu depożitati f'bank u jiġu akkreditati lill-persuna akkużata.

(6) Meta tali ordni ta' iffriżar itemm milli jibqa' fis-seħħ kif provdut fis-subartikolu (2)(*b*), ir-Reġistratur tal-Qorti għandu jara li jiġi ippubblikat avviż f'dak is-sens fil-Gazzetta, u għandu jniżżel fir-Reġistru Pubbliku nota li biha jħassar ir-reġistrazzjoni ta' dak l-ordni.

(7) L-Awtorità għandha żżomm kuntatt ma' l-Avukat Ġenerali fuq kwistjonijiet li joriġinaw taħt dan l-artikolu u l-artikolu 17A u tista' tiskambja informazzjoni, bla ħsara għall-obbligazzjoni tas-segretezza professjonali.".

Emenda ta' l-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali.

**8.** Minnufih wara s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(4) Bi tkomplija mal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-artikolu, il-Manager ta' l-Ilmenti tal-Konsumaturi għandu, kull meta ċ-ċirkostanzi ta' xi ilment ikunu hekk jeħtieġu, jinkoraġġixxi lill-partijiet fit-tilwima, sabiex jaslu għal konklużjoni bonarja ta' tilwima bejn il-konsumaturi.

(5) Il-*Manager* ta' l-Ilmenti tal-Konsumaturi għandu, sakemm ikun possibbli, jassisti u jikkopera ma' korpi li jkunu responsabbli għal-konklużjoni bonarja ta' tilwimiet bejn il-konsumaturi f'Malta u fi Stati Membri oħra u fi Stati ŻEE fil-konklużjoni ta' tilwimiet lokali u transkonfini bejn il-konsumaturi għar-rigward ta' servizzi finanzjarji.".

Enumerazzjoni mill-ġdid ta' l-artikoli 20A, 20B u 20C.

**9.** L-artikoli 20A, 20B u 20C ta' l-Att prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 20B, 20C u 20D rispettivament.

Żjieda ta' l-artikolu 20A ġdid.

**10**. Minnufih wara l-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied dan l-artikolu 20A ġdid li ġej:

"Setgħa ta' għemil ta' regolamenti.

20A. Il-Ministru, li jaġixxi bil-parir ta' l-awtorità kompetenti, jista' jagħmel regolamenti biex jittrasponi, jimplimenta u jagħti seħħ lid-disposizzjonijiet u l-ħtiġiet ta'

Direttivi, Regolamenti u kull miżura amministrattiva oħra ta' l-Unjoni Ewropea li tkun tenħtieġ li tiġi trasposta u, jew implementata, skond ma tista' tkun emendata minn żmien għal żmien, inkluża kull miżura ta' implimentazzjoni li tkun inħarġet jew li tista' tinħareġ taħtha;".

Emenda ta' l-artikolu 21 ta' l-Att prinċipali.

**11.** L-artikolu 21 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (8) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (13);

(b) is-subartikolu (10) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (11);

(c) is-subartikolu (11) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (8);

(d) fis-subartikolu (8) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "Appell lit-Tribunal" għandhom jidħlu l-kliem "Appell magħmul skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (9) ta' dan l-artikolu lit-Tribunal";

(e) is-subartikolu (12) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (10);

(f) minnufih wara s-subartikolu (11) kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied dan is-subartikolu (12) ġdid li ġej:

"(12) (a) Kull prova għandha tkun rilevanti għall-materja in kwistjoni bejn il-partijiet.

(b) Fil-każijiet kollha t-Tribunal għandu jitlob l-aħjar prova li l-parti tkun tista' ġġib.

(ċ) It-Tribunal m'għandux jippermetti li tinġieb xi prova li jqis bħala waħda irrilevanti jew superfluwa, jew li ma jikkunsidrax bħala li tkun l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib.";

(g) is-subartikolu (13) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (15);

(h) fis-subartikolu (14) tiegħu, minnufih wara l-kliem "lill-Qorti ta' l-Appell." għandhom jiżdiedu l-kliem "Jista' jsir appell sa mhux iżjed tard minn għoxrin ġurnata mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal.";

(i) fis-subartikolu (15) kif enumerat mill-ġdid minflok il-kliem "il-proċeduri sabiex" għandhom jidħlu l-kliem "il-proċeduri u drittijiet sabiex"; u

(j) is-subartikoli (15), (16) u (17) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (16), (17) u (18) rispettivament.

## TAQSIMA II

**12.** (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emenda ta' l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, Kap. 345.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Novembru, 2007.

**13.** Minflok it-titolu twil ta' l-Att għandu jidħol dan li ġej: Emenda tat-titolu twil ta' l-Att.

"Biex jipprovdi dwar l-awtorizzazzjoni ta' swieq regolati, depożitarji ċentrali tat-titoli u dwar il-negozjar b'mod ordinat ta' titoli trasferibbli u biex jipprovdi dwar affarijiet anċillari jew inċidentali għal dan jew li għandhom x'jaqsmu ma' dan.".

**14.** Fit-"Taqsim ta' l-Att", minflok il-kliem "Exchange ta' Investimenti Rikonoxxuti", għandhom jidħlu l-kliem "Swieq Regolati", u minflok il-kliem "Exchange ta' Investimenti Rikonoxxut" u, jew "Exchange ta' Investimenti Rikonoxxuti", kull fejn dawn jinsabu fl-Att prinċipali, għandhom jidħlu l-kliem "Suq Regolat" u, jew "Swieq Regolati", skond il-każ, u minflok il-kliem "Il-Borża ta' Malta", għandhom jidħlu l-kliem "Depożitarju ċentrali tat-Titoli". Emenda ta' "Taqsim ta' l-Att", u ta' l-Att prinċipali.

**15.** L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

(a) l-artikolu 2 tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu;

(b) fis-subartikolu (1) kif enumerat mill-ġdid:

(i) it-tifsira "il-bini tal-Borża" għandha titħassar;

(ii) minflok it-tifsira "*bye-laws*" għandha tidħol din it-tifsira li ġejja:

" "*bye-laws*" tfisser *bye-laws* magħmulin skond l-artikolu 4C;";

(iii) fit-tifsira "Bank Ċentrali", minflok il-kliem "Ċentrali ta' Malta," għandhom jidħlu l-kliem "Ċentrali ta' Malta kif imfisser fl-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta;";

(iv) minflok it-tifsira "depożitarju ċentrali tat-titoli" għandu jidħol dan li ġej:

" "depożitarju ċentrali tat-titoli" tfisser persuna li tkun awtorizzata skond it-Taqsima IV ta' dan l-Att li tipprovdi xi funzjoni waħda jew aktar mill-funzjonijiet stipulati fl-artikolu 26;";

(v) minnufih wara t-tifsira "*Exchange*", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "il-Komunità" tfisser il-Komunità Ewropea mwaqqfa bit-Trattat ta' Ruma fl-1957 u emendat istituzzjonalment u xort'oħra fl-1986 bl-Att Uniku Ewropew, fl-1993 bit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, fl-1997 bit-Trattat ta' Amsterdam u fl-2001 bit-Trattat ta' Nizza, u kif emendat b'kull ftehim ta' adeżjoni u skond ma jista' jiġi aktar emendat minn żmien għal żmien;";

(vi) it-tifsira "*Chairman*" għandha titħassar;

(vii) it-tifsira "enti morali" għandha titħassar;

(viii) it-tifsira "Kunsill" għandha titħassar;

(ix) it-tifsira "*Exchange*" għandha titħassar;

(x) (a) minnufih wara t-tifsira "strumenti finanzjarji elenkati", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "strumenti finanzjarji nominati" tirreferi għall-istrumenti regolati bid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28";

(b) minnufih wara t-tifsira "detentur ta' liċenza" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:–

" "id-Direttiva" tfisser Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar swieq ta' strumenti finanzjarji li jemendaw Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE, kif emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kull miżura ta' implimentazzjoni li tkun ġiet maħruġa jew li tista' tinħareġ taħtha;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "statut" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:–

" "Stat ŻEE" tfisser Stat li jkun parti kontraenti fil-ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea iffirmat f'Oporto fit-2 ta' Mejju, 1992 kif emendat bil-Protokoll iffirmat fi Brussel fis-17 ta' Marzu, 1993 u kif emendat b'attijiet sussegwenti;"; u

(d) minnufih wara t-tifsira "awtorità kompetenti" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:–

" "Awtorità regolatorja Ewropea" tfisser il-korp jew korpi nominati minn Stat Membru jew Stat ŻEE skond l-Artikolu 48 tad-Direttiva biex iwettqu kull wieħed mid-dmirijiet li hemm provdut dwarhom taħt id-disposizzjonijiet differenti tad-Direttiva;";

(xi) minflok it-tifsira "strumenti finanzjarji", għandu jidħol dan li ġej:

" "strumenti finanzjarji" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lill-kelma "strumenti" fit-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment;"; Kap. 370.

(xii) minnufih wara t-tifsira "persuna f'kumpannija", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Regoli ta' Swieq Finanzjarji" tirreferi għal Regoli maħruġin mill-awtorità kompetenti taħt diversi artikoli ta' dan l-Att";

(xiii) it-tifsira "sena finanzjarja" għandha titħassar;

(xiv) it-tifsira "kummerċ intern" għandha titħassar;

(xv) fit-tifsira "Awtorità dwar l-Elenku", il-kliem ", iżda sa dak iż-żmien li l-Ministru jagħmel dik il-ħatra kull riferenza għall-Awtorità dwar l-Elenku għandha tiftiehem bħala riferenza għall-Kunsill " għandhom jitħassru;

(xvi) minnufih wara t-tifsira "negozjar", għandha tiżdied din it-tifsira li ġejja:

" "Operatur fis-suq" tfisser persuna li tiġġestixxi u, jew topera n-negozju ta' suq regolat.

L-operatur fis-suq jista' jkun is-suq regolat innifsu;";

(xvii) minnufih wara t-tifsira "spettur" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Komunitajiet Ewropej;";

(xviii) minnufih wara t-tifsira ġdida "Regoli ta' Swieq Finanzjarji", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "sistema multilaterali" tinkludi dawk is-swieq kollha magħmulin minn ġabra ta' *bye-laws* u pjattaforma ta' negozjar kif ukoll dawk li jiffunzjonaw biss abbażi ta' ġabra ta' *bye-laws* imma teskludi sistemi bilaterali meta persuna taderixxi għal kull negozju f'isimha u għas-spejjeż tagħha u mhux bħala kontroparti li ma tieħux riskji u li tkun interposta bejn xerrej u bejjiegħ;";

(xix) it-tifsira "lista uffiċjali" għandha titħassar;

(xx) it-tifsira "mod ordinat" għandha titħassar;

(xxi) minnufih qabel it-tifsira ġdida "Awtorità regolatorja Ewropea" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Awtorità regolatorja barranija" tfisser awtorità f'pajjiż jew territorju barra minn Malta li ma jkunx Stat Membru jew Stat ŻEE li jeżerċita funzjoni regolatorja jew ta' sorveljanza għar-rigward ta' servizzi finanzjarji li jikkorrispondu għal funzjoni ta' l-awtorità kompetenti kif imfissra fl-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta;";

(xxii) minnufih wara t-tifsira "strumenti finanzjarji elenkati", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "suq regolat" tfisser sistema multilaterali operata minn operatur fis-suq, li ġġib flimkien jew tiffaċilita li jinġiebu flimkien interessi ta' xiri u bejgħ multipli ta' terzi ta' strumenti finanzjarji fis-sistema fil-kuntest tat-tifsir tad-Direttiva. Għall-finijiet ta' din it-tifsira, "interessi ta' xiri u bejgħ" tinkludi ordnijiet, kwotazzjonijiet u indikazzjonijiet ta' interess;";

(xxiii) it-tifsira "titoli" għandha titħassar;

(xxiv) it-tifsira "statut" għandha titħassar;

(xxv) it-tifsira "*stockbroker*" għandha titħassar;

(xxvi) minnufih wara t-tifsira ġdida "id-Direttiva", għandhom jiżdiedu dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "Direttiva dwar Offerti ta' *Takeover*" tfisser Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 fuq offerti ta' *takeover*, kif emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kull miżura ta' implimentazzjoni li tkun ġiet maħruġa jew li tista' tinħareġ taħtha;";

(xxvii) fit-test Ingliż fit-tifsira "*trading*", minflok il-kliem "*financial instruments; and*", għandhom jidħlu l-kliem "*financial instruments*;";

(xxviii) (a) minnufih wara t-tifsira "titoli", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "titoli trasferibbli" għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lill-frażi fl-Iskeda li tinsab ma' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment;"; u

(b) minnufih wara t-tifsira ġdida "Direttiva dwar Offerti ta' *Takeover*", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttiva dwar it-Trasparenza" tfisser Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 fuq l-armonizzazzjoni ta' ħtiġiet ta' trasparenza għar-rigward ta' informazzjoni dwar

emittenti li għandhom it-titoli tagħhom mdaħħlin fin-negozjar f'suq regolat u li jemendaw Direttiva 2001/34/KE, kif emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kull miżura ta' implimentazzjoni li tkun ġiet maħruġa jew li tista' tinħareġ taħtha;";

(xxix) fit-tifsira "tribunal", il-proviso li hemm miegħu għandha titħassar u minflok il-kliem "ta' Malta:", għandhom jidħlu l-kliem "ta' Malta."; u

(ċ) minnufih fi tmiem it-tifsira "tribunal", għandu jiżdied dan is-subartikolu (2) ġdid li ġej:

"(2) L-għan ta' dan l-Att hu, in parti, li jittrasponi u jimplimenta d-disposizzjonijiet tad-Direttiva, u konsegwentement dan l-Att u regolamenti adottati taħtu għandhom ikunu interpretati u applikati skond dan .".

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

**16.** L-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "minn *exchange* ta' investiment biex jikkwalifika bħala '*exchang*e' ta' investimenti rikonoxxut u li dwaru l-awtorità kompetenti tista' tagħmel ordni, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsejjaħ "ordni ta' rikonoxximent" taħt din it-Taqsima ta' dan l-Att;", għandhom jidħlu l-kliem "minn suq jekk dan għandu jikkwalifika bħala suq regolat li għar-rigward tiegħu tista' tinħareġ awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti";

(b) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "inklużi ħtiġiet għal rapporti", għandhom jidħlu l-kliem "inklużi ħtiġiet għal rapporti u trasparenza";

(ċ) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "ordni ta' rikonoxximent jew", għandhom jidħlu l-kliem "awtorizzazzjoni jew";

(d) minflok il-paragrafu (d) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(d) ħtiġiet għar-regolamentazzjoni u sorveljanza ta' operatur fis-swieq u, jew fi swieq regolati;";

(e) fil-paragrafu (e) tiegħu, minflok il-kliem "lmenti dwar", għandhom jidħlu l-kliem "lmenti dwar operatur fis-swieq u, jew";

(f) fil-paragrafu (f) tiegħu, minflok il-kliem "ir-regoli ta' *exchange* ta' investimenti rikonoxxut minn persuni li huma suġġetti għal dawk ir-regoli;", għandhom jidħlu l-kliem "*bye-laws* ta' swieq regolati minn persuni soġġetti għal tali *bye-laws*;";

(g) minflok il-paragrafu (g) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(g) arranġamenti għall-iskrutinju ta' prattiċi ta' operatur fis-swieq u, jew *bye-laws* u prattiċi ta' swieq regolati u għall-prevenzjoni ta' prattiċi restrittivi skond l-Att dwar il-Kompetizzjoni u regolamenti magħmulin taħtu;"; u

(h) fil-paragrafu (i) tiegħu, minflok il-kliem "ordni ta' rikonoxximent magħmula taħt", għandhom jidħlu l-kliem "awtorizzazzjoni magħmula taħt".

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

**17.** L-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "ta' *exchange'* ta' investiment f'Malta jew minn Malta kemm-il darba dik il-persuna ma jkollhiex fil-pussess tagħha ordni ta' rikonoxximent", għandhom jidħlu l-kliem "ta' suq regolat f'Malta jew minn ġewwa Malta kemm-il darba dik il-persuna ma jkollhiex f'idejha awtorizzazzjoni";

(b) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "għal ordni ta' rikonoxximent taħt din it-Taqsima ta' dan l-Att biex jiddikjarah bħala *exchange* ta' investimenti rikonoxxut", għandhom jidħlu l-kliem "għal awtorizzazzjoni taħt din it-Taqsima ta' dan l-Att biex jiddikjarah bħala *exchange* ta' investimenti awtorizzat";

(ċ) minnufih wara paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu, għandhom jiżdiedu dawn il-paragrafi ġodda li ġejjin (ċ) u (d):

"(ċ) Suq regolat għandu biss ikun awtorizzat meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li kemm l-operatur fis-suq kemm is-sistemi tas-suq regolat ikunu jikkonformaw mal-ħtiġiet applikabbli stabbiliti f'dan l-Att u f'kull regolament jew Regoli ta' Swieq Finanzjarji magħmulin taħtu.

(d) Meta suq regolat ikun persuna legali u jkun maniġġat jew operat minn operatur fis-suq li ma jkunx is-suq regolat innifsu, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi permezz ta' Regoli ta' Swieq Finanzjarji kif l-obbligi differenti

imposti fuq l-operatur fis-suq taħt id-Direttiva għandhom ikunu allokati bejn is-suq regolat u l-operatur fis-suq.";

(d) minflok is-subartikolu (2) tiegħu, għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) (a) L-operatur fis-suq tas-suq regolat għandu jipprovdi kull informazzjoni, li tkun meħtieġa biex l-awtorità kompetenti tkun tista' tissodisfa ruħha li s-suq regolat ikun stabbilixxa, fil-waqt ta' l-awtorizzazzjoni inizjali, l-arranġamenti kollha meħtieġa biex ikun jikkonforma ma' l-obbligi li għandu taħt l-Att jew regolamenti jew Regoli ta' Swieq Finanzjarji magħmulin taħtu.

(b) L-applikazzjoni għandha ssir b'dak il-mod li l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi bir-Regoli ta' Swieq Finanzjarji u magħha għandu jintehmeż:

(i) programm ta' operazzjonijiet li jistabbilixxu fost l-oħrajn it-tipi ta' kummerċ previst;

(ii) deskrizzjoni sħiħa ta' l-istruttura organizzattiva u *bye-laws* proposti jew arranġamenti simili ta' l-applikant;

(iii) informazzjoni dettaljata bħal m'hi meħtieġa mill-awtorità kompetenti dwar:

(a) il-persuni li effettivament imexxu n-negozju u l-operazzjonijiet tas-suq regolat;

(b) dawk il-persuni li huma sidien tas-suq regolat; u

(ċ) l-operatur fis-suq; u

(iv) kull informazzjoni oħra meħtieġa mill-awtorità kompetenti.";

(e) is-subartikoli (3) sa (11) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (4) sa (12) rispettivament;

(f) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subartikolu (3) ġdid li ġej:

"(3) L-operatur fis-suq għandu javża lill-awtorità kompetenti minnufih meta jsiru xi bidliet jew korrezzjonijiet fl-informazzjoni provduta skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu:

Iżda fil-każ ta' bidliet għall-persuni li effettivament imexxu n-negozju u l-operazzjonijiet tas-suq regolat għandha tenħtieġ l-awtorizzazzjoni mogħtija bil-quddiem ta' l-awtorità kompetenti:

Iżda wkoll meta jkun hemm raġunijiet oġġettivi u demonstrabbli biex jitqies li n-nomina jew l-elezzjoni ta' uffiċjal tippreżenta jew tista' tippreżenta theddida materjali għall-immaniġġar sod u prudenti u għall-operazzjoni tas-suq regolat, l-awtorità kompetenti għandha tirrifjuta milli tapprova dik in-nomina jew elezzjoni.";

(g) fis-subartikolu (4) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "L-awtorità kompetenti tista' toħroġ direttivi li jistabbilixxu", għandhom jidħlu l-kliem "Sabiex ikunu jistgħu jitwettqu bl-aħjar mod id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, l-awtorità kompetenti tista', minn żmien għal żmien, toħroġ u tippubblika Regoli ta' Swieq Finanzjarji li jkunu jorbtu lis-swieq regolati u lil oħrajn li jistgħu jiġu speċifikati fihom. Dawk ir-Regoli ta' Swieq Finanzjarji jistgħu jistabbilixxu ħtiġiet u kundizzjonijiet addizzjonali għar-rigward ta' attivitajiet ta' swieq regolati, it-tmexxija tan-negozju tagħhom, ir-relazzjonijiet tagħhom mal-klijenti, mal-partijiet pubbliċi u dawk oħrajn, ir-responsabbiltajiet tagħhom lejn l-awtorità kompetenti, ħtiġiet ta' rappurtar, riżorsi finanzjarji, adegwatezza kapitali u ħtiġiet relatati, u kull ħaġa oħra skond ma l-awtorità kompetenti tista' tikkunsidra li tkun adatta inklużi –";

(h) fis-subartikolu (6) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "Direttivi differenti jistgħu jinħarġu mill-awtorità kompetenti taħt is-subartikolu (3)" għandhom jidħlu l-kliem "Jistgħu jinħarġu Regoli ta' Swieq Finanzjarji differenti mill-awtorità kompetenti taħt is-subartikolu (4)";

(i) fis-subartikolu (8) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "u bla ħsara għal kull direttivi maħruġa taħt l-artikolu 4(3), tagħmel jew tirrifjuta li tagħmel ordni ta' rikonoxximent.", għandhom jidħlu l-kliem "u bla ħsara għar-Regoli ta' Swieq Finanzjarji maħruġa taħt is-subartikolu (4) tagħmel jew tirrifjuta li toħroġ awtorizzazzjoni. Meta l-awtorità kompetenti toħroġ awtorizzazzjoni, l-operatur fis-suq ikun responsabbli li jiżgura li

d-disposizzjonijiet ta' l-Att, regolamenti u Regoli ta' Swieq Finanzjarji magħmulin taħthom u kull miżura ta' implimentazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea skond is-setgħat mogħtijin lilha bid-Direttiva, li jkunu applikabbli għal swieq regolati, jitħarsu.";

(j) fis-subartikolu (9) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "Ordni ta' rikonoxximent għandu juri d-data effettiva tiegħu", għandhom jidħlu l-kliem "Awtorizzazzjoni għandha turi d-data effettiva tagħha";

(k) fis-subartikoli (10) u (11) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "għal ordni ta' rikonoxximent" kull fejn dawn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "għal awtorizzazzjoni "; u

(l) fis-subartikolu (12) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "Ordni ta' rikonoxximent jista' ", u "jinbidel, ikun sospiż jew jiġi revokat" għandhom jidħlu l-kliem "Awtorizzazzjoni tista' " u "tinbidel, tkun sospiża jew tiġi revokata" rispettivament.

Żjieda ta' l-artikoli ġodda 4A, 4B u 4C ma' l-Att prinċipali.

**18.** Minnufih wara l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandhom jiżdiedu dawn l-artikoli ġodda 4A, 4B u 4C li ġejjin:

"Il-liġi applikabbli meta Malta tkun l-Istat Membru domestiku.

4A. Mingħajr preġudizzju għal kull disposizzjoni rilevanti tad-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar *insider dealing* u l-manipulazzjoni tas-suq, id-dritt pubbliku fil-kuntest tat-tifsir tad-Direttiva li tirregola n-negozjar li jiġi ġestit taħt is-sistemi tas-suq regolat għandu jkun dak Malti meta Malta tkun l-Istat Membru domestiku.

Influwenza sinifikanti fuq l-immaniġġar ta' suq regolat.

4B. (1) Persuni li jinsabu f'posizzjoni li jeżerċitaw, direttament jew indirettament, influwenza sinifikanti fuq l-immaniġġar tas-suq regolat għandhom ikunu adatti u idonei.

(2) Ebda persuna m'għandha takkwista *holding* dirett jew indirett f'suq regolat u, jew l-operatur fis-suq li jkun jirrappreżenta għaxra (10) fil-mija jew aktar mill-kapital azzjonarju maħruġ minn dak il-korp jew mid-drittijiet tal-votazzjoni li jappartjenu għal dak il-kapital azzjonarju jew li tagħmilha ħaġa possibbli li tiġi eżeritata influwenza sinifikanti fuq l-immaniġġar tas-suq regolat ("parteċipazzjoni azzjonarja kwalifikanti") jew li tiżdied dik il-parteċipazzjoni azzjonarja kwalifikanti biex hekk il-proporzjon tad-drittijiet tal-votazzjoni jew tal-kapital azzjonarju miżmum minnha fis-suq regolat jilħaq jew jeċċedi l-għoxrin (20) fil-mija, it-tlieta u

tletin (33) fil-mija jew il-ħamsin (50) fil-mija kemm-il darba l-awtorità kompetenti ma tkunx ġiet avżata b'dik l-intenzjoni minn dik il-persuna jew mis-suq regolat rilevanti u l-awtorità kompetenti tkun approvat l-akkwist ta' jew iż-żjieda f'dik il-parteċipazzjoni azzjonarja kwalifikanti.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tirrifjuta li tapprova kull bidla fil-kontroll ta' l-interessi kif proposta mis-suq regolat u, jew l-operatur fis-suq skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu meta jkun hemm raġunijiet oġġettivi u demonstrabbli biex jitqies li dawn jippreżentaw theddida għall-immaniġġar sod u prudenti ta' dak is-suq regolat.

(4) L-operatur fis-suq ta' suq regolat għandu:

(a) jipprovdi lill-awtorità kompetenti, u jagħmel pubblika, informazzjoni li tkun tirrigwarda l-proprjetà tas-suq regolat u, jew l-operatur fis-suq, u b'mod partikolari, l-identità u skala ta' interessi ta' dawk il-partijiet li jkunu f'posizzjoni li jeżeritaw influwenza sinifikanti fuq l-amministrazzjoni;

(b) jinforma lill-awtorità kompetenti u jagħmel pubbliku, kull trasferiment ta' proprjetà li jagħti lok għal bidla fl-identità tal-persuni li jeżeritaw influwenza sinifikanti fuq l-operazzjoni tas-suq regolat.

*Bye-laws* ta' suq regolat u arranġamenti.

4C. (1) Swieq regolati għandhom ikunu obbligati:

(i) li jkollhom *bye-laws* ċari u trasparenti li jkunu jirrigwardaw l-ammissjoni ta' strumenti finanzjarji fin-negozjar li għandhom jiżguraw li kull strument finanzjarju mdaħħal fin-negozjar fis-suq regolat ikun jista' jiġi regolat b'mod ġust, ordinat u effiċjenti u, li titoli trasferibbli jkunu jistgħu jiġu negozjati liberament:

Iżda fil-każ ta' derivattivi dawk il-ħtiġiet għandhom ukoll jiżguraw li d-disinn tal-kuntratt derivattiv ikun jippermetti l-fissazzjoni ta' prezz ordinat tad-derivattiv kif ukoll l-eżistenza ta' kundizzjonijiet ta' risoluzzjoni effettivi;

(ii) li jkollhom arranġamenti effettivi biex jivverifikaw li l-emittenti ta' titoli trasferibbli li jiġu mdaħħla fin-negozjar ikunu jikkonformaw ma' l-obbligi

taghhom taħt il-liġi tal-Komunità Ewropea għar-rigward ta' obbligi ta' żvelar inizjali, kontinwi jew *ad hoc*;

(iii) li jistabbilixxu arranġamenti li jiffaċilitaw lill-membri jew parteċipanti jiksbu aċċess għal informazzjoni li tkun intgħamlet pubblika taħt il-liġi tal-Komunità Ewropea;

(iv) li jistabbilixxu l-arranġamenti meħtieġa li regolarment jirrevedu konformità mal-ħtiġiet ta' ammissjoni ta' l-istrumenti finanzjarji li huma mdaħħla fin-negozjar .

(2) Titolu trasferibbli li jkun ġie mdaħħal fin-negozjar f'suq regolat jista' jiġi sussegwentement mdaħħal fin-negozjar ta' swieq regolati oħra, ukoll mingħajr il-kunsens ta' l-emittent u f'konformità mad-disposizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' Novembru, 2003 fuq il-prospett li għandu jiġi pubblikat meta jiġu offruti titoli lill-pubbliku jew imdaħħal fin-negozjar, u li jemendaw Direttiva 2001/34/KE u kull miżura ta' implimentazzjoni li tkun ġiet maħruġa jew li tista' tinħareġ taħtha.

(3) L-emittent għandu jiġi informat mis-suq regolat bil-fatt li t-titoli trasferibbli tiegħu ikunu qegħdin jiġu negozjati f'dak is-suq regolat. L-emittent m'għandu jkun soġġett għal ebda obbligazzjoni biex jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa taħt il-paragrafu (ii) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu direttament lil xi suq regolat li jkun ammetta t-titoli trasferibbli ta' l-emittent fin-negozjar mingħajr il-kunsens relattiv.

(4) Meta jkunu qegħdin jikkonformaw ruħhom mad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu swieq regolati għandhom ukoll jikkonformaw ruħhom mad-disposizzjonijiet applikabbli tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) nru. 1287/2006 ta' 10 ta' Awissu 2006 li jimplementa Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għar-rigward ta' obbligazzjonijiet ta' żamma ta' *records* għal ditti ta' investiment, rappurtar ta' operazzjonijiet, trasparenza fis-suq, ammissjoni ta' strumenti finanzjarji fin-negozjar, u pattijiet imfissra għall-finijiet ta' dik id-Direttiva fuq it-trasparenza qabel u wara n-negozju u l-ammissjoni fin-negozjar kif tista' tkun emendata minn żmien għal żmien.".

**19.** L-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali.

(a) fin-nota marġinali tiegħu, minflok il-kelma "Direttivi.", għandhom jidħlu l-kliem "Regoli ta' Swieq Finanzjarji.";

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "tista' toħroġ direttivi", għandhom jidħlu l-kliem "tista' toħroġ Regoli ta' Swieq Finanzjarji";

(ċ) minflok is-subartikolu (2) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Regoli ta' Swieq Finanzjarji maħruġin mill-awtorità kompetenti jistgħu jkunu jeħtieġu li tingħata informazzjoni f'xi forma speċifika u li din tiġi verifikata b'xi mod speċifiku u kull informazzjoni li tkun hekk meħtieġa għandha tingħata malajr kemm jista' jkun."; u

(d) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jitħassar.

**20.** L-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

(a) fin-nota marġinali tiegħu, minflok il-kelma "Direttivi", għandhom jidħlu l-kliem "Regoli ta' Swieq Finanzjarji";

(b) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "xi waħda mid-direttivi", għandhom jidħlu l-kliem "xi Regola ta' Swieq Finanzjarji", u minflok il-kliem "speċifikati fid-direttiva", għandhom jidħlu l-kliem "speċifikati fir-Regola ta' Suq Finanzjarju";

(ii) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "d-direttivi", kull fejn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "r-Regoli ta' Swieq Finanzjarji";

(iii) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "tad-direttivi kif intqal", għandhom jidħlu l-kliem "tar-Regoli ta' Suq Finanzjarju kif imsemmi", u minflok il-kliem "dawk id-direttivi", għandhom jidħlu l-kliem "dawk ir-Regoli ta' Swieq Finanzjarji"; u

(ċ) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "Direttiva maħruġa", għandhom jidħlu l-kliem "Regola ta' Suq Finanzjarju maħruġa".

Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

**21.** L-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "għar-rikonoxximent", għandhom jidħlu l-kliem "għall-awtorizzazzjoni ";

(ii) fis-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "jew xi ħtieġa oħra tkun li tkun.", għandhom jidħlu l-kliem "jew xi ħtieġa oħra tkun li tkun;";

(b) minnufih wara subparagrafu (ii) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subparagrafu (iii) ġdid li ġej:

"(iii) fejn tkun teħtieġ il-waqfien ta' kull prattika li tmur kontra d-disposizzjonijiet adottati fl-implimentazzjoni tad-Direttiva.".

Emenda ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali.

**22.** L-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-nota marġinali tiegħu, minflok il-kliem "ta' ordni ta' rikonoxximent .", għandhom jidħlu l-kliem "ta' awtorizzazzjoni.";

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "Ordni ta' rikonoxximent ", għandhom jidħlu l-kliem "Awtorizzazzjoni ";

(ċ) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "għal rikonoxximent", għandhom jidħlu l-kliem "għal awtorizzazzjoni ";

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "taħt dan l-Att," għandhom jidħlu l-kliem " taħt dan l-Att, jew";

(iii) minnufih wara l-paragrafu (b) tiegħu, għandhom jiżdiedu dawn il-paragrafi (ċ), (d) u (e) ġodda li ġejjin:

"(ċ) ma jkunx qiegħed juża l-awtorizzazzjoni fi żmien tnax-il xahar, jirrinunzja espressament l-awtorizzazzjoni jew ma jkunx opera matul is-sitt xhur ta' qabel; jew

(d) ikun kiseb l-awtorizzazzjoni billi għamel dikjarazzjonijiet foloz jew b'xi mezz ieħor irregolari; jew

(e) ma jibqax aktar jikkonforma ruħu mal-kundizzjonijiet li l-awtorizzazzjoni tkun ingħatat taħthom,";(iv) fil-paragrafu li jiġi minnufih wara l-paragrafu (e) ġdid tiegħu, minflok il-kliem "l-ordni ta' rikonoxximent ", kull fejn dawn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "l-awtorizzazzjoni ";

(d) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "li jirrevoka ordni ta' rikonoxximent ", għandhom jidħlu l-kliem "li jirrevoka awtorizzazzjoni ";

(e) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jitħassar;

(f) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (4).

Emenda ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

**23.** L-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "ir-regoli jew il "*bye-laws*" u "regoli jew *bye-laws*", għandhom f'kull każ jidħlu l-kliem "*bye-laws*";

(b) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "fuq l-*exchange*", għandhom jidħlu l-kliem "fis-suq regolat".

Żjieda ta' l-artikolu 10A ġdid ma' l-Att prinċipali.

**24.** Minnufih wara l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu 10A ġdid li ġej:

"*Clearing* u konklużjoni ta' operazzjoni-jiet.

10A. (1) Is-swieq regolati għandhom joffru lill-membri jew lill-parteċipanti kollha tagħhom id-dritt li jagħżlu s-sistemi għall-*clearing* u konklużjoni ta' operazzjonijiet ta' strumenti finanzjarji adoperati f'dak is-suq regolat bla ħsara għal:

(a) dawk il-konnessjonijiet u arranġamenti bejn is-sistema ta' *clearing* u konklużjoni magħżula u kull sistema jew faċilità oħra li tista' tkun meħtieġa biex tiżgura l-konklużjoni effiċjenti u ekonomika ta' l-operazzjoni in kwistjoni; u

(b) ftehim mill-awtorità kompetenti responsabbli għas-sorveljanza tas-suq regolat li l-kundizzjonijiet

teknići għall-*clearing* u konklużjoni ta' operazzjonijiet magħmulin fis-suq regolat permezz ta' sistema ta' *clearing* u konklużjoni li ma tkunx dik magħżula missuq regolat ikunu tali li jippermettu l-funzjonament bla ebda xkiel u ordinat tas-swieq finanzjarji.

(2) Swieq regolati m'għandhomx ikunu projbiti milli jidħlu f'arranġamenti adatti ma' xi kontroparti ċentrali jew *clearing house* u sistema ta' *clearing* u konklużjoni ta' xi Stat Membru ieħor jew Stat ŻEE bil-għan li jiġi provdut dwar il-*clearing* u, jew konklużjoni ta' xi negozjar jew in-negozjar kollu magħmul minn parteċipanti fis-suq taħt is-sistemi tagħhom:

Iżda l-awtorità kompetenti tista' tipprojbixxi lil suq regolat milli jagħmel arranġamenti bħal dawk meta hija tqis li dan ikun meħtieġ biex jinżamm il-funzjonament b'mod ordinat ta' dak is-suq regolat.".

Emenda ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

**25.** L-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "għal-lista uffiċjali u għal kull lista rikonoxxuta oħra", għandhom jidħlu l-kliem "għal kull lista rikonoxxuta";

(b) minflok il-paragrafu (b) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(b) li tagħmel Regoli għall-Elenku għall-aħjar implimentazzjoni u finijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att;";

(ċ) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, minnufih wara l-kliem "jibqgħu elenkati", għandhom jiżdiedu l-kliem ġodda "u biex tissorvelja l-iżvelar fil-ħin ta' informazzjoni mill-emittenti jew minn kull persuna oħra li tkun soġġetta għar-Regoli għall-Elenku bil-għan li jiġi żgurat aċċess effettiv u indaqs għall-pubbliku f'Malta u fl-Istati Membri kollha jew fi Stati ŻEE meta jiġu negozjati t-titoli trasferibbli;";

(d) minflok il-paragrafu (d) tiegħu għandhom jidħlu dawn il-paragrafi (d) u (e) ġodda li ġejjin:

"(d) li taġixxi bħala l-awtorità amministrattiva kompetenti u ċentrali responsabbli għat-twettiq ta' l-obbligi li hemm provdut dwarhom fit-Direttiva dwar it-Trasparenza u li tiżgura li jiġu applikati d-disposizzjonijiet adottati konformement ma' din id-Direttiva u li toħroġ regoli bi

tkomplija mar-responsabbiltà li għandha taħt kull disposizzjoni ta' dik id-Direttiva liema jkunu dawk ir-regoli li jobbligaw lill-emittenti, azzjonisti u lil kull persuna oħra skond ma jista' jiġi indikat f'dawk ir-regoli;

(e) sabiex taġixxi bħala l-awtorità kompetenti biex tissorvelja offerti bl-iskop tar-Regoli għall-Elenku magħmulin jew introdotti konformement mad-Direttiva dwar Offerti ta' *Takeover*.".

**26.** L-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "negozju fuq il- lista uffiċjali jew xi lista rikonoxxuta oħra kemm-il darba l-Awtorità dwar l-Elenku ma tkunx qabel awtorizzat l-ammissibilità ta' dawk l-istrumenti finanzjarji għall-elenku skond kull regola magħmula taħt l-artikolu 13.", għandhom jidħlu l-kliem "negozju xi lista rikonoxxuta kemm-il darba l-Awtorità dwar l-Elenku ma tkunx qabel awtorizzat l-ammissibilità ta' dawk l-istrumenti finanzjarji għall-elenku skond ir-Regoli għall-Elenku magħmula taħt l-artikolu 13.";

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "għall-elenku fil-lista uffiċjali jew f'xi lista rikonoxxuta oħra.", għandhom jidħlu l-kliem "għall-elenku f'xi lista rikonoxxuta.";

(b) is-sub-artikolu (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "Il-Borża u kull *exchange* ta' investimenti rikonoxxut jistgħu jdaħħlu għall-elenku u negozju fuq il-lista uffiċjali jew, skond il-każ, fuq il-lista rikonoxxuta konċernata", għandhom jidħlu l-kliem "Kull suq regolat jista' jdaħħal għall-elenku u negozju fuq il-lista rikonoxxuta in kwistjoni";

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "għal-lista uffiċjali jew għal xi lista rikonoxxuta oħra", għandhom jidħlu l-kliem "għal xi lista rikonoxxuta";

(iii) fil-proviso mal-paragrafu (b) tiegħu, il-kliem "l-Borża u" għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali.

**27.** L-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali tiegħu, minflok il-kliem "Regoli għall-elenku" għandhom jidħlu l-kliem "Regoli għall-Elenku";

(b) minflok il-kliem "regoli għall-elenku" kull fejn dawn jinsabu fid-disposizzjoni msemmija u fl-Att għandhom jidħlu l-kliem "Regoli għall-Elenku";

(ċ) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "għall-lista uffiċjali jew xi lista rikonoxxuta oħra", għandhom jidħlu l-kliem "għal xi lista rikonoxxuta";

(d) fil-paragrafu (d) tiegħu, minflok il-kliem "f'xi partikolaritajiet dwar l-elenku, fil-prospett" għandhom jidħlu l-kliem "f'xi prospett";

(e) fil-paragrafu (e) tiegħu, minflok il-kliem "dwar xi partikolaritajiet dwar l-elenku, il-prospett" għandhom jidħlu l-kliem "dwar xi prospett";

(f) fil-paragrafu (f) tiegħu, minflok il-kliem "fir-regoli, il-pubblikazzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "fir-Regoli għall-Elenku, il-pubblikazzjoni", u minflok il-kliem "fil-lista uffiċjali jew f'xi lista rikonoxxuta", għandhom jidħlu l-kliem "f'xi lista rikonoxxuta";

(g) fil-paragrafu (g) tiegħu, minflok il-kliem "l-Awtorità dwar l-Elenku, tal-Borża u ta' *exchanges* ta' investimenti rikonoxxuti", għandhom jidħlu l-kliem "l-Awtorità dwar l-Elenku u swieq regolati";

(h) il-paragrafu (i) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (j); u

(i) minnufih wara l-paragrafu (h) tiegħu, għandu jiżdied dan il-paragrafu (i) ġdid li ġej:

"(i) li jittrasponu, jimplimentaw u jagħtu effett għad-disposizzjonijiet, ħtiġiet, obbligi, rabtiet u miżuri tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill maħruġin f'dak li għandu x'jaqsam mar-regolamentazzjoni ta' ammissibilità għall-elenkar ta' strumenti finanzjarji fi swieq regolati u, jew ir-regolamentazzjoni ta' emittenti jew ta' xi persuna oħra bla ħsara għar-Regoli għall-Elenku, li joriġinaw mis-sħubija, affiljazzjoni jew relazzjoni ma' organizzazzjonijiet

internazzjonali jew reġjonali jew aggruppamenti ta' pajjiżi jew minn xi trattat, konvenzjoni jew ftehim internazzjonali ieħor sew bilaterali, reġjonali jew multilaterali, li Malta tkun tappartjeni għalih;".

**28.** Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "dawk ir-regoli ta' proċedura murija", għandhom jidħlu l-kliem "dik il-proċedura murija".

Emenda ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali.

**29.** L-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jitħassar;

(b) is-subartikoli (3) u (4) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (2) u (3) rispettivament; u

(ċ) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) kif enumerat mill-ġdid, u kull fejn dawn il-kliem jinsabu fl-Att, minflok il-kliem "regola dwar l-elenku" għandhom jidħlu l-kliem "Regola dwar l-Elenku".

**30.** L-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(1) L-Awtorità dwar l-Elenku għandha tavża lill-applikant bid-deċiżjoni tagħha li tkun tirrigwarda l-approvazzjoni tal-prospett fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol minn meta jiġi ippreżentat l-abbozz tal-prospett.";

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(2) It-terminu msemmi fis-subartikolu (1) għandu jiġi mtawwal għal għoxrin ġurnata tax-xogħol jekk l-offerta tkun tinvolvi titoli trasferibbli maħruġa minn emittent li ma jkollu ebda titoli trasferibbli mdaħħla fin-negozjar f'suq regolat u li ma jkunx qabel offra titoli trasferibbli lill-pubbliku.";

(ċ) is-subartikoli (3), (4), (5), (6) u (7) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (5), (6), (7), (8) u (9) rispettivament; u

(d) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu, għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli (3) u (4) ġodda li ġejjin:

"(3) (a) Jekk jirriżulta lill-Awtorità dwar l-Elenku, għal raġunijiet motivati, li d-dokumenti li jkunu ġew lilha ppreżentati ma jkunux kompleti jew li tkun tenħtieġ informazzjoni supplimentari, it-termini msemmija fis-subartikoli (1) u (2) għandhom japplikaw biss mid-data minn meta tiġi provduta dik l-informazzjoni mill-applikant.

(b) Fil-każ imsemmi fis-subartikolu (1) l-Awtorità dwar l-Elenku għandha tavża lill-applikant jekk id-dokumenti ma jkunux kompleti fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol minn meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni.

(4) Jekk l-Awtorità dwar l-Elenku tonqos milli tagħti deċiżjoni fuq il-prospett fit-termini msemmija fis-subartikoli (1) u (2), dan m'għandux ikun ikkunsidrat bħala li jikkostitwixxi approvazzjoni tal-prospett."; u

(e) fis-subartikolu (6) kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "skond is-subartikolu (5)", għandhom jidħlu l-kliem "skond is-subartikolu (7)".

Emenda ta' l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali.

**31.** Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "fuq it-talba tal-Borża jew ta' *exchange* ta' investimenti rikonoxxut ieħor li fuqhom" għandhom jidħlu l-kliem "fuq it-talba ta' *exchange* ta' investimenti rikonoxxut li fuqu";

(b) minflok il-paragrafu (b) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(b) Mingħajr ebda preġudizzju għad-dritt li l-Awtorità dwar l-Elenku għandha taħt il-paragrafu (a) ta' dan l-artikolu li titlob is-sospensjoni jew it-tneħħija ta' xi strument minn negozjar, l-operatur fis-suq tas-suq regolat jista' jissospendi jew ineħħi minn negozju strument finanzjarju li ma jkunx għadu aktar jikkonforma ma' *bye-laws* tas-suq regolat kemm-il darba dik l-azzjoni ma tkunx x'aktarx tikkaġuna danni sinifikanti lill-interessi ta' investituri jew il-funzjonament ordinat tas-suq. L-operatur fis-suq ta' suq regolat li jissospendi jew ineħħi min-negozju strument finanzjarju għandu jagħmel din id-deċiżjoni waħda pubblika u jikkomunika l-informazzjoni rilevanti lill-Awtorità dwar l-Elenku. L-Awtorità dwar l-Elenku għandha tinforma lill-awtoritajiet regolatorji Ewropej ta' l-Istati Membri l-oħra jew ta' Stati ŻEE b'din id-deċiżjoni.";

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (b) tiegħu, għandu jiżdied dan il-paragrafu (ċ) ġdid li ġej:

"(ċ) Meta l-Awtorità dwar l-Elenku titlob is-sospensjoni jew it-tneħħija ta' strument finanzjarju minn negozju f'xi suq regolat wieħed jew aktar swieq regolati, din għandha minnufih tagħmel id-deċiżjoni tagħha waħda pubblika u tgħarraf b'dan lill-awtoritajiet regolatorji Ewropej ta' l-Istati Membri l-oħra jew lill-Istati ŻEE.".

**32.** L-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali.

(a) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "l-interess tal-Borża jew ta' xi" għandhom jidħlu l-kliem "l-interess ta' ";

(b) fis-subartikolu (7) tiegħu, minflok il-kliem "fil-lista uffiċjali jew lista rikonoxxuta oħra", għandhom jidħlu l-kliem "f'xi lista rikonoxxuta".

**33.** L-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali.

(a) fin-nota marġinali tiegħu, minflok il-kliem "Penali jew ċensura dwar", għandhom jidħlu l-kliem "Penali dwar";

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "strumenti; jew" għandhom jidħlu l-kliem "strumenti,";

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "fl-elenku;" għandhom jidħlu l-kliem "fl-elenku, jew";

(iii) minnufih wara l-paragrafu (b) tiegħu, għandu jiżdied dan il-paragrafu (ċ) ġdid li ġej:

"(ċ) ħaddieħor soġġett għar-Regoli għall-Elenku,";

(iv) minflok il-kliem "mhux iżjed minn għoxrin elf lira.", għandhom jidħlu l-kliem "mhux iżjed minn erbgħin elf lira.";

(ċ) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi mħassar;

(d) is-subartikoli (3), (4), (5) u (6) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (2), (3), (4) u (5) rispettivament; u

(e) fis-subartikolu (5) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "tas-subartikolu (5)" għandhom jidħlu l-kliem "tas-subartikolu (4)".

Emenda ta' l-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali.

**34.** L-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali tiegħu, minflok il-kliem "Avviż ta' penali jew ċensura." għandhom jidħlu l-kliem "Avviż ta' penali.";

(b) is-subartikoli (3) u (5) tiegħu għandhom jitħassru;

(ċ) is-subartikoli (4) u (6) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (3) u (4) rispettivament.

Emenda ta' l-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali.

**35**. L-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "(ċ) lill-Borża jew dak l-*exchange* ta' investimenti rikonoxxut ieħor dwar kull strument finanzjarju elenkat fil- Borża jew fl-*exchange* ta' investimenti rikonoxxut l-ieħor li jkun ikkonċernat", għandhom jidħlu l-kliem "(ċ) lil swieq regolati għar-rigward ta' kull strument finanzjarju elenkat fis-swieq regolati involuti";

(b) minflok il-paragrafu (a) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(a) jekk l-Awtorità dwar l-Elenku tiddelega xi waħda mis-setgħat li għandha biex timponi penali amministrattivi taħt l-artikolu 19(1) u (2) għas-swieq regolati involuti, l-artikolu 19(3) u l-artikolu 20 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għas-swieq regolati involuti"; u

(ċ) il-proviso mal-paragrafu (b) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "taħt l-artikolu 19(1), (2) u (3) kif intqal qabel la l-Awtorità dwar l-Elenku u lanqas il-Borża jew l-*exchange* ta' investimenti rikonoxxut l-ieħor li jkun konernat", għandhom jidħlu l-kliem "taħt l-artikolu 19(1) u (2) kif hawn qabel imsemmi la l-Awtorità dwar l-Elenku lanqas is-swieq regolati involuti"; u

(ii) minflok il-kliem "l-Elenku jew il-Borża jew l-*exchange* ta' investimenti rikonoxxut konernat, skond il-każ,", għandhom jidħlu l-kliem "l-Elenku jew is-swieq regolati involuti,".

**36.** Minflok it-Taqsima IV ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

Sostituzzjoni tat-Taqsima IV ta' l-Att prinċipali.

## TAQSIMA IV

## DEPOŻITARJU ĊENTRALI TAT-TITOLI

Htieġa ta' awtorizzazzjoni.

24. (1) Ebda persuna m'għandha topera depożitarju ċentrali tat-titoli jew tipprovdi, jew tippreżenta ru'ha bħala, jew tipprovdi, is-servizz ta' depożitarju ċentrali tat-titoli f'Malta jew minn Malta kemm-il darba dik il-persuna ma jkollhiex fil-pussess tagħha awtorizzazzjoni bil-miktub maħruġa mill-awtorità kompetenti taħt din it-Taqsima.

(2) Korp magħqud jew mhux magħqud jista' japplika bil-miktub għand l-awtorità kompetenti għal awtorizzazzjoni taħt din it-Taqsima, li jkun jawtorizzah jaġixxi bħala depożitarju ċentrali tat-titoli għall-finijiet ta' dan l-Att.

Kap. 204.

(3) Awtorizzazzjoni sabiex taġixxi bħala depożitarju ċentrali tat-titoli tista' tingħata biss meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li l-applikant ikun jikkonforma u ser ikun f'posizzjoni li jikkonforma ruħu mal-ħtiġiet applikabbli stabbiliti f'dan l-Att u f'regolamenti u Regoli ta' Swieq Finanzjarji maħruġin taħtu.

(4) Ebda ħaġa f'dan l-Att jew f'regolamenti magħmulin taħtu m'għandha tiftiehem bħala li tagħmel depożitarju ċentrali tat-titoli kapaċi jew tagħtih is-setgħa li jwettaq xi funzjoni jew attività li tkun teħtieġ l-approvazzjoni jew l-awtorizzazzjoni skond l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta jew kull liġi oħra.

Deċiżjoni dwar applikazzjoni.

25. (1) Meta tkun qegħda tiddeċiedi dwar xi applikazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra dik l-informazzjoni u dawk il-fatturi l-oħra li hija tista' tqis li jkunu rilevanti jew sinifikanti għall-applikazzjoni.

(2) L-awtorità kompetenti tista', wara li tirċievi applikazzjoni magħmula kif imiss skond din it-Taqsima, toħroġ jew tiċħad milli toħroġ awtorizzazzjoni. Meta l-

awtorità kompetenti toħroġ awtorizzazzjoni, id-depożitarju ċentrali tat-titoli għandu jkun responsabbli biex jiżgura li d-disposizzjonijiet ta' l-Att, regolamenti magħmulin taħtu u Regoli ta' Swieq Finanzjarji maħruġa mill-awtorità kompetenti, li huma applikabbli għad-depożitarju ċentrali tat-titoli, jitħarsu.

(3) L-awtorizzazzjoni għandu jkun fiha d-data meta din tibda sseħħ.

(4) Meta l-awtorità kompetenti tiċħad applikazzjoni għal awtorizzazzjoni hija għandha tagħti lill-applikant avviż f'dak is-sens fejn tiddikjara x'ikunu r-raġunijiet għal dak iċ-ċħid.

(5) Jekk l-awtorità kompetenti tiċħad l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, l-applikant ikollu dritt ta' appell quddiem it-Tribunal skond it-Taqsima VI ta' dan l-Att.

(6) L-awtorizzazzjoni tista', skond dawk ir-regolamenti li jistgħu jiġu ordnati, tinbidel, tiġi sospiża jew revokata mill-awtorità kompetenti.

(7) Awtorizzazzjoni maħruġa lil depożitarju ċentrali tat-titoli taħt dan l-artikolu għandha tidentifika l-istrumenti finanzjarji, nominati jew xorthoħra, li d-depożitarju ċentrali tat-titoli jkun awtorizzat li jipprovdilhom servizzi u għandha aktar minn hekk tidentifika l-funzjonijiet li hija tkun awtorizzata twettaq.

Funzjonijiet ta' depożitarju ċentrali tat-titoli.

26. Mingħajr preġudizzju għal kull setgħa jew funzjoni oħra mogħtija lilha bil-liġi jew regolamenti, il-funzjonijiet ta' depożitarju ċentrali tat-titoli jistgħu jinkludu dan li ġej:

(a) l-għoti ta' faċilitajiet ta' kustodja jew dawk ta' depożitu għar-rigward ta' strumenti finanzjarji;

(b) żamma ta' reġistri ta' membri u ta' detenturi ta' strumenti finanzjarji u r-reġistrazzjoni ta' operazzjonijiet u *holdings* ta' strumenti finanzjarji;

(ċ) l-għoti, l-immaniġġar u l-amministrazzjoni ta' sistema ta' *clearing* u konklużjoni ta' titoli għar-rigward ta' strumenti finanzjarji, inkluż l-għoti ta' dħul u kollegamenti interoperabbli bejn sistema bħal dik u

sistemi oħra ta' *clearing* u konklużjoni ta' titoli, depożitarji ċentrali tat-titoli, kontropartijiet u *clearing houses* ċentrali, u servizzi oħra anillari għal dawk hawn qabel imsemmija;

(d) l-awtentikazzjoni ta' reġistru ta' membri jew detenturi ta' strumenti finanzjarji nominati jew ta' xi estratt tiegħu;

(e) kull funzjoni oħra anċillari jew konsegwenzjali li jkollha x'taqsam ma' dak hawn qabel imsemmi inkluż kull servizz amministrattiv korporattiv relatat, kemm preparatorju kemm xort'oħra, li jirrigwarda affarijiet dwar strumenti finanzjarji li jinsabu elenkati jew li għad iridu jiġu elenkati, skond ma jista' jiġi stabbilit bir-Regoli ta' Swieq Finanzjarji:

Iżda ebda depożitarju ċentrali tat-titoli ma jista' jkun awtorizzat jiġġestixxi funzjonijiet li jkunu unikament anċillari jew konsegwenzjali.

Revoka ta' awtorizzazzjoni.

27. (1) L-awtorizzazzjoni tista' tkun revokata b'ordni maħruġa bil-miktub mill-awtorità kompetenti fuq talba, jew bil-kunsens, tad-depożitarju ċentrali tat-titoli jew xort'oħra kif provdut f'dan l-Att.

(2) L-awtorizzazzjoni tista' tkun revokata bħordni maħruġa bil-miktub mingħajr il-kunsens ta' depożitarju ċentrali tat-titoli, jekk ikun jidher lill-awtorità kompetenti li d-depożitarju ċentrali tat-titoli:

(a) ikun qiegħed jonqos, jew ikun naqas, milli jissodisfa l-ħtiġiet għal awtorizzazzjoni taħt dan l-Att, regolamenti jew Regoli ta' Swieq Finanzjarji magħmulin taħtu; jew

(b) ikun qiegħed jonqos, jew ikun naqas, milli jikkonforma ruħu ma' kull obbligazzjoni oħra imposta fuqu minn jew taħt dan l-Att, regolamenti jew Regoli ta' Swieq Finanzjarji magħmulin taħtu; jew

(ċ) ma jagħmilx użu mill-awtorizzazzjoni fi żmien tnax-il xahar, jirrinunzja espressament l-awtorizzazzjoni jew ma jkunx eżerċita matul is-sitt xhur li jaħbtu minnufih qabel; jew

(d) ikun kiseb l-awtorizzazzjoni billi għamel dikjarazzjonijiet foloz jew b'xi mezzi oħra irregolari; jew

(e) ma jkunx għadu jikkonforma aktar mal-kundizzjonijiet li taħthom tkun ingħatat awtorizzazzjoni.

(3) Ordni taħt is-subartikoli (1) u (2) li tkun tirrevoka awtorizzazzjoni hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ordni ta' revoka" għandha tispeċifika d-data meta din għandha tibda sseħħ.

(4) Ordni ta' revoka jista' jkun fiha dawk id-disposizzjonijiet transitorji u pattijiet u kundizzjonijiet oħrajn skond ma l-awtorità kompetenti tista' tikkunsidra li jkunu meħtieġa jew spedjenti.

(5) Jekk tinħareġ ordni ta' revoka, depożitarju ċentrali tat-titoli jkollu dritt ta' appell lit-Tribunal skond it-Taqsima VI.

Strumenti finanzjarji nominati.

28. (1) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, it-titolu għal drittijiet u d-drittijiet għar-rigward ta' strumenti finanzjarji nominati, li jkollhom ir-reġistru tagħhom miżmum f'depożitarju ċentrali tat-titoli, jista' jiġi oriġinat u, jew trasferit bi tniżżil fir-reġistru miżmum f'depożitarju ċentrali tat-titoli u ebda strument bil-miktub m'għandu jkun meħtieġ għal dan l-għan.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, it-titolu għal drittijiet u d-drittijiet għar-rigward ta' strumenti finanzjarji nominati, li jkollhom ir-reġistru tagħhom miżmum f'depożitarju ċentrali tat-titoli, jista' jinżamm jew jintwera f' forma dematerjalizzata jew mhux ċertifikata.

(3) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 1966 (3) u (4) tal-Kodiċi Ċivili m'għandhomx ikunu japplikaw għar-rigward ta' strumenti finanzjarji nominati u l-privileġġ imsemmi fit-Titolu XXI tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi msemmi għandu joriġina meta r-rahan ikun ġie reġistrat kif imiss ma' depożitarju ċentrali tat-titoli.

(4) *Record* awtentiku tal-membri u d-detenturi ta' strumenti finanzjarji u ta' operazzjonijiet u *holdings* ta' strument finanzjarju nominat jistgħu jinżammu, jiġu aġġornati

u tingħata prova dwarhom minn depożitarju ċentrali tat-titoli li jkun awtorizzat kif imiss skond ma jinsab f'din it-Taqsima.

(5) Ir-reġistru u d-dokumenti miżmuma minn depożitarju ċentrali tat-titoli għar-rigward ta' strumenti finanzjarji nominati għandhom, bi ħlas raġonevoli, ikunu disponibbli għall-ispezzjon ta' kull min irid skond ma jista' jiġi stabbilit b'regolamenti li għandhom jistabbilixxu liema *records* u reġistri li jkunu qegħdin jinżammu minn depożitarju ċentrali tat-titoli kienu se jkunu disponibbli għall-ispezzjon pubbliku u taħt liema kundizzjonijiet.

Applikazzjoni ta' artikoli ohra.

29. Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 4B, 6, 7, u 9 tat-Taqsima II ta' dan l-Att għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għad-depożitarji ċentrali tat-titoli awtorizzati taħt din it-Taqsima.

Setghat tal-Ministru li jaghmel regolamenti.

30. (1) Il-Ministru, li jaġixxi bil-parir ta' l-awtorità kompetenti, jista' jagħmel regolamenti li jistabbilixxu:

(a) il-ħtiġiet u l-kundizzjonijiet li għandhom ikunu sodisfatti minn persuna jekk din ikollha tipprovdi s-servizzi ta' depożitarju ċentrali tat-titoli li għar-rigward tiegħu l-awtorità kompetenti tista' toħroġ awtorizzazzjoni taħt dan l-Att;

(b) il-ħtiġiet li depożitarju ċentrali tat-titoli għandu jkompli jissodisfa jekk dan għandu jibqa' jkun awtorizzat, inklużi l-ammont ta' ħlasijiet li għandhom isiru lill-awtorità kompetenti;

(ċ) iċ-ċirkostanzi u l-mod li bihom l-awtorizzazzjoni jew il-ħtiġiet u l-kundizzjonijiet li din tkun soġġetta għalihom jistgħu jkunu mibdula, sospiżi jew revokati;

(d) ħtiġiet dwar l-awtorizzazzjoni, l-operazzjoni, il-funzjonijiet, ir-regolamentazzjoni u s-sorveljanza ta' depożitarju ċentrali tat-titoli;

(e) ħtiġiet għall-kreazzjoni, żamma jew wiri tat-titolu għal drittijiet u drittijiet għar-rigward ta' Strumenti Finanzjarji f'forma dematerjalizzata jew mhux ċertifikata;

(f) arranġamenti għall-investigazzjoni ta' ilmenti u, jew l-anjanzi dwar depożitarji ċentrali tat-titoli u r-rimedji fir-rigward tagħhom;

(g) arranġamenti biex jiġi aċċertat li jkun hemm konformità mid-depożitarji ċentrali tat-titoli u l-iskrutinju ta' regoli u ħtiġiet ta' depożitarji ċentrali tat-titoli;

(h) eżenzjonijiet mill-ħtieġa għal awtorizzazzjoni li tista' tkun soġġetta għal dawk il-bidliet, żidiet, adattazzjonijiet u modifiki skond ma jista' jkun ordnat u li tista' tkun soġġetta għal dawk il-kundizzjonijiet jew ħtiġiet oħra, inklużi forom oħra ta' awtorizzazzjoni u proċeduri ta' avviż;

(i) il-kategoriji jew klassijiet ta' l-istrumenti finanzjarji li, għall-fini ta' l-Att, jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji nominati;

(j) li jkunu jordnaw kull ħaġa li tkun inċidentali għal, jew li jkollha x'taqsam ma' xi waħda mill-affarijiet hawn qabel imsemmija.

(2) Regolamenti magħmulin taħt dan l-artikolu jistgħu jsiru bla ħsara għal kull eżenzjoni jew kundizzjoni oħra skond ma tista' tiġi speċifikata fir-regolamenti, jistgħu jipprovdu b'mod differenti għal kategoriji jew klassijiet differenti ta' strumenti finanzjarji u għal ċirkostanzi jew għanijiet differenti.

Regoli ta' Swieq Finanzjarji.

31. L-awtorità kompetenti tista' minn żmien għal żmien toħroġ Regoli ta' Swieq Finanzjarji li għandhom ikunu vinkolanti fuq depożitarji ċentrali tat-titoli awtorizzati taħt din it-Taqsima u fuq oħrajn skond ma jista' jkun speċifikat, u dawk ir-Regoli jistgħu jkunu maħruġa għar-rigward ta' kull ħaġa li tissemma f'din it-Taqsima, inklużi Regoli dwar regolamentazzjoni aħjar u biex tiġi żgurata konformità minn depożitarji ċentrali tat-titoli u l-uffiċjali tagħhom mal-ħtiġiet u l-obbligi li joriġinaw taħt dan l-Att jew regolamenti magħmulin taħtu.".

Emenda ta' l-artikolu 32 ta' l-Att prinċipali.

**37.** L-artikolu 32 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu:

(i) fil-paragrafu (i) tiegħu, minflok il-kliem "kull"*exchange* ta' investiment rikonoxxut", għandhom jidħlu l-kliem "kull suq regolat jew depożitarju ċentrali tat-titoli";

(ii) fil-paragrafu (iii) tiegħu, minflok il-kliem "*exchange* ta' investimenti rikonoxxut jew lil xi persuna li hi jew kienet involuta fl-operat ta' *exchange* ta' investiment rikonoxxut", għandhom jidħlu l-kliem "suq regolat jew depożitarju ċentrali tat-Titoli, jew lil xi persuna oħra li hi jew kienet involuta fl-operat ta' suq regolat jew depożitarju ċentrali tat-titoli";

(iii) minnufih wara paragrafu (iv) tiegħu, għandhom jiżdiedu dawn il-paragrafi (v) u (vi) ġodda li ġejjin:

"(v) lil kull awditur ta' suq regolat li jkun jidher li jkollu f'idejh informazzjoni rilevanti;

(vi) lil kull persuna oħra li jkun jidher li jkollha f'idejha informazzjoni rilevanti;";

(iv) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "li tista' teħtieġ;", għandhom jiżdiedu l-kliem "li tista' teħtieġ, inkluża s-setgħa li teħtieġ *records* tat-telefon eżistenti u tat-traffiku ta' data eżistenti;";

(b) is-subartikoli (4) sa (8) tiegħu għandhom jitħassru.

**38.** L-artikolu 33 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 33 ta' l-Att prinċipali.
Kap. 281.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "l-artikolu 32(1)(i) sa (iv) għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 32(1)(i) sa (vi);

(b) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "lill-awtorità kompetenti bl-artikolu 32, inkluża s-setgħa li jagħmel rikors lill-Qorti ta' l-Appell fiċ-ċirkostanzi deskritti fis-subartikolu (4), u kull", għandhom jidħlu l-kliem "lill-awtorità kompetenti bl-artikolu 32, u kull";

(ċ) is-subartikoli (4) u (5) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (5) u (6) rispettivament;

(d) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu (4) ġdid li ġej:

"(4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu l-ispetturi jistgħu jinkludu Avukat, persuna awtorizzata li teżerita l-professjoni ta' *accountant* jew awditur skond l-Att dwar il-Professjoni ta' l-Accountancy, jew persuna li tkun ikkunsidrata mill-awtorità kompetenti bħala li għandha maestrija adatta biex tkun tista' teżerċita dik il-funzjoni.".

Żjieda ta' l-artikolu 34A ġdid ma' l-Att prinċipali.

**39.** Minnufih wara l-artikolu 34 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Obbligazzjoni li jiġu dikjarati l-motivi ta' deċiżjonijiet.

34A. Kull deċiżjoni li tittieħed taħt dan l-Att mill-awtorità kompetenti skond disposizzjonijiet li jittrasponu d-Direttiva, inklużi regolamenti, Regoli ta' Swieq Finanzjarji jew disposizzjonijiet amministrattivi magħmulin taħthom dwar dik it-trasposizzjoni, għandhom jiddikjaraw xi jkunu l-motivi għal dik id-deċiżjoni.".

Emenda ta' l-artikolu 35 ta' l-Att prinċipali.

**40.** L-artikolu 35 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "xi regoli jew *bye-laws*", għandhom jidħlu l-kliem "xi *bye-laws*"; u

(b) minflok il-kliem "ir-regoli u *bye-laws*", għandhom jidħlu l-kliem "il-*bye-laws*".

Emenda ta' l-artikolu 36 ta' l-Att prinċipali.

**41.** L-artikolu 36 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok in-nota marġinali għall-artikolu, għandhom jidħlu l-kliem "Rapport dwar abbuż fis-suq."; u

(b) il-kliem "l-Exchange jew" għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 37 ta' l-Att prinċipali.

**42.** L-artikolu 37 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali tiegħu, minflok il-kliem "Koperazzjoni ma' l-awtorità regolatorja barranija.", għandhom jidħlu l-kliem "Koperazzjoni ma' l-awtoritajiet regolatorji Ewropej.";

(b) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (11);

(ċ) subartikolu (2) tiegħu għandu jitħassar u għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin kif ġej:

"(1) L-awtorità kompetenti għandha taġixxi bħala l-punt ta' riferiment skond u għall-finijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 56 tad-Direttiva.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tikkopera ma' awtoritajiet regolatorji Ewropej oħra kull meta dan ikun meħtieġ bil-għan li twettaq dmirijietha taħt id-Direttiva. Hija għandha tagħti l-għajnuna meħtieġa lil awtoritajiet regolatorji Ewropej oħra, b'mod partikolari permezz ta' l-iskambju ta' informazzjoni u ta' koperazzjoni f'kull funzjoni investigattiva jew ta' sorveljanza. Skond id-Direttiva, l-awtorità kompetenti tista' tuża s-setgħat tagħha għall-finijiet ta' koperazzjoni ankè f'każijiet meta l-aġir taħt investigazzjoni ma jkunx jikkostitwixxi ksur ta' xi disposizzjoni ta' dan l-Att, ta' xi regolament jew ta' xi Regoli ta' Swieq Finanzjarji maħruġin taħtha.

(3) Malli tiġi riċevuta talba mingħand l-awtoritajiet regolatorji Ewropej nominati bħala punti ta' riferiment fi ħdan l-Istati Membri individwali jew fi Stati ŻEE taħt is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 56 tad-Direttiva, l-awtorità kompetenti għandha minnufih tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiġbor l-informazzjoni meħtieġa biex ikunu jistgħu jwettqu dmirijiethom konformement mad-Direttiva. Jekk l-awtorità kompetenti ma tkunx tista' tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa minnufih, din għandha tavża lill-awtorità regolatorja Ewropea bir-raġunijiet għal dan.

(4) Fil-waqt li l-informazzjoni tkun qegħda tiġi komunikata lill-awtoritajiet regolatorji Ewropej, sew jekk nominati bħala punti ta' riferiment sew jekk ma jkunux, l-awtorità kompetenti tista' tistipula li l-informazzjoni m'għandhiex tiġi żvelata jekk mhux bil-kunsens espress tagħha, f'liema każ dik l-informazzjoni tista' tiġi skambjata unikament għall-finijiet li dwarhom l-awtorità kompetenti tkun tat il-kunsens tagħha.

(5) Meta awtorità regolatorja Ewropea li tkun qegħda tiskambja informazzjoni ma' l-awtorità kompetenti tistipula fil-waqt li tkun qegħda tikkomunika dik l-informazzjoni li dik l-informazzjoni m'għandhiex tiġi żvelata jekk mhux bil-kunsens espress tagħha, dik l-informazzjoni tista' tiġi użata mill-awtorità kompetenti unikament għall-finijiet li dwarhom l-awtorità regolatorja Ewropea kienet tkun tat il-kunsens tagħha.

(6) Dik l-informazzjoni li tkun ġiet riċevuta mill-awtorità kompetenti minn punti ta' riferiment fl-Istati Membri l-oħra jew fi Stati ŻEE tista' tiġi trasmessa lil korpi jew lil persuni naturali jew legali oħra, sakemm:

(a) jinkiseb il-kunsens espress tal-punti ta' riferiment li żvelaw l-informazzjoni; u

(b) l-informazzjoni tiġi użata unikament għall-finijiet li dwarhom il-punti ta' riferiment ikunu taw il-kunsens tagħhom:

Iżda wkoll f'dawk iċ-ċirkostanzi li jkunu ġustifikati kif imiss l-awtorità kompetenti tista' tittrasmetti informazzjoni lil korpi jew lil persuni naturali jew legali oħra mingħajr ma tissodisfa l-kundizzjonijiet li jinsabu fil-paragrafi (a) u (b) ta' dan is-subartikolu, f'liema każ l-awtorità kompetenti għandha minnufih tinforma lill-punt ta' riferiment li tkun bagħtet l-informazzjoni.

(7) Meta l-awtorità kompetenti tirċievi informazzjoni kunfidenzjali minn punti ta' riferiment fl-Istati Membri l-oħra jew fi Stati ŻEE jew minn awtoritajiet regolatorji barranin taħt l-artikolu 37C ta' dan l-Att, jew meta korpi jew persuni naturali jew legali oħra jirċievu informazzjoni kunfidenzjali mingħand l-awtorità kompetenti, dawn jistgħu biss jużaw dik l-informazzjoni kunfidenzjali fil-kors ta' tal-qadi ta' dmirijiethom, b'mod partikolari:

(a) li jissorveljaw il-funzjonament adatt ta' lokalitajiet tan-negozju fil-kuntest tat-tifsir tad-Direttiva;

(b) li jimponu penali jew jadottaw miżuri amministrattivi oħra u li jikkunsidraw dawk l-ilmenti li jaslulhom dwarhom;

(ċ) f'appelli taħt l-artikolu 42 ta' dan l-Att; jew

(d) biex jinvestigaw ilmenti li jkunu rċevew mingħand il-konsumaturi skond l-artikolu 20 ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

(8) Mingħajr ebda preġudizzju għas-setgħat ta' l-awtorità kompetenti taħt dan l-Att jew kull liġi oħra, meta l-awtorità kompetenti jkollha tassew għaliex tissuspetta li attijiet li jmorru kontra d-disposizzjonijiet tad-Direttiva jkunu

qegħdin jitwettqu jew ikunu ġew imwettqa fit-territorju ta' xi Stat Membru ieħor jew Stat ŻEE minn entijiet li ma jkunux soġġetti għas-sorveljanza tagħha, hija għandha tavża b'dan b'mod kemm jista' jkun speċifiku lill-punt ta' riferiment fl-Istat Membru l-ieħor jew Stat ŻEE.

(9) Meta l-informazzjoni li l-awtorità kompetenti jkollha fil-pussess tagħha tkun oriġinat minn awtorità regolatorja Ewropea jew minn awtorità regolatorja barranija, din ma tistax tiġi żvelata lil awtorità regolatorja Ewropea jew lil terzi oħra mingħajr il-kunsens espress ta' l-awtorità regolatorja Ewropea jew ta' l-awtorità regolatorja barranija li tkun ittrasmettietha u, meta jkun adatt, unikament għall-finijiet li dwarhom dik l-awtorità tkun tat il-kunsens tagħha.

(10) Meta awtorità regolatorja Ewropea tissuspetta li attijiet imwettqin minn entijiet li ma jkunux soġġetti għas-sorveljanza tagħha u li jkunu jmorru kontra d-disposizzjonijiet tad-Direttiva ikunu qegħdin jitwettqu jew ikunu twettqu f'Malta u tavża lill-awtorità kompetenti b'dan, l-awtorità kompetenti għandha tieħu kull azzjoni li tkun adatta. L-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-awtorità regolatorja Ewropea li tkun qegħda tavża bl-eżitu ta' kull tali azzjoni u, sakemm ikun possibbli, bl-iżviluppi sinifikanti li jseħħu fil-frattemp:

Iżda kull tali azzjoni li tittieħed mill-awtorità kompetenti għandha tkun mingħajr ebda preġudizzju għas-setgħat u l-funzjonijiet ta' l-awtorità regolatorja Ewropea li tkun tat l-informazzjoni.";

(d) is-subartikolu (11) kif enumerat mill-ġdid għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "awtorità regolatorja barranija" għandhom jidħlu l-kliem "awtorità regolatorja Ewropea";

(ii) il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (e);

(iii) minnufih wara l-paragrafu (b) tiegħu għandhom jiżdiedu dawn il-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(ċ) kull setgħa li jinħarġu direttivi taħt l-artikolu 5;

(d) kull setgħa għal dħul taħt l-artikolu 34;";

(iv) fil-paragrafu (e) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "l-awtorità regolatorja barranija informazzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "l-awtorità regolatorja Ewropea informazzjoni".

Żjieda ta' l-artikoli ġodda 37A, 37B u 37C ma' l-Att prinċipali.

**43.** Minnufih wara l-artikolu 37 ta' l-Att prinċipali għandhom jiżdiedu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Koperazzjoni fil-funzjonijiet ta' sorveljanza, verifiki jew investigazzjonijiet li jsiru fuq il-post.

37A. (1) L-awtorità kompetenti tista' titlob għall-koperazzjoni ta' l-awtorità regolatorja Ewropea għar-rigward tal-funzjonijiet ta' sorveljanza jew dwar verifiki jew investigazzjonijiet li jsiru fuq il-post, u awtorità regolatorja Ewropea tista' bl-istess mod titlob għall-koperazzjoni ta' l-awtorità kompetenti fit-twettiq tal-funzjonijiet ta' sorveljanza li għandha jew fil-verifiki jew investigazzjonijiet tagħha.

(2) Fl-eżerizzju ta' dik il-koperazzjoni bejn l-awtorità kompetenti u l-awtoritajiet regolatorji Ewropej id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 17A ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

Meta xi hadd jonqos milli jikkopera.

37B. L-awtorità kompetenti tista' tirrifjuta milli taġixxi meta tirċievi talba għal koperazzjoni fit-twettiq ta' funzjonijiet ta' sorveljanza, verifiki jew investigazzjonijiet li jsiru fuq il-post skond l-artikolu 37A jew ta' skambju ta' informazzjoni ma' l- awtoritajiet regolatorji Ewropej nominati bħala punti ta' riferiment taħt l-artikolu 56(1) tad-Direttiva, fiċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-artikolu 17B ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment.

Koperazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji barranin.

37C. (1) Pattijiet ta' koperazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji barranin jew awtoritajiet oħra, korpi u persuni naturali jew legali f'pajjiż li ma jkunx Stat Membru jew Stat ŻEE jistgħu jsiru biss jekk l-informazzjoni żvelata tkun soġġetta għal garanziji ta' segretezza professjonali li jkunu għall-inqas ekwivalenti għal dawk meħtieġa taħt l-artikolu 38 ta' dan l-Att. Dak l-iskambju ta' informazzjoni għandu jkun intiż għat-twettiq tal-funzjonijiet ta' dawk l-awtoritajiet regolatorji barranin jew awtoritajiet oħra, korpi u persuni naturali jew legali:

Iżda t-trasferiment ta' *data* personali lejn pajjiżi li m'humiex Stati Membri jew lejn Stati ŻEE għandu jsir skond id-disposizzjonijiet tal-Kapitlu IV tad-Direttiva 95/46/KE tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 fuq il-protezzjoni ta' individwi dwar l-ipproċessar ta' data personali u fuq il-moviment liberu ta' dik id-data.

(2) Fl-għemil ta' pattijiet ta' koperazzjoni li jipprovdu dwar l-iskambju ta' informazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji barranin, ma' awtoritajiet oħra jew ma' korpi u persuni naturali jew legali f'pajjiżi li m'humiex Stati Membri jew Stati ŻEE, id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 17D ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

(3) Meta l-informazzjoni li l-awtorità kompetenti jkollha fil-pussess tagħha tkun oriġinat minn awtorità regolatorja Ewropea jew minn awtorità regolatorja barranija, din ma tistax tiġi żvelata lill-awtorità regolatorja barranija jew lil terzi oħra mingħajr il-kunsens espress ta' l-awtorità regolatorja Ewropea jew ta' l-awtorità regolatorja barranija li tkun ittrasmettietha u, meta jkun adatt, unikament għall-finijiet li dwarhom dik l-awtorità tkun tat il-kunsens tagħha.

(4) Mingħajr ebda preġudizzju għad-disposizzjonijiet preċedenti ta' dan l-artikolu, fuq talba ta' l-awtorità regolatorja barranija jew għall-finijiet li din tiġi assistita, l-awtorità kompetenti tista' teżerċita s-setgħat elenkati fis-subartikolu (11) ta' l-artikolu 37 ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, u għall-finijiet ta' dan is-subartikolu l-kliem "l-awtorità regolatorja Ewropea" għandhom jinftiehmu bħala "l-awtorità regolatorja barranija.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 38 ta' l-Att prinċipali.

**44**. Minflok l-artikolu 38 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Swieq regolati, depożitarji ċentrali tat-titoli, l-Awtorità dwar l-Elenku, l-awtorità kompetenti, il-membri rispettivi, uffiċjali, impjegati jew aġenti tagħhom, kif ukoll l-awdituri, spetturi u esperti, skond il-każ, imqabbda skond u għall-finijiet ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att –

(a) għandhom jittrattaw kull dokument u informazzjoni oħra li jkollhom x'jaqsmu mas-suq regolat rilevanti jew ma' negozju li jsir miegħu jew fih, jew xort'oħra miksubin għall-finijiet, jew konformement, ma' xi disposizzjoni ta' dan l-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħtu u li ma jkunux għadhom ġew uffiċjalment imħabbra, bħala li huma ta' xorta kunfidenzjali u li jinsabu protetti bid-dmir ta' segretezza

professjonali, u m'għandhom jiżvelaw dawn l-affarijiet lil ħadd;

(b) huma projbiti milli jużaw dawk id-dokumenti u dik l-informazzjoni u dawk l-affarijiet l-oħra kollha li huma ta' xorta kunfidenzjali u li jinsabu protetti bid-dmir ta' segretezza professjonali u li jsiru jafu bihom minħabba fil-posizzjoni li jkunu jokkupaw, sabiex jassikuraw xi vantaġġ għalihom infushom jew għal terzi sew jekk dawk it-terzi jkunu jew ma jkunux konnessi mas-suq ta' strumenti finanzjarji.

(2) L-artikolu 26 ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal swieq regolati, l-Awtorità dwar l-Elenku, l-awtorità kompetenti, il-membri rispettivi, uffiċjali, impjegati jew aġenti tagħhom, kif ukoll l-awdituri, spetturi u esperti mqabbda għall-finijiet ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, li jkunu marbuta bl-obbligazzjoni ta' kunfidenzjalità skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(3) Persuna li taġixxi bi ksur ta' dan l-artikolu tkun, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Prevenzjoni ta' Abbuż fis-Swieq Finanzjarji, ħatja ta' reat kontra dan l-Att, u tista' meta tinstab ħatja teħel multa ta' ħamest elef lira jew żmien ta' priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(4) Persuna li ma tkunx waħda minn dawk imsemmija fis-subartikoli (1) u (2) li tikseb xi dokumenti jew kull informazzjoni oħra li dawk is-subartikoli jirrigwardaw u li tuża dawk id-dokumenti jew informazzjoni, bil-ħsieb li tassikura vantaġġ kemm għaliha nnifisha kemm għal xi persuna oħra, tkun, mingħajr ebda preġudizzju għall-Att dwar il-Prevenzjoni ta' Abbuż fis-Swieq Finanzjarji, ħatja ta' reat kontra dan l-Att u tista' meta tinsab ħatja teħel l-istess penali li hemm stabbiliti għal reat kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu.".

Emenda ta' l-artikolu 39 ta' l-Att prinċipali.

**45.** L-artikolu 39 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "jew ta' xi regoli jew *bye-laws* ta' *exchange* ta' investimenti rikonoxxut, jew li tikser jew tonqos li tħares xi obbligu, ħtieġa, direttiva jew ordni magħmula jew mogħtija taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, tar-regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu jew tar-regoli jew *bye-laws* ta' *exchange* ta' investimenti rikonoxxut;", għandhom jidħlu l-kliem "jew ta' xi *bye-laws* ta' suq regolat jew li tikser jew tonqos li tħares xi

obbligu, ħtieġa, Regola ta' Suq Finanzjarju, Regola dwar l-Elenku, direttiva jew ordni magħmula jew mogħtija taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, taħt regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu jew taħt *bye-laws* ta' suq regolat;";

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "ħtieġa, direttiva, jew ordni", għandhom jidħlu l-kliem "ħtieġa, direttiva, Regola ta' Suq Finanzjarju, Regola dwar l-Elenku jew ordni";

(b) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem "ir-regoli ta' *exchange* ta' investimenti rikonoxxut jew xi obbligu, ħtieġa, direttiva, jew ordni magħmula jew mogħtija taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-Att jew taħt ir-regoli jew *bye-laws* ta' *exchange* ta' investimenti rikonoxxut;", għandhom jidħlu l-kliem "tal-*bye-laws* ta' suq regolat jew xi obbligu, ħtieġa, Regola ta' Suq Finanzjarju, Regola dwar l-Elenku, direttiva jew ordni magħmula jew mogħtija taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew taħt *bye-laws* ta' suq regolat;";

(ċ) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "tar-regoli jew *bye-laws* ta' *exchange* ta' investimenti rikonoxxut jew xi obbligu, ħtieġa, direttiva, jew ordni magħmula jew mogħtija taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, tar-regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu jew tar-regoli jew *bye-laws* ta' *exchange* ta' investimenti rikonoxxut;", għandhom jidħlu l-kliem "tal-*bye-laws* ta' suq regolat jew xi obbligu, ħtieġa, Regola ta' Suq Finanzjarju, Regola dwar l-Elenku, direttiva jew ordni magħmula jew mogħtija taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, taħt ir-regolamenti magħmulin taħtu jew taħt *bye-laws* ta' suq regolat"; .

Żjieda ta' l-artikolu 39A ġdid ma' l-Att prinċipali.

**46.** Minnufih wara l-artikolu 39 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Pieni amministrattivi.

39A. (1) Meta persuna tikser jew tonqos milli tikkonforma ruħha ma' xi disposizzjoni ta' dan l-Att, li ma tkunx it-Taqsima III tiegħu, inkluż meta tali persuna tonqos milli tikkopera f'investigazzjoni, jew ta' xi regolamenti, Regoli ta' Swieq Finanzjarji magħmulin taħtu adottati fl-implimentazzjoni tad-Direttiva, l-awtorità kompetenti tista' b'avviż bil-miktub u mingħajr il-ħtieġa ta' smigħ fil-qorti timponi fuq kull tali persuna jew persuni, skond il-każ, penali amministrattiva li ma tkunx ta' iżjed minn erbgħin elf lira.

(2) L-awtorità kompetenti tista' tiżvela pubblikament kull penali imposta taħt is-subartikolu li jiġi minnufih qabel dan:

Iżda l-awtorità kompetenti għandha żżomm lura minn dik il-pubblikazzjoni meta hija tikkunsidra li dak l-iżvelar ikun ser jipperikola gravement lis-swieq finanzjarji jew jikkaġuna dannu sproporzjonat għall-partijiet involuti.

(3) Dawk il-persuni li jiġi notifikat avviż lilhom taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandu jkollhom dritt ta' appell quddiem it-Tribunal skond l-artikolu 43 ta' dan l-Att.

(4) Meta avviż bħal dak imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma jkunx sar appell minnu, jew meta dak l-avviż ikun sar appell minnu, fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta jiġi deċiż mit-Tribunal dak l-appell, il-penali amministrattiva msemmija fl-avviż jew kif imnaqqsa jew miżjuda b'deċiżjoni tat-Tribunal għandha tkun dovuta lill-awtorità kompetenti. Malli tiġi notifikata kopja ta' l-avviż tad-deċiżjoni skond il-każ, permezz ta' att ġudizzjarju lill-persuna indikata fl-avviż jew fid-deċiżjoni, dak l-avviż jew dik id-deċiżjoni jkunu jikkostitwixxu titolu eżekuttiv għall-effetti u l-finijiet kollha tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.".

Emenda ta' l-artikolu 40 ta' l-Att prinċipali.

**47.** L-artikolu 40 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "ordni, direttiva, regola jew regolamenti", għandhom jidħlu l-kliem "ordni, direttiva, Regola ta' Suq Finanzjarju, Regola dwar l-Elenku jew regolamenti";

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Persuna li xjentement jew bi traskuraġni tagħti lill-awtorità kompetenti, lil xi persuna maħtura minnha taħt l-artikolu 32(1)(ċ) jew lil xi spettur maħtur taħt l-artikolu 33, informazzjoni li tkun falza jew qarrieqa tkun ħatja ta' reat.";

(ċ) minflok is-subartikolu (3) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Persuna li tneħħi, tiddistruġġi, tikxef jew b'qerq tibdel xi ktieb, dokument jew karta oħra, inkluża informazzjoni li tinħażen f'format elettroniku, li jkunu jew x'aktarx ikunu rilevanti għal talba għal informazzjoni jew dokumentazzjoni jew ispezzjon jew investigazzjoni skond dan l-Att, tkun ħatja ta' reat."; u

(d) fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "bil-ħsieb tfixkel", għandhom jidħlu l-kliem "tfixkel".

Żjieda ta' l-artikolu 41A ġdid.

**48.** Minnufih wara l-artikolu 41 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu 41A ġdid li ġej:

"Hruġ ta' dikjarazzjoni pubblika.

41A. Jekk l-awtorità kompetenti jew l-Awtorità dwar l-Elenku jkun jidhrilha li persuna tkun kisret xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħt dan l-Att jew li tkun kisret jew naqset milli tikkonforma ruħha ma' xi kundizzjoni, obbligu, ħtieġa, Regoli ta' Swieq Finanzjarji, Regoli għall-Elenku jew direttivi magħmulin jew mogħtijin taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, l-awtorità kompetenti jew l-Awtorità dwar l-Elenku, skond il-każ, tista' tippubblika dikjarazzjoni li tkun tgħid dan.";

Emenda ta' l-artikolu 42 ta' l-Att prinċipali.

**49.** L-artikolu 42 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "l-artikoli 4(10), 16(7), 17(3), 18(6), 20(6) u 33(5)" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikoli 4(11), 16(9), 17(3), 18(6), 20(4), 25(5), 27(5), 33(6) u 39A"; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, il-kliem "minn deċiżjoni tal-Kunsill tal-Borża ta' Malta taħt paragrafi 5(1), 6(1) u 6(2) ta' l-Istatut kif ukoll" għandha titħassar.

Emenda ta' l-artikolu 43 ta' l-Att prinċipali.

**50.** L-artikolu 43 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-paragrafu (a) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(a) li l-awtorità kompetenti, l-Awtorità dwar l-Elenku jew is-suq regolat involut, skond il-każ, ikun applika ħażin xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, tar-regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, jew tal-*bye-laws* tas-suq regolat involut; jew

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "l-Awtorità dwar l-Elenku, tal-Borża jew ta' l-*exchange* ta' investimenti rikonoxxut konċernat,", għandhom jidħlu l-kliem "l-Awtorità dwar l-Elenku jew is-suq regolat involut,";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "minn:

(a) id-deċiżjoni li xi strumenti finanzjarji ma jibqgħux elenkati kif imsemmi fl-artikolu 18(5); u

(b) deċiżjoni li tkun pubblikata dikjarazzjoni ta' ċensura taħt l-artikolu 20:

Iżda deċiżjoni fuq kull waħda mill-ħwejjeġ imsemmija fil-paragrafi (a) u (b) għandu jkollha effett", għandhom jidħlu l-kliem "minn deċiżjoni li strumenti finanzjarji kif imsemmi fl-artikolu 18 (5) f'liema każ id-deċiżjoni għandu jkollha effett".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 44 ta' l-Att prinċipali.

**51.** Minflok l-artikolu 44 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Applikabilità ta' l-artikolu 21 ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

44. Bla ħsara ta' l-artikolu 43 ta' dan l-Att, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 21 ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal appelli li jistgħu jinġiebu quddiem it-Tribunal taħt dan l-artikolu.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 45 ta' l-Att prinċipali.

**52.** Minflok l-artikolu 45 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Negozju barra mis-swieq regolati.

45. (1) Strumenti finanzjarji kwotati jistgħu jiġu negozjati barra mis-suq regolat meta dawn ikunu kwotati.

(2) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex jistabbilixxi kundizzjonijiet u proċeduri li taħthom strumenti finanzjarji kwotati jistgħu jiġu negozjati barra mis-swieq regolati meta dawk l-istrumenti finanzjarji kwotati jkunu elenkati u mhux permezz ta' faċilitajiet li jiġu provduti minn xi swieq regolati bħal dawk.".

Emenda ta' l-artikolu 47 ta' l-Att prinċipali.

**53.** Fl-artikolu 47 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "mal-Borża", għandhom jidħlu l-kliem "ma' suq regolat".

**54.** L-artikolu 49 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:– Emenda ta' l-artikolu 49 ta' l-Att prinċipali.

(a) l-imsemmi artikolu 49 għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 49;

(b) is-subartikolu (1) kif enumerat mill-ġdid għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem 'ta' *exchanges* ta' investiment rikonoxxut għandhom jidħlu l-kliem 'ta' swieq regolati u depożitarji ċentrali tat-titoli ';

(ii) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, il-kliem "barra mill-borża," għandhom jitħassru;

(iii) fil-paragrafu (d) tiegħu, minflok il-kliem "li Malta tkun parti fih.", għandhom jidħlu l-kliem "li Malta tkun parti fih;";

(iv) minnufih wara l-paragrafu (d) tiegħu, għandu jiżdied dan il-paragrafu (e) ġdid li ġej:

"(e) sabiex jittrasponu, jimplimentaw u jagħtu seħħ lid-disposizzjonijiet u l-ħtiġiet tad-Direttiva, skond ma dawn jistgħu jiġu emendati minn żmien għal żmien, inkluża kull miżura ta' implimentazzjoni li tkun ġiet maħruġa jew li tista' tinħareġ taħtha.";

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (1) kif enumerat mill-ġdid, għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(2) Regolamenti magħmulin taħt dan l-artikolu, jistgħu jsiru bla ħsara għal dawk l-eżenzjonijiet jew kundizzjonijiet li jistgħu jiġu speċifikati fihom, jistgħu jagħmlu provedimenti differenti għal każijiet, ċirkostanzi jew finijiet differenti u jistgħu jagħtu lill-awtorità kompetenti dawk is-setgħat ta' adattament tar-regolamenti skond ma jista' wkoll jiġi hekk speċifikat.

(3) Meta jkunu nħarġu regolamenti skond dan l-artikolu, l-awtorità kompetenti tista' toħroġ Regoli ta' Swieq Finanzjarji fil-kuntest tat-tifsir ta' l-artikolu 4 ta' dan l-Att sabiex ikunu jistgħu jitwettqu bl-aħjar mod u jiġu implimentati d-disposizzjonijiet tar-regolamenti.".

Emenda ta' l-artikolu 50 ta' l-Att prinċipali.

**55.** Minflok l-artikolu 50 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"50. Minkejja kull ħaġa li tinsab fl-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti jew f'kull Att ieħor li jissostitwixxi dak l-Att, ebda taxxa ma għandha titħallas bis-saħħa ta' dak l-Att dwar kull trasferiment ta' xi strumenti finanzjarji ta' kumpannija kwotata, jew it-trasferiment ta' xi strumenti finanzarji tal-Gvern jew ta' xi enti morali stabbilit bil-liġi, meta dak it-trasferiment isir jew fuq suq regolat jew barra mis-suq regolat meta dawn ikunu kwotati skond l-artikolu 45.".

Emenda ta' l-artikolu 51 ta' l-Att prinċipali.

**56.** L-artikolu 51 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "taħt l-artikolu 33(4)", għandhom jidħlu l-kliem "taħt l-artikolu 33(5)"; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "skond l-artikolu 33(4)", għandhom jidħlu l-kliem "skond l-artikolu 33(5)".

Emenda ta' l-artikolu 52 ta' l-Att prinċipali.

**57**. Fl-artikolu 52 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "jew ta' xi regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu" għandhom jidħlu l-kliem "jew ta' xi regolamenti jew Regoli ta' Swieq Finanzjarji jew Regoli għall-Elenku magħmulin taħtu".

Żjieda ta' l-artikolu 53 ġdid ma' l-Att prinċipali.

**58.** Minnufih wara l-artikolu 52 ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied dan l-artikolu 53 ġdid li ġej:

"Għan. 53. L-għan ta' dan l-Att hu sabiex jirregola swieq regolati, depożitarji ċentrali tat-titoli, u biex jipprovdi għal negozju ordinat f'titoli trasferibbli u għal affarijiet anċillari jew inċidentali għalihom jew li għandhom x'jaqsmu ma' dan, u sabiex jimplimenta d-disposizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva li għandhom jiġu interpretati u applikati skond hekk.".

Tħassir ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

**59**. L-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha tiġi mħassra.

## TAQSIMA III

**60.** (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emenda ta' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, Kap. 370.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Novembru, 2007.

**61.** L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minnufih wara t-tifsira "kapital azzjonarju kwalifikanti" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "il-Komunità" tfisser il-Komunità Ewropea mwaqqfa bit-Trattat ta' Ruma fl-1957 u emendat istituzzjonalment u xort'oħra fl-1986 bl-Att Uniku Ewropew, fl-1993 bit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, fl-1997 bit-Trattat ta' Amsterdam u fl-2001 bit-Trattat ta' Nizza, u kif emendat b'kull ftehim ta' adeżjoni u skond ma jista' jiġi aktar emendat minn żmien għal żmien;";

(ii) fit-tifsira "awtorità kompetenti", minflok il-kliem "skond l-artikolu 2A;" għandhom jidħlu l-kliem "skond l-artikolu 2A, liema korp għandu wkoll iwettaq id-dmirijiet ta' awtorità kompetenti għall-finijiet tad-Direttiva;";

(iii) minnufih wara t-tifsira "detentur ta' liċenza" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttiva" tfisser Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar swieq ta' strumenti finanzjarji li jemendaw Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE, kif emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kull miżura ta' implimentazzjoni li tkun ġiet maħruġa jew li tista' tinħareġ taħtha;

(iv) (a) minnufih wara t-tifsira " "skema ta' investiment kollettiv" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Stat ŻEE" tfisser Stat li jkun parti kontraenti fil-ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea iffirmat f'Oporto fit-2 ta' Mejju, 1992 kif emendat bil-Protokoll iffirmat fi Brussel fis-17 ta' Marzu, 1993 u kif emendat b'attijiet sussegwenti;";

(b) minnufih wara t-tifsira "awtorità regolatorja estera" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "awtorità regolatorja Ewropea" tfisser il-korp jew korpi nominati minn Stat Membru jew Stat ŻEE skond l-Artikolu 48 tad-Direttiva biex iwettaq kull wieħed mid-dmirijiet li hemm provdut dwarhom taħt id-disposizzjonijiet differenti tad-Direttiva;";

(v) minnufih wara t-tifsira "reklam ta' investiment" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Regoli ta' Servizzi ta' Investiment" tirreferi għar-Regoli maħruġa mill-awtorità kompetenti taħt diversi artikoli ta' dan l-Att;";

(vi) minnufih qabel it-tifsira ġdida "Stat ŻEE" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Komunitajiet Ewropej;";

(vii) minflok it-tifsira "awtorità regolatorja estera" għandu jidħol dan li ġej:

" "awtorità regolatorja estera" tfisser awtorità f'pajjiż jew territorju barra minn Malta li ma jkunx Stat Membru jew Stat ŻEE li teżerita funzjoni regolatorja jew ta' sorveljanza għar-rigward ta' servizzi finanzjarji li jikkorrispondu għal funzjoni ta' l-awtorità kompetenti kif imfissra fl-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta;";

(viii) fit-tifsira "preskritt" minflok il-kliem "preskritt b'regoli jew b'regolamenti" għandhom jidħlu l-kliem "preskritt b'regolamenti";

(ix) fit-tifsira "*exchange* ta' investimenti rikonoxxut", minflok il-kliem "*exchange* ta' investimenti rikonoxxut", għandhom jidħlu l-kliem "suq regolat";

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu (3) ġdid li ġej:

"(3) L-għan ta' dan l-Att hu, f'parti minnu, sabiex jittrasponi u jimplimenta d-disposizzjonijiet tad-Direttiva, u konsegwentement dan l-Att u r-regolamenti adottati taħtu għandhom jiġu interpretati u applikati skond hekk.".

**62.** L-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu:

(i) il-paragrafu (a) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (a)(i);

(ii) fil-paragrafu (a) (i) kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "josserva kull regoli u regolamenti magħmula taħt dan l-Att" għandhom jidħlu l-kliem "josserva kull Regola ta' Servizzi ta' Investiment u regolamenti magħmulin taħt dan l-Att";

(iii) minnufih wara l-paragrafu (a)(i) kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied dan il-paragrafu (a)(ii) ġdid li ġej:

"(ii) tagħti liċenzja ta' servizzi ta' investiment:

(a) meta l-applikant ikun korp magħqud, kemm-il darba dan ma jkollux l-uffiċċju prinċipali u l-uffiċċju reġistrat tiegħu f'Malta;

(b) meta l-applikant ikun korp magħqud li ma jkollu ebda uffiċċju reġistrat taħt il-liġi nazzjonali tiegħu, kemm-il darba dan ikollu l-uffiċċju prinċipali tiegħu f'Malta; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkunx korp magħqud kemm-il darba l-uffiċċju prinċipali ta' l-applikant ma jkunx f'Malta; ";

(iv) il-paragrafu (b) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "ma' kull regoli u regolamenti magħmula taħt dan l-Att" għandhom jidħlu l-kliem "ma' kull Regoli ta' Servizzi ta' Investiment u regolamenti magħmulin taħt dan l-Att";

(b) minflok il-kliem "dwar l-iskema.", għandhom jidħlu l-kliem "dwar l-iskema;"; u

(v) minnufih wara l-paragrafu (b) għandu jiżdied dan il-paragrafu (ċ) ġdid li ġej:

"(ċ) tagħti liċenza lill-applikant kemm-il darba ma jkunux ġew konsultati l-awtoritajiet regolatorji Ewropej rilevanti fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 17C ta' dan l-Att.";

(b) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tiegħu u kull fejn dawn jinsabu fl-Att prinċipali, minflok il-kelma "linji ta' gwida", għandhom jidħlu l-kliem "Regoli ta' Servizzi ta' Investiment";

(ċ) minflok is-subartikolu (9) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(9) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi reġistru tad-detenturi kollha ta' liċenzja ta' servizzi ta' investiment. Dan ir-reġistru, li għandu jkun pubblikament disponibbli, għandu wkoll jindika s-servizzi li għar-rigward tagħhom tkun inħarġet kull liċenza ta' servizzi ta' investiment u għandu jiġu aġġornat regolarment."; u

(d) is-subartikoli (10) u (11) tiegħu għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

**63.** L-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "ta' xi regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu,", għandhom jidħlu l-kliem "ta' xi Regoli ta' Servizzi ta' Investiment jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu,"; u

(b) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "ta' xi regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu,",

għandhom jidħlu l-kliem "ta' xi Regoli ta' Servizzi ta' Investiment jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu,".

**64.** L-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "jista' jagħmel regoli jew regolamenti biex jagħtu effett aħjar lid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, u bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel jista', b'dawk ir-regoli jew regolamenti,", għandhom jidħlu l-kliem "jista' jagħmel regolamenti biex jagħtu effett aħjar lid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, u mingħajr ebda preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi jista', b'dawk ir-regolamenti,";

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "u jirregola lill-kumpanniji li jimmaniġġjaw skemi bħal dawk; u jagħmel provvedimenti fuq il-ħtieġiet ta' adegwatezza ta' kapital", għandhom jidħlu l-kliem "u jirregola lill-kumpanniji li jimmaniġġaw skemi bħal dawk;";

(iii) fil-paragrafu (f) tiegħu, minflok il-kliem "jippreskrivi regoli dwar dak li l-udituri jistgħu jikxfu", għandhom jidħlu l-kliem "jippreskrivi regolamenti dwar dak li l-udituri jistgħu jikxfu";

(iv) fil-paragrafu (h) tiegħu, minflok il-kliem "jew b'xi regoli jew regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu", għandhom jidħlu l-kliem "jew b'xi regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu";

(v) fil-paragrafu (j) tiegħu, minflok il-kliem "kif applikabbli għal detentur ta' liċenza;", għandhom jidħlu l-kliem "kif applikabbli għal detentur ta' liċenza, kif emendata minn żmien għal żmien, u inkluża kull miżura ta' implimentazzjoni maħruġa taħtha;";

(vi) il-paragrafi (k) u (l) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (n) u (o);

(vii) minnufih wara l-paragrafu (j) tiegħu, għandhom jiżdiedu dawn il-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(k) jittrasponi, jimplimenta u jagħti effett lid-disposizzjonijiet u ħtiġiet tad-Direttiva;

(l) jistabbilixxi ħtiġiet ta' riżorsi finanzjarji għal detenturi ta' liċenza u jittrasponi, jimplimenta u jagħti effett lid-disposizzjonijiet ta' Direttiva 2006/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 fuq l-adegwatezza ta' kapital ta' ditti ta' investiment u istituzzjonijiet ta' kreditu (*recast*), skond ma tista' tiġi emendata minn żmien għal żmien, u inkluża kull miżura ta' implimentazzjoni maħruġa taħtha;

(m) tipprovdi dwar ir-rappurtar u ħtiġiet u kundizzjonijiet oħra li persuna li tkun qegħda topera faċilità ta' negozju multilaterali għandha tissodisfa, fuq bażi dejjem għaddejja u li tkompli u li jistabbilixxi ċ-ċirkostanzi u l-mod kif il-ħtiġiet u l-kundizzjonijiet jistgħu jkun varjati, sospiżi jew revokati, u li jittrasponi l-ħtiġiet tad-Direttiva fuqhom;";

(b) is-subartikolu (2)(A) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "Regoli jew regolamenti magħmula", għandhom jidħlu l-kliem "Regolamenti magħmula"; u

(ii) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "taħt ir-regoli jew ir-regolamenti", għandhom jidħlu l-kliem "taħt ir-regolamenti";

(ċ) fis-subartikolu (2)(B) tiegħu, minflok il-kliem "Regoli jew regolamenti magħmula" għandhom jidħlu l-kliem "Regolamenti magħmula";

(d) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "Regoli jew regolamenti magħmula" għandhom jidħlu l-kliem "Regolamenti magħmula"; u

(ii) minflok il-kliem "ir-regoli jew regolamenti kif" għandhom jidħlu l-kliem "ir-regolamenti kif";

(e) is-subartikoli (4) u (5) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (5) u (6) rispettivament;

(f) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subartikolu (4) ġdid li ġej:

"(4) Meta jkunu nħarġu regolamenti skond dan l-artikolu, l-awtorità kompetenti tista' toħroġ Regoli ta' Servizzi ta' Investiment fil-kuntest tat-tifsir ta' l-artikolu 6 ta' dan l-Att sabiex ikunu jistgħu jitwettqu bl-aħjar mod u jiġu implimentati aħjar id-disposizzjonijiet tar-regolamenti."; u

(g) fis-subartikolu (5) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "Regoli jew regolamenti magħmula" għandhom jidħlu l-kliem "Regolamenti magħmula".

**65.** Fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "li tista' tispeċifika", għandhom jidħlu l-kliem "li tista' tispeċifika, inkluża s-setgħa li teħtieġ *records* tat-telefon eżistenti u tat-traffiku ta' data eżistenti,". Emenda ta' l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali.

**66.** Minnufih wara s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan is-subartikolu (4) ġdid li ġej: Emenda ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali.

"(4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu spetturi jistgħu jinkludu Avukat, persuna awtorizzata li teżerita l-professjoni ta' *accountant* jew awditur skond l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*, jew persuna ikkunsidrata mill-awtorità kompetenti bħala li għandha esperjenza idonea biex teżerita dik il-funzjoni.". Kap. 281.

**67.** Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali.

(a) fil-paragrafu (e) tiegħu, minflok il-kliem "dik il-persuna l-oħra.", għandhom jidħlu l-kliem "dik il-persuna l-oħra;"; u

(b) minnufih wara paragrafu (e) għandhom jiżdiedu dawn is-subparagrafi (f) u (g) ġodda li ġejjin:

"(f) teħtieġ il-waqfien ta' kull prattika li tmur kontra d-disposizzjonijiet adottati fl-implimentazzjoni tad-Direttiva;

(g) teħtieġ it-tneħħija ta' strument finanzjarju minn negozjar, f'arranġamenti ta' negozju fil-kuntest tat-tifsir tad-Direttiva, li ma jkunx fi swieq regolati skond l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji". Kap. 345.

**68.** Minnufih wara l-artikolu 16 għandhom jiżdiedu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin: Iżid l-artikoli 16A u 16B ġodda ma' l-Att prinċipali.

“Pieni amministrattivi u miżuri oħra.

16A. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull setgħa oħra mogħtija lill-awtorità kompetenti skond dan l-Att, meta detentur ta’ liċenza jew *manager*, segretarju, direttur jew xi persuna oħra responsabbli lejn id-detentur ta’ liċenza jikser jew jonqos milli jikkonforma ruħu ma’ xi kundizzjonijiet imposti f’xi liċenza, u, jew meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta l-aġir ta’ xi persuna jammonta għal ksur ta’ xi waħda mid-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att, regolamenti jew Regoli ta’ Servizzi ta’ Investiment maħruġa taħtha, inklużi n-nuqqas li tikkopera f’xi investigazzjoni, l-awtorità kompetenti tista’ b’avviż bil-miktub u mingħajr il-ħtieġa ta’ ebda smigħ fil-qorti timponi fuq id-detentur tal-liċenza, *manager*, segretarju, direttur, u, jew kull persuna oħra skond il-każ, penali amministrattiva li ma tkunx ta’ iżjed minn erbgħin elf lira.

(2) Regoli ta’ Servizzi ta’ Investiment jistgħu jkunu jipprovdu għall-imposizzjoni ta’ pieni amministrattivi jew miżuri oħra li jistgħu jiġu imposti mill-awtorità kompetenti fuq detenturi ta’ liċenza jew oħrajn, skond ma jista’ jkun speċifikat, sew bħala ta’ penali stabbiliti, penali għal kull ġurnata, jew it-tnejn flimkien, għal kull ksur tar-Regoli.

(3) L-imposizzjoni ta’ penali amministrattiva mill-awtorità kompetenti skond dan l-artikolu għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kull konsegwenza oħra ta’ l-Att jew ommissjoni tal-ħati kemm taħt id-dritt ċivili kemm taħt id-dritt kriminali:

Iżda fil-każijiet kollha meta l-awtorità kompetenti timponi penali amministrattiva għar-rigward ta’ xi ħaġa li ssir jew tonqos milli ssir minn xi persuna u dak l-att jew dik l-ommissjoni jkunu wkoll jikkostitwixxu reat kriminali, ebda proċeduri ma jistgħu jinbdew jew jitkomplew kontra dik il-persuna għar-rigward ta’ dak ir-reat kriminali.

(4) Meta jingħalqu l-proċeduri ta’ xi appell skond l-artikolu 19 ta’ dan l-Att, jew inkella jiskadi ż-żmien meħtieġ biex jiġi ippreżentat dak l-appell, l-awtorità kompetenti tista’, permezz ta’ dikjarazzjoni pubblika, tiżvela l-isem tal-persuna li fuqha tiġi imposta penali, xi jkun il-ksur partikolari ta’ xi disposizzjoni ta’ dan l-Att, regolamenti jew Regoli ta’ Servizzi ta’ Investiment maħruġin taħtu, u l-penali jew il-miżura amministrattiva li tkun ġiet imposta. L-awtorità kompetenti għandha żżomm milli tagħmel dak l-iżvelar pubbliku meta hija tqis li dak l-iżvelar ikun ser jippreġudika lis-swieq

finanzjarji jew jikkaġuna dannu sproporzjonat għall-partijiet involuti.

“Obbligazzjoni li jiġu dikjarati r-raġunijiet għal deċiżjonijiet.

16B. Kull deċiżjoni li tittieħed taħt dan l-Att mill-awtorità kompetenti skond disposizzjonijiet li jittrasponu d-Direttiva, inklużi regolamenti, Regoli ta’ Servizzi ta’ Investiment, jew disposizzjonijiet amministrattivi magħmulin taħtha għal dik it-trasposizzjoni, għandha tiddikjara l-motivi li dik id-deċiżjoni tkun ibbażata fuqhom.”.

Emenda tas-subtitolu li jiġi minnufih qabel l-artikolu 17 ta’ l-Att prinċipali.

**69**. Minflok is-subtitolu “KO-OPERAZZJONI MA’ AWTORITÀ REGOLATORJA ESTERA” li jiġi minnufih qabel l-artikolu 17 għandu jidħol is-subtitolu ġdid “KOPERAZZJONI MA’ AWTORITAJIET REGOLATORJI EWROPEJ U MA’ KORPI OĦRA”.

Emenda ta’ l-artikolu 17 ta’ l-Att prinċipali.

**70.** L-artikolu 17 ta’ l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (11);

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jitħassar u għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

“(1) L-awtorità kompetenti għandha taġixxi bħala l-punt ta’ riferiment skond u għall-finijiet tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 56 tad-Direttiva.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tikkopera ma’ awtoritajiet regolatorji Ewropej oħra kull meta dan ikun meħtieġa għall-fini li twettaq dmirijietha taħt id-Direttiva. Hija għandha tagħti l-assistenza meħtieġa lil awtoritajiet regolatorji Ewropej oħra, b’mod partikolari permezz ta’ l-iskambju ta’ informazzjoni u billi tikkopera f’xi funzjoni investigattiva jew ta’ sorveljanza. Skond id-Direttiva, l-awtorità kompetenti tista’ tuża s-setgħat tagħha għall-finijiet ta’ koperazzjoni ukoll f’dawk il-każijiet meta l-aġir taħt investigazzjoni ma jkunx jikkostitwixxi ksur ta’ xi disposizzjonijiet ta’ dan l-Att, regolamenti jew Regoli ta’ Servizzi ta’ Investiment maħruġin taħtha.

(3) Malli tiġi riċevuta talba mingħand l-awtoritajiet regolatorji Ewropej nominati bħala punti ta’ riferiment fi ħdan l-Istati Membri individwali jew fi Stati ŻEE taħt is-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 56 tad-Direttiva, l-awtorità kompetenti għandha minnufih tadotta l-miżuri meħtieġa sabiex tiġbor l-

informazzjoni meħtieġa biex tkun tista' twettaq dmirijietha konformement mad-Direttiva. Jekk l-awtorità kompetenti ma tkunx tista' tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa minnufih, din għandha tavża lill-awtorità regolatorja Ewropea bir-raġunijiet għal dan.

(4) Fil-waqt li l-informazzjoni tkun qegħda tiġi komunikata lill-awtoritajiet regolatorji Ewropej, sew jekk nominati bħala punti ta' riferiment sew jekk ma jkunux, l-awtorità kompetenti tista' tistipula li l-informazzjoni m'għandhiex tiġi żvelata jekk mhux bil-kunsens espress tagħha, f'liema każ dik l-informazzjoni tista' tiġi skambjata unikament għall-finijiet li dwarhom l-awtorità kompetenti tkun tat il-kunsens tagħha.

(5) Meta awtorità regolatorja Ewropea li tkun qegħda tiskambja informazzjoni ma' l-awtorità kompetenti tistipula fil-waqt li tkun qegħda tikkomunika dik l-informazzjoni li dik l-informazzjoni m'għandhiex tiġi żvelata jekk mhux bil-kunsens espress tagħha, dik l-informazzjoni tista' tiġi użata mill-awtorità kompetenti unikament għall-finijiet li dwarhom l-awtorità regolatorja Ewropea kienet tkun tat il-kunsens tagħha.

(6) Dik l-informazzjoni li tkun ġiet riċevuta mill-awtorità kompetenti minn punti ta' riferiment fl-Istati Membri l-oħra jew fi Stati ŻEE tista' tiġi trasmessa lil korpi jew lil persuni naturali jew legali oħra, sakemm:

(a) jinkiseb il-kunsens espress tal-punti ta' riferiment li żvelaw l-informazzjoni; u

(b) l-informazzjoni tiġi użata unikament għall-finijiet li dwarhom il-punti ta' riferiment ikunu taw il-kunsens tagħhom:

Iżda f'dawk iċ-ċirkostanzi li jkunu ġustifikati kif imiss, l-awtorità kompetenti tista' tittrasmetti informazzjoni lil korpi jew lil persuni naturali jew legali oħra mingħajr ma tissodisfa l-kundizzjonijiet li jinsabu fil-paragrafi (a) u (b) ta' dan is-subartikolu, f'liema każ l-awtorità kompetenti għandha minnufih tinforma lill-punt ta' riferiment li tkun bagħtet l-informazzjoni.

(7) Meta l-awtorità kompetenti tirċievi informazzjoni kunfidenzjali minn punti ta' riferiment fl-Istati Membri l-oħra

jew fi Stati ŻEE jew minn awtoritajiet regolatorji barranin jew udituri taħt l-artikoli 17D u 18 ta' dan l-Att, jew meta korpi jew persuni naturali jew legali oħra jirċievu informazzjoni kunfidenzjali mingħand l-awtorità kompetenti, dawn jistgħu biss jużaw dik l-informazzjoni kunfidenzjali fil-kors ta' tal-qadi ta' dmirijiethom, b'mod partikolari:

(a) biex jivverifikaw li l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-bidu ta' ġestjoni tan-negozju ta' liċenza ta' detenturi ta' servizzi ta' investiment ikunu ġew sodisfatti u biex jiffailitaw is-sorveljar, fuq bażi mhux konsolidata jew waħda konsolidata, ta' l-andament ta' dak in-negozju, spejalment dwar il-ħtiġiet tar-riżorsi finanzjarji;

(b) li jissorveljaw il-funzjonament adatt ta' lokalitajiet tan-negozju fil-kuntest tat-tifsir tad-Direttiva;

(c) li jimponu penali jew jadottaw miżuri amministrattivi oħra u li jikkunsidraw dawk l-ilmenti li jaslulhom dwarhom;

(d) f'appelli taħt l-artikolu 19 ta' dan l-Att; jew

(e) biex jinvestigaw ilmenti li jkunu rċevew mingħand il-konsumaturi skond l-artikolu 20 ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

(8) Mingħajr ebda preġudizzju għas-setgħat ta' l-awtorità kompetenti taħt dan l-Att jew kull liġi oħra, meta l-awtorità kompetenti jkollha tassew għaliex tissuspetta li attijiet li jmorru kontra d-disposizzjonijiet tad-Direttiva jkunu qegħdin jitwettqu jew ikunu ġew imwettqa fit-territorju ta' xi Stat Membru ieħor jew Stat ŻEE minn entijiet li ma jkunux soġġetti għas-sorveljanza tagħha, hija għandha tavża b'dan b'mod kemm jista' jkun speċifiku lill-punt ta' riferiment fl-Istat Membru l-ieħor jew Stat ŻEE.

(9) Meta l-informazzjoni li l-awtorità kompetenti jkollha fil-pussess tagħha tkun oriġinat minn awtorità regolatorja Ewropea jew minn awtorità regolatorja estera, din ma tistax tiġi żvelata lil awtorità regolatorja Ewropea jew lil terzi oħra mingħajr il-kunsens espress ta' l-awtorità regolatorja Ewropea jew ta' l-awtorità regolatorja estera li tkun ittrasmettietha u, meta jkun adatt, unikament għall-finijiet li dwarhom dik l-awtorità tkun tat il-kunsens tagħha.

(10) Meta awtorità regolatorja Ewropea tissuspetta li attijiet imwettqin minn entitjiet li ma jkunux soġġetti għas-sorveljanza tagħha u li jkunu jmorru kontra d-disposizzjonijiet tad-Direttiva, ikunu qegħdin jitwettqu jew ikunu twettqu f'Malta u tavża lill-awtorità kompetenti b'dan, l-awtorità kompetenti għandha tieħu kull azzjoni li tkun adatta. L-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-awtorità regolatorja Ewropea li tkun qegħda tavża bl-eżitu ta' kull tali azzjoni u, sakemm ikun possibbli, bl-iżviluppi sinifikanti li jseħħu fil-frattemp:

Iżda kull tali azzjoni li tittieħed mill-awtorità kompetenti għandha tkun mingħajr ebda preġudizzju għas-setgħat u l-funzjonijiet ta' l-awtorità regolatorja Ewropea li tkun tat l-informazzjoni.";

(ċ) is-subartikolu (11) kif enumerat mill-ġdid għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "L-awtorità kompetenti tista' teżerita dawn is-setgħat li ġejjin fuq talba ta' awtorità regolatorja estera jew bil-għan li tgħin lil dik l-awtorità: ", għandhom jidħlu l-kliem "Mingħajr ebda preġudizzju għad-disposizzjonijiet preċedenti ta' dan l-artikolu, l-awtorità kompetenti tista' teżerċita dawn is-setgħat li ġejjin fuq talba ta' awtorità regolatorja Ewropea jew bil-għan li tgħin lil dik l-awtorità:"; u

(ii) fil-paragrafu (g) tiegħu, minflok il-kliem "lill-awtorità regolatorja estera", għandhom jidħlu l-kliem "lill-awtorità regolatorja Ewropea".

Żjieda ta' l-artikoli ġodda 17A, 17B, u 17C ma' l-Att prinċipali.

**71.** Minnufih wara l-artikolu 17 għandhom jiżdiedu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Koperazzjoni fil-funzjonijiet ta' sorveljanza, verifiki li jsiru fuq il-post jew fil-każ ta' investigazzjonijiet.

17A. (1) L-awtorità kompetenti tista' titlob il-koperazzjoni ta' l-awtorità regolatorja Ewropea fit-twettiq tal-funzjonijiet ta' sorveljanza tagħha jew dwar xi verifika li ssir fuq il-post jew f'xi investigazzjoni:

Kap. 345.

Iżda fil-każ ta' persuna li tkun detentur ta' liċenza jew ta' xi awtorizzazzjoni ekwivalenti oħra mingħand awtorità regolatorja Ewropea u li tkun membru remot fil-kuntest tat-tifsir tad-Direttiva ta' suq regolat awtorizzat skond l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, l-awtorità kompetenti tista' tikkomunika ma' dik il-persuna direttament, u f'dak il-każ l-awtorità

kompetenti għandha tinforma lill-punt ta' riferiment ta' l-Istat Membru domestiku ta' dik il-persuna skond dan.

(2) Awtorità regolatorja Ewropea tista' titlob il-koperazzjoni ta' l-awtorità kompetenti fit-twettiq tal-funzjonijiet ta' sorveljanza tagħha jew dwar verifika li ssir fuq il-post jew f'xi investigazzjoni, f'liema każ l-awtorità kompetenti għandha, fil-kuntest tas-setgħat li għandha:

(a) tagħmel il-verifiki jew l-investigazzjoni nnifisha; jew

(b) tippermetti lill-awtorità rikjedenti tagħmel il-verifika jew investigazzjoni; jew

(ċ) tippermetti lill-ispetturi jew lill-esperti fil-kuntest tat-tifsir ta' l-artikolu 14 ta' dan l-Att li jagħmlu l-verifika jew investigazzjoni.

Meta xi hadd jonqos milli jikkopera.

17B. L-awtorità kompetenti tista' tirrifjuta milli taġixxi f'każ ta' talba għal koperazzjoni fl-għemil ta' xi investigazzjoni, verifika li ssir fuq il-post jew funzjoni ta' sorveljanza taħt l-artikolu 17A ta' dan l-Att jew ta' skambju ta' informazzjoni ma' l-awtoritajiet regolatorji Ewropej nominati bħala punti ta' riferiment taħt is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 56 tad-Direttiva biss meta:

(a) dik l-investigazzjoni, verifika li ssir fuq il-post, funzjoni ta' sorveljanza jew skambju ta' informazzjoni jkunu jistgħu jaffettwaw b'mod kuntrarju s-sovranità, is-sikurezza jew il-politika pubblika ta' Malta;

(b) ikunu diġà nbdew proċeduri għar-rigward ta' l-istess azzjonijiet u kontra l-istess persuni quddiem il-qrati ta' Malta; jew

(ċ) tkun diġà ngħatat sentenza finali għar-rigward ta' dawk il-persuni għall-istess azzjonijiet f'Malta:

F'każ bħal dak hawn qabel imsemmi, l-awtorità kompetenti għandha tavża lill-awtorità regolatorja Ewropea skond dan, fejn kemm jista' jkun tipprovdi informazzjoni dettaljata biex tiġġustifika dak ir-rifjut.

Konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet moghtija qabel il-hruġ ta' liċenza.

17C. (1) Qabel ma tingħata liċenza lil applikant li jkun:

(a) sussidjarju ta' persuna li jkollha liċenza ta' servizzi ta' investiment jew awtorizzazzjoni ekwivalenti jew ta' istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew Stat ŻEE; jew

(b) sussidjarju ta' l-impriża prinċipali ta' persuna li tkun detentur ta' liċenza ta' servizzi ta' investiment jew awtorizzazzjoni ekwivalenti jew ta' istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew Stat ŻEE; jew

(ċ) li jkun kontrollat mill-istess persuni naturali jew legali li jikkontrollaw lil detentur ta' liċenza ta' servizzi ta' investiment jew lid-detentur ta' awtorizzazzjoni ekwivalenti jew lil istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew Stat ŻEE, l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta ma' l-awtoritajiet regolatorji Ewropej rilevanti.

(2) Qabel ma tingħata liċenza lil applikant li jkun:

(a) sussidjarju ta' istituzzjoni ta' kreditu jew impriża ta' l-assigurazzjoni awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew Stat ŻEE; jew

(b) sussidjarju ta' l-impriża prinċipali ta' istituzzjoni ta' kreditu jew impriża ta' l-assigurazzjoni awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew Stat ŻEE; jew

(ċ) kontrollat mill-istess persuna, sew naturali jew legali, li tikkontrolla istituzzjoni ta' kreditu jew impriża ta' l-assigurazzjoni awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew Stat ŻEE l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta ma' l-awtorità regolatorja Ewropea responsabbli għas-sorveljanza ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jew impriżi ta' l-assigurazzjoni.

(3) Il-konsultazzjoni bejn l-awtorità kompetenti u l-awtoritajiet regolatorji Ewropej għandha b'mod partikolari sseħħ meta tkun qegħda tiġi valutata l-adattabbilità ta' l-azzjonisti jew tal-membri u l-fama u l-esperjenza ta' persuni li effettivament imexxu n-negozju li jkunu involuti fl-immaniġġar ta' xi entità oħra ta' l-istess grupp. L-awtorità

kompetenti għandha tiskambja kull informazzjoni li tista' tkun rilevanti għall-awtoritajiet regolatorji Ewropej involuti oħra li tkun tirrigwarda l-adattabbilità ta' azzjonisti jew membri u l-fama u l-esperjenza ta' persuni li jkunu effettivament imexxu n-negozju, kemm għall-ħruġ tal-liċenza kemm għall-valutar ta' konformità kontinwa mal-kundizzjonijiet operattivi.".

**72**. Minnufih wara l-artikolu 17C għandu jiżdied dan is-subtitolu ġdid li ġej "KOPERAZZJONI MA' AWTORITAJIET REGOLATORJI BARRANIN u MA' KORPI OĦRA", u minnufih wara dan għandu jiżdied dan l-artikolu li ġej:–

Żjieda ta' subtitolu ġdid ma' l-Att prinċipali.

"Koperazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji barranin.

17D. (1) Pattijiet ta' koperazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji barranin jew awtoritajiet oħra, korpi u persuni naturali jew legali f'pajjiżi li m'humiex Stati Membri jew fi Stati ŻEE jistgħu jsiru biss jekk l-informazzjoni żvelata tkun soġġetta għal garanziji ta' segretezza professjonali li jkunu għall-inqas ekwivalenti għal dawk meħtieġa taħt l-artikolu 26 ta' dan l-Att. Dak l-iskambju ta' informazzjoni għandu jkun intiż għat-twettiq tal-funzjonijiet ta' dawk l-awtoritajiet regolatorji barranin jew awtoritajiet oħra, korpi u persuni naturali jew legali:

Iżda t-trasferiment ta' data personali lejn pajjiżi li m'humiex Stati Membri jew lejn Stati ŻEE għandu jsir skond id-disposizzjonijiet tal-Kapitlu IV tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 fuq il-protezzjoni ta' individwi dwar l-ipproċessar ta' data personali u fuq il-moviment liberu ta' dik id-data.

(2) L-awtorità kompetenti tista' tagħmel pattijiet ta' koperazzjoni li jkunu jipprovdu dwar l-iskambju ta' informazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji barranin, ma' awtoritajiet oħra jew ma' korpi u persuni naturali jew legali f'pajjiżi li m'humiex Stati Membri jew fi Stati ŻEE responsabbli:

(i) għas-sorveljanza ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, organizzazzjonijiet finanzjarji oħra, persuni li jkollhom liċenza, impriżi ta' l-assigurazzjoni u għas-sorveljanza ta' swieq finanzjarji;

(ii) għal-likwidazzjoni u falliment ta' persuni li jkollhom liċenza jew awtorizzazzjoni ekwivalenti u proċeduri simili oħrajn ;

(iii) għat-twettiq ta' verifiki statutorji tal-kontijiet ta' persuni li jkunu detenturi ta' liċenza jew awtorizzazzjoni ekwivalenti u istituzzjonijiet finanzjarji oħra, istituzzjonijiet ta' kreditu u impriżi ta' l-assigurazzjoni, fit-twettiq tal-funzjonijiet ta' sorveljanza tagħhom, jew li jamministraw skemi ta' kompensazzjoni, fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom;

(iv) għall-monitoraġġ tal-korpi involuti fil-likwidazzjoni u l-falliment ta' persuni li jkollhom liċenza jew awtorizzazzjoni ekwivalenti u proċeduri simili oħrajn ;

(v) għall-monitoraġġ ta' persuni li jkunu inkarigat mit-twettiq ta' verifiki statutorji tal-kontijiet ta' impriżi ta' l-assigurazzjoni, persuni li jkunu detenturi ta' liċenza jew awtorizzazzjoni ekwivalenti, istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji oħra.

(3) Meta l-informazzjoni li l-awtorità kompetenti jkollha fil-pussess tagħha tkun oriġinat minn awtorità regolatorja Ewropea jew minn awtorità regolatorja estera, din ma tistax tiġi żvelata lill-awtorità regolatorja estera jew lil terzi oħra mingħajr il-kunsens espress ta' l-awtorità regolatorja Ewropea jew ta' l-awtorità regolatorja estera li tkun ittrasmettietha u, meta jkun adatt, unikament għall-finijiet li dwarhom dik l-awtorità tkun tat il-kunsens tagħha.

(4) Mingħajr ebda preġudizzju għad-disposizzjonijiet preċedenti ta' dan l-artikolu, fuq talba ta' l-awtorità regolatorja estera jew għall-finijiet li din tiġi assistita, l-awtorità kompetenti tista' teżerita s-setgħat elenkati fis-subartikolu (11) ta' l-artikolu 17, u għall-finijiet ta' dan is-subartikolu l-kliem "awtorità regolatorja Ewropea" għandhom jinftiehmu bħala "awtorità regolatorja estera".".

Emenda ta' l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali.

**73.** L-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "taħt l-artikolu 6(9)", għandhom jidħlu l-kliem "taħt l-artikolu 16A;";

(ii) fil-paragrafu (f) tiegħu, minflok il-kliem "l-artikolu 11; jew" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 11;";

(iii) il-paragrafu (g) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (h);

(iv) minnufih wara paragrafu (f) tiegħu għandu jiżdied dan ġdid li ġej paragrafu (g):

"(g) kull piena jew penali imposta taħt l-artikolu 12(5); jew";

(b) minflok is-subartikoli (3) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 21 ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal appelli li jistgħu jinġiebu quddiem it-Tribunal taħt dan l-artikolu."; u

(ċ) is-subartikolu (4) tiegħu għandha jitħassar.

**74.** Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 21 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 21 ta' l-Att prinċipali.

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "jew ta' xi regoli jew regolamenti" għandhom jidħlu l-kliem "jew ta' xi Regoli ta' Servizzi ta' Investiment u regolamenti";

(b) fil-paragrafu (a) tiegħu u kull fejn dawn jinsabu fid-disposizzjoni msemmija minflok il-kliem "ħtieġa, direttiva" għandhom jidħlu l-kliem "ħtieġa, Regoli ta' Servizzi ta' Investiment, direttiva".

**75.** L-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu:

(i) minflok il-kliem "kif applikati bl-artikolu 17", għandhom jidħlu l-kliem "kif applikati bl-artikoli 17 u 17D";

(ii) minflok il-kliem "ta' kull regola jew regolament magħmul", għandhom jidħlu l-kliem "ta' kull regolament magħmul";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "ta' xi regoli jew regolamenti magħmula", għandhom jidħlu l-kliem "ta' xi regolamenti magħmula".

Emenda ta' l-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali.

**76.** Fl-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "taħt l-artikolu 12(4)", għandhom jidħlu l-kliem "taħt l-artikolu 12(5)".

Emenda ta' l-artikolu 25 ta' l-Att prinċipali.

**77.** Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 25 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "liċenza tkun kisret xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regoli u regolamenti", għandhom jidħlu l-kliem "liċenza, jew xi persuna oħra, tkun kisret xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti"; u

(b) minflok il-kliem "direttiva jew ordni" għandhom jidħlu l-kliem "Regoli ta' Servizzi ta' Investiment, direttiva jew ordni".

Emenda ta' l-artikolu 26 ta' l-Att prinċipali.

**78.** L-artikolu 26 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "impjegati jew aġenti tagħha" għandhom jidħlu l-kliem "impjegati jew aġenti tagħha, kif ukoll mill-ispetturi, awdituri u esperti mqabbda mill-awtorità kompetenti";

(ii) minflok il-kliem "xi regoli jew regolamenti magħmula", għandhom jidħlu l-kliem "xi Regoli ta' Servizzi ta' Investiment jew regolamenti magħmula";

(iii) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "minn awtorità regolatorja barranija", għandhom jidħlu l-kliem "minn awtorità regolatorja Ewropea jew awtorità regolatorja barranija";

(iv) fil-paragrafu (g) tiegħu, minflok il-kliem "jew kriminali.", għandhom jidħlu l-kliem "jew kriminali:";

(v) minnufih wara l-paragrafu (g) tiegħu, għandhom jiżdiedu dawn iż-żewġ provisos ġodda li ġejjin:

"Iżda dan l-artikolu m'għandux iżomm lill-awtorità kompetenti milli tiskambja jew tittrasmetti informazzjoni kunfidenzjali skond id-Direttiva u skond kull Direttiva oħra tal-Komunità Ewropea li tkun tapplika għad-detentur tal-liċenzi, istituzzjonijiet ta' kreditu, fondi tal-pensjoni, UCITS, intermedjarji ta' l-assigurazzjoni u r-rijassigurazzjoni, impriżi ta' l-assigurazzjoni, swieq regolati jew operaturi fis-swieq:

Iżda wkoll dan l-artikolu mgħandux iżomm lill-awtorità kompetenti milli tuża dik l-informazzjoni għal finijiet oħra meta l-korp jew il-persuna li tkun qegħda twassal l-informazzjoni lill-awtorità kompetenti tagħti l-kunsens tagħha għal dan.";

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Mingħajr ebda preġudizzju għall-każijiet koperti mid-dritt kriminali, kull informazzjoni kunfidenzjali li tkun ġiet riċevuta minn korpi jew persuni naturali jew legali fil-kuntest tat-tifsir ta' l-Artikolu 58 tad-Direttiva għandha biss tiġi użata fit-twettiq ta' dmirijiethom u għall-eżerizzju tal-funzjonijiet tagħhom. B'żjieda ma' dan, dik l-informazzjoni għandha tiġi użata speċifikament għall-fini li dwarha dik l-informazzjoni tkun ġiet provduta lilhom, jew fil-kuntest ta' proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji li jkollhom speċifikament x'jaqsmu ma' l-eżerċizzju ta' dawk il-funzjonijiet:

Iżda meta korp jew persuna li jkunu qegħdin jikkomunikaw informazzjoni lill-awtorità kompetenti jagħtu l-kunsens tagħhom għal dan, dik l-informazzjoni tista' tiġi użata mill-awtorità kompetenti għal finijiet oħra."; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subartikolu (3) ġdid li ġej:

"(3) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu u ta' l-artikoli 17 u 17D ta' dan l-Att m'għandhomx jipprekludu lill-awtorità kompetenti milli tittrasmetti lill-Bank Ċentrali ta' Malta, lis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u lill-Bank Ċentrali Ewropew, fil-funzjoni tagħhom ta' awtoritajiet monetarji, u, meta jkun adatt, lil awtoritajiet pubbliċi oħra li jkunu responsabbli għall-monitoraġġ ta' sistemi ta' pagament u ta' ħlas in assaldu, informazzjoni kunfidenzjali intiża għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom.".

Emenda ta' l-artikolu 27 ta' l-Att prinċipali.

**79.** Fl-artikolu 27 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "xi regoli jew regolamenti" kull fejn dawn jinsabu fl-imsemmija provediment, għandhom jidħlu l-kliem "xi Regoli ta' Servizzi ta' Investiment jew regolamenti".

Emenda ta' l-artikolu 28 ta' l-Att prinċipali.

**80.** Fl-artikolu 28 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "jew xi regoli jew regolamenti magħmula" għandhom jidħlu l-kliem "jew xi Regoli ta' Servizzi ta' Investiment jew regolamenti magħmula".

Thassir ta' l-artikolu 29 ta' l-Att prinċipali.

**81.** L-artikolu 29 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi mħassar.

Emenda ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

**82.** Minflok l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

**"L-EWWEL SKEDA**

**(Artikolu 2)**

**Servizzi**

**1. Twassil u Trasmissjoni ta' Ordnijiet għar-rigward ta' xi strument wieħed jew aktar.**

It-twassil minn persuna ta' ordni biex isir xiri, bejgħ jew sottoskrizzjoni għal strumenti u t-trasmissjoni ta' dik l-ordni lil terza parti għall-eżekuzzjoni tagħha.

**2. Esekuzzjoni ta' Ordnijiet għan-nom ta' persuni oħra**

Xogħol ta' għemil ta' pattijiet biex isir xiri, bejgħ jew sottoskrizzjoni għal strument wieħed jew aktar għan-nom ta' persuni oħra.

**3. Negozjar għan-nom ta' persuna nnifisha.**

Negozju kontra kapital li jikkonsisti fi proprjetà li jirriżulta fl-għemil ta' operazzjonijiet f'xi strument wieħed jew aktar.

**4. Immaniġġar ta' Investimenti**

Immaniġġar jew qbil li jsir immaniġġar ta' attiv li jappartjeni lil persuna oħra jekk dak l-attiv ikun jikkonsisti fi jew jinkludi xi strument wieħed jew aktar jew l-arranġamenti għall-immaniġġar tagħhom ikunu tali li l-persuna li tkun qegħda timmaniġġa jew taqbel li timmaniġġa dak l-attiv ikollha diskrezzjoni tinvesti parti minn dak l-attiv f'xi strument wieħed jew aktar.

Immaniġġar ta' Investimenti jista' wkoll jikkostitwixxi s-selezzjoni jew ftehim li ssir selezzjoni, fuq bażi ta' diskrezzjoni, strumenti li b'riferenza għalihom il-benefiċċji jkunu għalkollox jew f'parti minnhom jitħallsu taħt kuntratt ta' assigurazzjoni li jinkwadra fil-klassi III - *linked long term* tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni.

Kap. 403.

## 5. Servizzi ta' *Trustee*, Kustodju jew Detentur *Nominee*

(a) Xogħol bħala *trustee*, kustodju jew detentur *nominee* ta' xi strument, jew ta' l-attiv rappreżentat minn jew xortħoħra konness ma' xi strument, meta l-persuna li tkun qegħda taġixxi bħala *trustee*, kustodju jew detentur *nominee* ikun qiegħed jagħmel dan bħala parti mill-għoti ta' servizz ta' investiment li jkun qiegħed jagħmel kif hemm fil-paragrafi 1, 2, 3, 4 jew 6 ta' din l-Iskeda:

Iżda għall-finijiet ta' dan is-subparagrafu kull persuna li tkun awtorizzata jew xortħoħra eżentata mill-awtorizzazzjoni skond l-artikolu 43 jew 43A ta' l-Att dwar it-*Trusts* u *Trustees,* ma tkunx teħtieġ, għax tkun qegħda żżomm dak l-attiv, li jkollha liċenza skond dan is-subparagrafu jekk dik il-persuna ma tkunx tipprovdi servizz ta' investiment u tiddelega l-attivitajiet kollha li huma servizzi ta' investiment skond dan l-Att lil persuna li jkollha liċenza li tipprovdi dawk is-servizzi; jew Kap. 331.

(b) Tiżmim ta' strument jew l-attiv rappreżentat minn jew xortħoħra konness ma' strument bħala *nominee*, meta il-persuna li taġixxi ta' *nominee* tkun qegħda tagħmel dan għan-nom ta' persuna oħra li tagħti servizz ta' investiment stipulat f'din l-Iskeda, jew f'isem klijent ta' dik il-persuna, u dak ix-xogħol bħala *nominee* isir għar-rigward ta' dak is-servizz ta' investiment:

Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu kull persuna li tkun awtorizzata jew xort'oħra eżentata minn awtorizzazzjoni skond l-artikolu 43 jew 43A ta' l-Att dwar it-*Trusts* u *Trustees* ma tkunx teħtieġ, għax tkun qegħda żżomm dak l-attiv, li jkollha liċenza skond dan l-Att. (ċ) Xogħol bħala *trustee* jew kustodju għar-rigward ta' skema ta' investiment kollettiv. Kap. 331.

## 6. Pariri fuq l-Investiment

Li jingħata, jiġi offert jew isir qbil li jingħata, lil persuni fil-kwalità tagħhom ta' investituri jew investituri potenzjali jew ta' aġent ta' investitur jew investitur potenzjali, rakkomandazzjoni personali għar-rigward ta' xi operazzjoni waħda jew aktar li jkollhom x'jaqsmu ma' xi strument wieħed jew aktar.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "rakkomandazzjoni personali" tfisser rakkomandazzjoni ppreżentata bħala waħda idonea għall-persuna lil min din tkun indirizzata, jew li tkun bażata fuq konsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi ta' dik il-persuna, u għandha tkun tikkostitwixxi rakkomandazzjoni li jittieħed xi wieħed minn dawn l-istadji li ġejjin:

(a) li jinxtara, jinbiegħ, jiġi sottoskritt, kambjat, mifdi, miżmum jew isir *underwriting* ta' strument partikolari;

(b) li jiġi eżerċitat jew ma jiġix eżerċitat xi dritt mogħti b'xi strument partikolari għax-xiri, bejgħ, sottoskrizzjoni, kambju jew fidi ta' strument;

(ċ) li jintgħażel xi strument wieħed jew aktar li b'riferenza għalih jitħallsu għalkollox jew biss f'parti benefiċċji mħallsa taħt kuntratt ta' assigurazzjoni li jinkwadra fil-kuntest tat-tifsir ta' klassi III – '*linked long term* ', fit-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni.

Kap. 403.

Rakkomandazzjoni ma titqiesx bħala rakkomandazzjoni personali jekk din tkun esklużivament maħruġa permezz ta' kanali ta' distribuzzjoni jew għall-pubbliku.

**7. *Underwriting* ta' strumenti u, jew tqegħid ta' strumenti fuq bażi soda ta' impenn**

Kull *underwriting* jew tqegħid ta' strumenti hekk li l-persuna li tkun qegħda tipprovdi s-servizz tassumi r-riskju li jitqiegħed ħruġ ġdid ta' titoli fis-suq bix-xiri ta' dak il-ħruġ mill-emittent biex hekk jiġi garantit il-bejgħ ta' ċertu għadd ta' ishma għall-investituri.

**8. Tqegħid ta' Strumenti mingħajr bażi soda ta' impenn.**

It-tqegħid fis-suq ta' titoli li jkunu għadhom kemm ġew maħruġa jew ta' titoli li jkunu diġà inħarġu iżda li ma jkunux ġew elenkati, lil persuni speċifikati u li ma jkunx jinvolvi offerta lill-pubbliku jew lil detenturi eżistenti tat-titoli ta' l-emittent – mingħajr ma jassumu r-riskju li jiggarantixxu l-bejgħ ta' ċertu għadd ta' ishma bix-xiri tat-titoli relattivi mingħand l-emittent.

**9. Operazzjoni ta' Faċilità ta' Negozju Multilaterali.**

L-operazzjoni ta' sistema multilaterali li tlaqqa' flimkien xiri minn terzi multipli u interess ta' bejgħ ta' strumenti – fis-sistema u skond–ħtiġiet mhux diskrezzjonarji – hekk li jirriżulta f'kuntratt."

Emenda tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

**83.** Minflok it-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

## “IT-TIENI SKEDA

**(Artikolu 2)**

### Strumenti

**1.** Titoli trasferibbli

Dawk il-klassijiet ta’ titoli li huma negozjabbli fuq is-suq kapitali u jinkludu:

(a) ishma f’kumpanniji u f’titoli oħra ekwivalenti għal ishma f’kumpanniji, soċjetajiet jew entitajiet oħra, u riċevuti depożitarji fir-rigward ta’ ishma;

(b) *bonds* jew għamliet oħra ta’ debitu f’titoli, inklużi riċevuti depożitarji fir-rigward ta’ dawk it-titoli;

(ċ) kull titolu ieħor li jagħti d-dritt kull tali titoli trasferibbli ikun jista’ jiġi akkwistat jew mibjugħ jew li jagħti lok għal tisrif fi flus likwidi stabbilit b’riferenza għal titoli trasferibbli, muniti, rati ta’ interess jew dividendi, kommoditajiet jew indiċijiet jew miżuri oħra.

**2.** Strumenti fis-Suq tal-Flus.

Dawk il-klassijiet ta’ strumenti li jkunu normalment ittrattati fis-suq tal-flus, bħalma huma *bills* tat-teżor, ċertifikati ta’ depositu u dokumenti kummerjali bl-esklużjoni ta’ strumenti ta’ pagament.

**3.** *Units* fi skemi ta’ investiment kollettiv.

**4.** Opzjonijiet, *futures*, *swaps*, pattijiet dwar rati futuri u kull kuntratt derivattiv ieħor li jkollu x’jaqsam ma’ titoli, muniti, rati ta’ interess jew dividendi, jew strumenti derivattivi oħra, indiċijiet finanzjarji jew miżuri finanzjarji li jistgħu jiġu risoluti fiżikament jew bi flus likwidi.

**5.** Opzjonijiet, *futures*, *swaps*, pattijiet dwar rati futuri u kull kuntratt derivattiv ieħor li jkollu x’jaqsam ma’ kommoditajiet li għandhom ikunu riżoluti bi flus likwidi jew li jistgħu jkunu riżoluti bi flus likwidi b’għażla ta’ xi waħda mill-partijiet (xort’oħra milli minħabba f’xi skadenza jew ġrajja oħra li tagħti seħħ lil terminazzjoni).

**6.** Opzjonijiet, *futures, swaps,* u kull kuntratt derivattiv ieħor li jkollu x'jaqsam ma' kommoditajiet, li jistgħu jkunu fiżikament riżoluti iżda li jiġu negozjati f'suq regolat, fil-kuntest tat-tifsir ta' l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji u, jew Faċilità ta' Negozju Multilaterali fil-kuntest tat-tifsir fi Skeda 1.

Kap. 345.

**7.** Opzjonijiet, *futures, swaps,* rati futuri u kull kuntratt derivattiv ieħor li jkollu x'jaqsam ma' kommoditajiet, li jistgħu jkunu riżoluti fiżikament, li ma jkollhomx għanijiet kummerċjali, li ma jkunux inklużi fl-artikolu 6 ta' din l-Iskeda, u, li jkollhom il-karatteristiċi ta' strumenti derivattivi oħra, fil-kuntest ta' jekk, fost l-oħrajn, dawn ikunux għaddew mill-*clearing* u ġew riżoluti permezz ta' *clearing houses* rikonoxxuti jew ikunux soġġetti għal *marġini calls* regolari.

**8.** Strumenti derivattivi għat-trasferiment ta' riskju fil-kreditu.

**9.** Drittijiet li jinkwadraw taħt kuntratt għad-differenzi jew taħt kull kuntratt ieħor li jkollu l-għan jew għan intiż li jaċċerta profitt jew li jevita telf b'riferenza għal fluttwazzjonijiet fil-valur jew fil-prezz ta' proprjetà tkun kif tkun din imsejħa jew f'indiċi jew xi fattur ieħor indikat għal dak l-għan fil-kuntratt.

**10.** Opzjonijiet, *futures, swaps,* pattijiet dwar rati futuri u kull kuntratt derivattiv ieħor li jkollu x'jaqsam ma' varjabbiltajiet klimatiċi, rati għat-trasport, *allowances* dwar emissjonijiet jew rati ta' inflazzjoni jew statistiċi uffiċjali ekonomiċi oħra li għandhom ikunu riżolti bi flus likwidi jew li jistgħu jkunu riżolti bi flus likwidi bl-opzjoni ta' xi waħda mill-partijiet (xort'oħra milli minħabba f'xi skadenza jew ġrajja oħra li tagħti seħħ lil terminazzjoni), kif ukoll kull kuntratt derivattiv ieħor li jkollu x'jaqsam ma' l-attiv, drittijiet, obbligi, indiċijiet u miżuri li m'humiex xort'oħra msemmija f'din l-Iskeda, li jkollhom il-karatteristiċi ta' strumenti derivattivi oħra, meta jiġi ikkunsidrat jekk, fost l-oħrajn, dawn jiġux negozjati f'suq regolat fil-kuntest tat-tifsir ta' l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji jew Faċilità ta' Negozju Multilaterali fil-kuntest tat-tifsir ta' l-Ewwel Skeda, ikunux għaddew mill-*clearing* u ġew riżoluti permezz ta' *clearing houses* rikonoxxuti jew ikunux soġġetti għal *marġini calls* regolari.

Kap. 345.

**11.** Ċertifikati jew strumenti oħra li jikkonferixxu drittijiet fuq proprjetà għar-rigward ta' xi strument li jinkwadra f'din l-Iskeda.

**12.** Valuta estera li tinkiseb jew tinżamm għal finijiet ta' investiment.".

## TAQSIMA IV

**84.** (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emenda ta' l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, Kap. 371.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-Att.

**85.** L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu:

(i) minnufih wara l-kliem "F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Approċċ ta' Tikjil Avvanzat" tfisser approċċ kif imfisser fir-Regola Bankarja fuq ħtiġiet kapitali;";

(ii) it-tifsira "direttiva bankarja" għandha titħassar, u minnufih wara t-tifsira "rabtiet mill-qrib" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Regola Bankarja" tfisser Regola maħruġa mill-awtorità kompetenti taht diversi artikoli ta' dan l-Att;", u minflok il-kliem "direttiva bankarja" u "direttivi bankarji", kull fejn dawn jinsabu fl-Att, għandhom jidħlu l-kliem "Regola Bankarja" u "Regoli Bankarji", skond il-każ;

(iii) minnufih wara t-tifsira "depożitu", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttiva dwar Adegwatezza Kapitali" tfisser Direttiva 2006/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 fuq l-adegwatezza kapitali ta' ditti ta' investiment u istituzzjonijiet ta' kreditu, skond kif tista' tkun emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kull miżura ta' implimentazzjoni li tkun ġiet maħruġa jew li tista' tiġi maħruġa taħtha;";

(iv) fit-tifsira "kumpannija", minflok il-kliem "jew kumpannija reġistrata jew inkorporata barra minn Malta", għandhom jidħlu l-kliem "jew kumpannija reġistrata, li jkollha liċenza jew *holding* ta' awtorizzazzjoni ekwivalenti f'xi pajjiż ieħor barra minn Malta", u minflok il-kelma "reġistrata jew inkorporata taħt l-liġijiet ta' Malta;", għandhom jidħlu l-kliem "reġistrata jew li jkollha liċenza taħt l-liġijiet ta' Malta;";

(v) fit-tifsira "awtorità kompetenti", minflok il-kliem "fl-artikolu 3 (1);", għandhom jidħlu l-kliem "fl-artikolu 3(1) ta' dan l-Att;";

(vi) minnufih qabel it-tifsira ġdida "Direttiva dwar Adegwatezza Kapitali", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttiva" tfisser Direttiva tal-Kunsill 2006/48/KE ta' l-14 ta' Ġunju 2006, dwar il-bidu u l-ġestjoni tan-negozju ta' istituzzjonijiet ta' kreditu *(recast),* skond ma tista' tkun emendata jew aġġornata minn żmien għal żmien, u tinkludi kull miżura ta' implimentazzjoni li tkun ġiet maħruġa jew li tista' tiġi maħruġa taħtha;";

(vii) fit-tifsira "direttur", minflok il-kliem "reġistrata jew inkorporata barra minn Malta", għandhom jidħlu l-kliem "reġistrata, li jkollha liċenza jew holding ta' awtorizzazzjoni ekwivalenti f'xi pajjiż ieħor barra minn Malta";

(viii) minnufih wara t-tifsira "rikostruzzjoni", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Stat ŻEE" tfisser Stat li jkun parti kontraenti fil-ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea iffirmat f'Oporto fit-2 ta' Mejju, 1992 kif emendat bil-Protokoll iffirmat fi Brussel fis-17 ta' Marzu, 1993 u kif emendat b'attijiet sussegwenti;";

(ix) minflok it-tifsira "direttiva ta' istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi", għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Regola dwar Flus Elettroniċi" tfisser ir-Regola maħruġa mill-awtorità kompetenti taħt diversi artikoli ta' dan l-Att;", u minflok il-kliem "direttiva ta' istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi" u "direttivi ta' istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi", kull fejn dawn jinsabu

fl-Att, għandhom jidħlu l-kliem "Regola dwar Flus Elettroniċi";

(x) minnufih wara t-tifsira "istituzzjoni ta' flus elettroniċi", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "kapital inizjali" tfisser kapital azzjonarju ordinarju u riservi kif imfissra f'Regola Bankarja fuq il-proċeduri ta' applikazzjoni u ħtiġiet għal awtorizzazzjoni;";

(xi) it-tifsira "direttiva dwar *exposures* kbar" għandha titħassar, u minnufih qabel it-tifsira ġdida "Regola dwar Flus Elettroniċi" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Regola dwar *Exposures* Kbar" tfisser dik ir-Regola li għandha tiġi maħruġa mill-awtorità kompetenti biex tirregola *exposures* kbar;", u minflok il-kliem "direttiva dwar *exposures* kbar", kull fejn dawn jinsabu fl-Att, għandhom jidħlu l-kliem "Regola dwar *Exposures* Kbar";

(xii) minnufih wara t-tifsira "*money laundering*", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "obbligi internazzjonali ta' Malta" tfisser kull impenn, responsabbiltà u obbligazzjoni li Malta għandha u li joriġinaw mil-liġi tal-Komunità Ewropea, jew mis-sħubija, jew affiljazzjoni, jew relazzjoni ma' xi organizzazzjoni internazzjonali, globali jew reġjonali jew aggruppament ta' pajjiżi jew minn xi trattat, konvenzjoni jew ftehim internazzjonali ieħor, ikun kif ikun magħruf, sew bilaterali sew multilaterali, li Malta tkun parti fih;";

(xiii) (a) minnufih wara t-tifsira ġdida "Approċċ ta' Tikjil Avvanzat", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "attivitajiet materjali" tfisser:

(i) attivitajiet ta' tali importanza fejn kull dgħufija jew nuqqas fit-twettiq ta' dawn l-attivitajiet jista' jkollu effett sinifikanti fuq il-kapaità ta' entità li jkollha liċenza li twettaq ir-responsabbiltajiet regolatorji li jkollha u, jew li tkompli għaddejja fin-negozju;

(ii) kull attività oħra li tkun tenħtieġ liċenza mingħand l-awtorità ta' sorveljanza;

(iii) xi attivitajiet li jkollhom impatt sinifikanti fuq il-maniġġar ta' riskju ta' l-entità; u

(iv) l-immaniġġar ta' riskji li għandhom x'jaqsmu ma' dawn l-attivitajiet;" ; u

(b) minnufih qabel it-tifsira "Stat ŻEE" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Komunitajiet Ewropej;"

(xiv) (a) minnufih wara t-tifsira ġdida "obbligi internazzjonali ta' Malta", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "*outsourcing*" tfisser l-użu li entità li jkollha liċenza tagħmel minn terzi (il-provditur ta' servizz ta' *outsourcing*) biex twettaq attivitajiet li normalment isiru minn entità li jkollha liċenza, korrenti jew fil-futur. Il-provditur jista' jkun entità li jkollha liċenza, jew jista' ma jkunx;";

(b) minnufih wara t-tifsira "persuni konnessi", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "provditur ta' servizz ta' outsourcing" tfisser il-provditur ta' oġġetti, servizzi jew faċilitajiet, li jistgħu jkunu entità li jkollha liċenza, jew jistgħu ma jkunux, u li jistgħu jkunu entità affiljata fi ħdan grupp korporattiv jew entità li tkun barranija għall-grupp;" u

(ċ) minnufih wara t-tifsira "awtorità kompetenti", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "awtorità regolatorja estera" tfisser awtorità li f'pajjiż jew territorju barra minn Malta teżerita funzjoni li tkun tikkorrispondi għall-funzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti taħt dan l-Att;";

(xv) fit-test Ingliż tat-tifsira "subsidiary", minflok il-kliem "by the Companies Act.", għandhom jidħlu l-kliem "by the Companies Act;";

(xvi) minnufih wara t-tifsira ġdida "*outsourcing*", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "pajjiż terz" tfisser pajjiż li ma jkunx Stat Membru jew Stat ŻEE.";

(b) fl-ewwel proviso mas-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "aċċettazzjoni ta' depożiti ta' flus għall-finijiet ta' dan l-Att:", għandhom jidħlu l-kliem "aċċettazzjoni ta' depożiti ta' flus għall-finijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolament jew Regoli Bankarji magħmulin taħtu:";

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (5) tiegħu, għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

" "(6) L-għan ta' dan l-Att hu, f'parti minnu, biex jimplimenta d-disposizzjonijiet tad-Direttiva u tad-Direttiva dwar Adegwatezza Kapitali, u għandu jiġi interpretat u applikat skond hekk.

(7) F'dan l-Att u f'kull regolament magħmulin taħtu, jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Ingliż u dak Malti, għandu jipprevali t-test Ingliż.".

**86.** L-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "għall-finijiet ta' dan l-Att sabiex jesegwixxi l-funzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti taħt dan l-Att.", għandhom jidħlu l-kliem "għall-finijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolament jew Regoli Bankarji magħmulin taħtu sabiex jesegwixxi l-funzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti taħt dan l-Att u kull regolament jew Regoli Bankarji magħmulin taħtu."; u

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu, għandu jidħol dan is-subartikolu (2) ġdid li ġej:

"(2) (a) Il-Ministru, li jaġixxi bil-parir ta' l-awtorità kompetenti, jista' jagħmel regolamenti skond ma jistgħu jkunu meħtieġa biex jagħti seħħ lid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, u jista' b'dawk ir-regolamenti jittrasponi, jimplimenta u jagħti seħħ lill-ħtiġiet tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 li tirrigwarda l-bidu u l-ġestjoni tan-negozju ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u l-ħtiġiet tad-Direttiva 2006/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 fuq l-adegwatezza kapitali

ta' ditti ta' investiment u istituzzjonijiet ta' kreditu. (b) Il-Ministru, li jaġixxi bil-parir ta' l-awtorità kompetenti, jista' b'żjieda ma' dan jemenda jew jirrevoka dawk ir-regolamenti.".

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

**87.** L-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "l-funzjonijiet preskritti b'dan l-Att, li tassigura li l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jagħmlu kummerċ f'Malta jħarsu dan l-Att, ir-regolamenti u direttivi maħruġa taħt dan l-Att", għandhom jidħlu l-kliem "l-funzjonijiet preskritti b'dan l-Att u kull regolamenti, Regoli Bankarji, jew Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu u li tassikura li l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jagħmlu kummerċ f'Malta jikkonformaw ruħhom ma' dan l-Att, u ma' kull regolamenti, direttivi, Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi maħruġa taħtu";

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu, għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) L-awtorità kompetenti tagħmel, temenda jew tirrevoka Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi skond ma jista' jkun meħtieġ sabiex tinġieb fis-seħħ xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolament jew Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu.",

(ċ) is-subartikoli (3) u (4) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (4) u (5);

(d) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subartikolu (3) ġdid li ġej:

"(3) Regoli Bankarji għandhom ikunu vinkolanti fuq id-detenturi ta' liċenza u oħrajn li jistgħu jiġu speċifikati fihom stess. Regoli dwar Flus Elettroniċi jistgħu jipprovdu li xi disposizzjoni li tinsab fir-Regoli Bankarji, skond ma jista' jkun speċifikat, għandha wkoll tapplika għal istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi .".

Emenda ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali.

**88.** L-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikoli (2), (3), (4), (5) u (6) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (3), (4), (5), (6) u (7) rispettivament;

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subartikolu (2) ġdid li ġej:

"(2) Ebda istituzzjoni ta' kreditu li jkollha liċenza jew awtorizzazzjoni ta' holding ekwivalenti barra minn Malta ma tista' tifta' fergħa, aġenzija jew uffiċċju jew twaqqaf sussidjarja f'Malta kemm-il darba jkollha liċenza mogħtija taħt dan l-Att mill-awtorità kompetenti:

Iżda istituzzjoni ta' kreditu li jkollha liċenza jew awtorizzazzjoni ta' *holding* ekwivalenti fi Stat Membru jew Stat ŻEE għandu jkollhom jedd jeżeritaw id-drittijiet tagħhom taħt il-liġi tal-Komunità Ewropea.";

(ċ) fis-subartikolu (5) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "li ma jkunx iżjed minn żewġ miljun u hames mitt elf lira Maltin;", għandhom jidħlu l-kliem "li ma jkunx jeċċedi l-ammont ta' żewġ miljuni ħames mija u ħamsa u sebgħin elf u tmin mitt liri Maltin (sitt miljun Euro);";

(ii) fil-proviso mal-paragrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "suġġett għal ħażna massima ta' ammont li ma jkunx iżjed minn sittin lira Maltin.", għandhom jidħlu l-kliem "suġġett għal ħażna massima ta' ammont li ma jkunx jeċċedi erbgħa u sittin liri Maltin u erbgħin enteżmu (mija u ħamsin Euro).".

**89.** L-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu:

(i) minflok il-paragrafu (a) tiegħu, għandu jidħol dan il-paragrafu (a) ġdid li ġej:

"(a) il-kapital inizjali tagħha jammonta għal mhux inqas minn żewġ miljuni mija u sitta w erbgħin elf u ħames mitt liri Maltin (ħames miljun Euro) jew, fil-każ ta' istituzzjoni ta' flus elettroniċi, minn erba' mija u disgħa w għoxrin elf u tliet mitt liri Maltin (miljun Euro):

Iżda, mingħajr ebda preġudizzju u bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 16A, l-awtorità kompetenti tista' permezz ta' disposizzjoni li tinsab f'Regola Bankarja, iżżid l-ammonti stabbiliti f'dan il-paragrafu,

u dawk l-ammonti jistgħu jissemmew f'kull munita oħra li tista' tiġi speċifikata f'Regola Bankarja;";

(ii) fil-paragrafu (d) tiegħu, minflok il-kliem "id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi direttiva bankarja:", għandhom jidħlu l-kliem "id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolament jew Regola Bankarja magħmula taħtu:", u fl-ewwel proviso li jiġi minnufih wara, minflok il-kliem "jekk l-applikant ikun istituzzjoni ta' kreditu awtorizzat f'xi pajjiż ieħor,", għandhom jidħlu l-kliem "jekk l-applikant ikun istituzzjoni ta' kreditu li jkollu liċenza jew awtorizzazzjoni ta' *holding* ekwivalenti f'xi pajjiż ieħor,";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi mħassar;

(ċ) is-subartikoli (3) u (4) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (2) u (3) rispettivament;

(d) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subartikolu (4) ġdid li ġej:

"(4) Meta toħroġ liċenza, l-awtorità kompetenti tista', bla ħsara għal dawk il-kundizzjonijiet li hija tista' tqis adatti, u wara li tkun ħarġet il-liċenza hija tista', minn żmien għal żmien, tibdel jew tirrevoka kull kondizzjoni li tkun ġiet hekk imposta jew timponi kondizzjonijiet ġodda.";

(e) fis-subartikolu (5) tiegħu, minflok il-kliem "preskritt taħt is-subartikolu (3),", għandhom jidħlu l-kliem "preskritt taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu,";

(f) minnufih wara s-subartikolu (7) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subartikolu (8) ġdid li ġej:

"(8) L-awtorità kompetenti għandha tavża lill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea b'kull liċenza li tinħareġ lil istituzzjoni ta' kreditu skond l-Att u kull regolament jew Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi, magħmulin taħtu.".

Emenda ta' l-artikolu 7A ta' l-Att prinċipali.

**90.** Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 7A ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "ma għandux ikun iżjed minn ħames liri Maltin", għandhom jidħlu l-kliem "m'għandux jeċċedi l-ammont ta' erba' liri Maltin u tletin enteżmu (għaxar Euro).".

**91.** L-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "Kumpannija inkorporata barra minn Malta", għandhom jidħlu l-kliem "Kumpannija li jkollha liċenza jew awtorizzazzjoni ta' *holding* ekwivalenti f'xi pajjiż ieħor li ma jkunx Malta";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "fis-subartikolu (1) li jkollha", għandhom jidħlu l-kliem "fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu li jkollha";

(ċ) fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "bis-saħħa tas-subartikolu (3) kemm-il darba ma tkunx tal-fehma", għandhom jidħlu l-kliem "bis-saħħa tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu kemm-il darba ma tkunx tal-fehma";

(d) fis-subartikolu (5) tiegħu, minflok il-kliem "skond is-subartikolu (1) biex tipprovdi", għandhom jidħlu l-kliem "skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu biex tipprovdi";

(e) minflok is-subartikolu (7) tiegħu, għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(7) L-awtorità kompetenti tista' b'Regola Bankarja tipprovdi li d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 20 sa 24 ta' dan l-Att għandhom japplikaw għal uffiċċji rappreżentattivi f'Malta bl-istess mod kif dawn japplikaw għal istituzzjonijiet ta' kreditu bla'ħsara għal dawk il-bidliet u l-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu stabbiliti fir-Regola Bankarja.";

(f) fis-subartikolu (9) tiegħu, minflok il-kliem "fl-imsemmi subartikolu (1), tordna lill-kumpannija msemmija fl-imsemmi subartikolu (1)", għandhom jidħlu l-kliem "fl-imsemmi subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, tordna lill-kumpannija msemmija fl-imsemmi subartikolu (1)".

**92.** L-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali.

(a) fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "istituzzjoni ta' kreditu inkorporat barra minn Malta", għandhom jidħlu l-kliem "istituzzjoni ta' kreditu li jkollha liċenza jew awtorizzazzjoni ta' *holding* ekwivalenti f'xi pajjiż ieħor li ma jkunx Malta";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "li javża skond dan l-Att; jew", għandhom jidħlu l-kliem "li javża skond dan l-Att jew kull regolament jew Regoli Bankarji jew Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu; jew";

(ii) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew il-kondizzjonijiet", għandhom jidħlu l-kliem "mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' kull regolament jew tar-Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi, magħmulin taħtu jew mill-kondizzjonijiet";

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "bis-saħħa tas-subartikolu (2) għandhom ikunu dawk ir-restrizzjonijiet", għandhom jidħlu l-kliem "bis-saħħa tas-subartikolu (2) ta' dan l-Att għandhom ikunu dawk ir-restrizzjonijiet", u minflok il-kliem""id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u l-kondizzjonijiet,", għandhom jidħlu l-kliem "id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolament jew Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu u l-kondizzjonijiet,";

(d) fis-subartikolu (6) tiegħu, minflok il-kliem "Lienza mogħtija lil fergħa ta' istituzzjoni ta' kreditu inkorporata barra minn Malta tista'", għandhom jidħlu l-kliem "Meta tinħareġ liċenza biex titwaqqaf f'Malta fergħa ta' istituzzjoni ta' kreditu li jkollha liċenza jew awtorizzazzjoni ta' *holding* ekwivalenti f'xi pajjiż ieħor li ma jkunx Malta, din tista'";

(e) fis-subartikolu (7) tiegħu, minflok il-kliem "istituzzjoni ta' kreditu inkorporata f'Malta", għandhom jidħlu l-kliem "istituzzjoni ta' kreditu li jkollha liċenza f'Malta", u wara l-kliem""jkunu qed jagħmlu kummerċ bankarju.", għandhom jiżdiedu l-kliem ġodda "L-awtorità kompetenti għandha tavża lill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea b'kull revoka ta' liċenza.".

Emenda ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

**93.** L-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "Istituzzjoni ta' kreditu għandha tavża", għandhom jidħlu l-kliem "Istituzzjoni ta' kreditu li jkollha liċenza f'Malta għandha tavża";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "ebda istituzzjoni ta' kreditu inkorporata f'Malta", għandhom jidħlu l-kliem "ebda istituzzjoni ta' kreditu li jkollha liċenza f'Malta".

Emenda ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali.

**94.** L-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem “Bla ħsara għas-subartikoli (2) u (3), ħlief”, għandhom jidħlu l-kliem “Bla ħsara għas-subartikoli (2) u (3) ta’ dan l-artikolu, ħlief”;

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu, għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej (2):

“(2) A. Istituzzjoni ta’ kreditu li jkollha liċenza jew awtorizzazzjoni ta’ *holding* ekwivalenti f’xi pajjiż ieħor li ma jkunx Malta tista’ tuża l-isem użat fil-pajjiż fejn ikollha liċenza jew tkun iżżomm awtorizzazzjoni ekwivalenti, ħlief, meta jkun hemm riskju li l-użu ta’ dak l-isem jista’ jqarraq, dik l-istituzzjoni ta’ kreditu għandha żżid dawk id-dettalji spjegattivi ma’ isimha skond ma jiġi ordnat mill-awtorità kompetenti.”.

**95.** L-artikolu 13 ta’ l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta’ l-artikolu 13 ta’ l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem “istituzzjoni ta’ kreditu awtorizzata f’xi pajjiż ieħor jew tkun persuna naturali jew legali li tikkontrolla istituzzjoni ta’ kreditu awtorizzata f’xi pajjiż ieħor, l-awtorità kompetenti għandha, qabel ma tagħti l-kunsens tagħha jew xorthoħra taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1),”, għandhom jidħlu l-kliem “istituzzjoni ta’ kreditu li jkollha liċenza jew awtorizzazzjoni ta’ *holding* ekwivalenti f’xi pajjiż ieħor jew li tkun persuna naturali jew legali li tikkontrolla istituzzjoni ta’ kreditu li jkollha liċenza jew awtorizzazzjoni ta’ *holding* ekwivalenti f’xi pajjiż ieħor, l-awtorità kompetenti għandha, qabel ma tagħti l-kunsens tagħha jew xort’oħra taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta’ dan l-artikolu,”;

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem “Is-subartikolu (1) għandu japplika”, għandhom jidħlu l-kliem “Is-subartikolu (1) ta’ dan l-artikolu għandu japplika”;

(ċ) fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem “mniżżla fis-subartikolu (1).”, għandhom jidħlu l-kliem “mniżżla fis-subartikolu (1) ta’ dan l-artikolu.”;

(d) fil-paragrafu tas-subartikolu (5) tiegħu, minflok il-kliem “tagħmel xi rikostruzzjoni;”, għandhom jidħlu l-kliem “tagħmel xi rikostruzzjoni; jew”;

(e) fis-subartikolu (6) tiegħu, minflok il-kliem “mniżżla fis-subartikolu (5).”, għandhom jidħlu l-kliem “mniżżla fis-subartikolu (5) ta’ dan l-artikolu.”;

(f) fis-subartikolu (7) tiegħu, minflok il-kliem "l-awtorità kompetenti tista' toħroġ", għandhom jidħlu l-kliem "l-awtorità kompetenti għandha toħroġ"; u

(g) fis-subartikolu (9) tiegħu, minflok il-kliem "is-subartikoli (1) u (5)", għandhom jidħlu l-kliem "is-subartikoli (1) u (5) ta' dan l-artikolu", u minflok il-kliem "mposta taħt dan l-Att," għandhom jidħlu l-kliem "imposta taħt dan l-Att jew kull regolament jew Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu,".

Emenda ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali.

**96.** Fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "tagħmel ordni li jordna lil dik il-persuna biex tieqaf milli tkun kontrollur jew", għandhom jidħlu l-kliem "tagħmel ordni li tkun tenħtieġ lil dik il-persuna ittemm milli tkun kontrollur jew direttur jew".

Emenda ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali.

**97**. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-proviso mas-subparagrafu (i) tal-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "jeċċedu s-somma ta' għaxart elef lira Maltin;", għandhom jidħlu l-kliem "jeċċedu s-somma ta' għaxart elef lira Maltin (tlieta u għoxrin elf mitejn u disgħin Euro);";

(b) fis-subparagrafu (v) tal-paragrafu (d) tiegħu, minflok il-kliem "mill-fondi ta' l-istituzzjoni ta' kreditu stess kif stabbilit taħt l-artikolu 17," għandhom jidħlu l-kliem "mill-fondi għall-kalkolu tal-ħtiġiet kapitali stess taħt l-artikolu 17 ta' dan l-Att".

Emenda ta' l-artikolu 16A ta' l-Att prinċipali.

**98.** L-artikolu 16A ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu, għandu jidħol dan is-subartikolu (1) ġdid li ġej:

"(1) Mingħajr ebda preġudizzju għal-livell minimu tal-ħtiġiet kapitali stabbiliti fir-Regola Bankarja maħruġa skond l-artikolu 17 (1) ta' l-Att, il-fondi ta' istituzzjoni ta' kreditu stess ma jistgħux jinżlu taħt l-ammont ta' kapital inizjali stabbilit fil-liċenza tagħha skond l-artikolu 7 (1) (a) ta' l-Att jew dak l-ammont li jkun ogħla skond ma jista' jkun meħtieġ mill-awtorità kompetenti minn żmien għal żmien.";

(b) is-subartikoli (2) u (3) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (3) u (4) rispettivament;

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subartikolu (2) ġdid li ġej:

"(2) Il-ħtieġa speċifika ta' fondi tagħha stess li jkunu jeċċedu l-livell minimu stabbilit fis-subartikolu hawn qabel imsemmi għandhom jiġu imposti mill-awtorità kompetenti mill-inqas fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu li ma jkunux konformi mal-ħtiġiet stabbiliti fl-artikolu 109 tad-Direttiva u fl-artikolu 17B ta' dan l-Att, jew li għar-rigward tagħhom tkun saret determinazzjoni negattiva fuq il-ħruġ deskritt fl-artikolu 17D (3) ta' dan l-Att, jekk l-unika applikazzjoni ta' miżuri oħra x'aktarx li ma ttejjibx l-arranġamenti, il-proċessi, il-mekkaniżmi u l-istrateġiji suffiċjentement fi żmien adatt.";

(d) fis-subartikolu (3) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "stabbilit taħt is-subartikolu (1), l-awtorità kompetenti għandha", għandhom jidħlu l-kliem "stabbilit taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, l-awtorità kompetenti għandha".

**99.** L-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "iżżomm adegwatezza kapitali bi proporzjon għal attiv b'piż ta' riskju definiti", għandhom jidħlu l-kliem "iżżomm ħtiġiet kapitali bi proporzjon ma' attiv imkejjel skond ir-riskju u attiv imkejjel skond ir-riskju nozzjonali kif jinsabu definiti";

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "tinnotifika dak il-proporzjon lill-awtorità kompetenti", għandhom jidħlu l-kliem "tinnotifika l-ħtiġiet kapitali lill-awtorità kompetenti";

(iii) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "minnufih malli l-proporzjon jaqa' taħt", għandhom jidħlu l-kliem "minnufih malli l-ħtiġiet kapitali jaqgħu taħt", u minflok il-kliem""il-miżuri meħtieġa biex il-proporzjon jinġieb lura għall-livell meħtieġ", għandhom jidħlu l-kliem "il-miżuri meħtieġa biex il-ħtiġiet kapitali jinġiebu lura għal-livell meħtieġ";

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu, għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Kull istituzzjoni ta' kreditu, b'esklużjoni ta' istituzzjoni ta' flus elettroniċi, għanda żżomm provvedimenti adegwati għal djun li ma jitħallsux u dawk dubbjużi.".

Emenda ta' l-artikolu 17A ta' l-Att prinċipali.

**100.** Fit-test Ingliż ta' l-artikolu 17A ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "The competent authority shall issue", għandhom jidħlu l-kliem "The competent authority may issue".

Iżid l-artikoli 17B, 17C u 17D ġodda ma' l-Att prinċipali.

**101.** Minnufih wara l-artikolu 17A ta' l-Att prinċipali, għandhom jiżdiedu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Tmexxija interna.

17B. (1) Kull istituzzjoni ta' kreditu għandha tara li jkun hemm arranġamenti ta' tmexxija robusta li jinkludu struttura organizzattiva ċara li jkollha linji ta' responsabbiltà definiti sew, trasparenti u konsistenti, proċessi effettivi ta' identifikazzjoni, maniġġar, monitoraġġ u rappurtar ta' riskji li hija tkun jew li tista' tkun esposta għalihom, u mekkanizmi ta' kontroll intern adegwati li jinkludu proċeduri sodi u amministrattivi u ta' kontijiet.

(2) Dawk l-arranġamenti, proċessi u mekkanizmi msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, għandhom ikunu komprensivi u bi proporzjon man-natura, l-iskala u l-kumplessità ta' l-attivitajiet ta' l-istituzzjoni ta' kreditu. Għandu jiġi tenut kont mill-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-kriterji tekniċi stabbiliti f'Regola Bankarja jew Regola dwar Flus Elettroniċi.

Proċess intern ta' valutazzjoni ta' adegwatezza kapitali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu.

17C. Kull istituzzjoni ta' kreditu, b'esklużjoni ta' istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi, għandu jkollhom jiffunzjonaw sound, strateġiji effettivi u kompleti u proċessi għall-valutazzjoni u ż-żamma kontinwa, ta' ammonti, tipi u distribuzzjoni ta' kapital intern li jikkunsidraw adegwati biex jiġu koperti x-xorta u l-livell ta' riskji li jkunu jew li jistgħu ikunu esposti għalihom. Dawn l-istrateġiji u proċessi għandhom iseħħu bla ħsara għal reviżjoni interna regolari biex jiġi żgurat li dawn jibqgħu komprensivi u bi proporzjon man-natura, l-iskala u l-kumplessità ta' l-attivitajiet ta' l-istituzzjoni ta' kreditu involuta. L-awtorità kompetenti għandha toħroġ Regola Bankarja li tkun, fost affarijiet oħra, tipprovdi dwar il-proċess intern ta' valutazzjoni ta' l-adegwatezza kapitali li għandu jkun miżmum minn istituzzjonijiet ta' kreditu għar-rigward tal-profil ta' riskju li dawn ikollhom.

Proċess ta' reviżjoni ta' sorveljanza u ta' valutazzjoni.

17D. (1) Fit-twettiq tagħha ta' reviżjoni ta' sorveljanza u proċess ta' valutazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tirrevedi l-arranġamenti, l-istrateġiji, il-proċessi u l-mekkaniżmi li jiġu implimentati mill-istituzzjonijiet ta' kreditu f'konformità ma' dan l-Att, u ma' kull regolament jew Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu u l-kriterji tekniċi mniżżla fl-Anness XI mad-Direttiva, sabiex jiġu valutati r-riskji li dwarhom l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu jew jistgħu jkunu esposti.

(2) L-iskop ta' tali reviżjoni u valutazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) hawn qabel għandu jkun dak tal-ħtiġiet ta' dan l-Att u ta' kull regolament jew Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu.

(3) Abbażi ta' dik ir-reviżjoni u valutazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) hawn qabel, l-awtorità kompetenti għandha tiddetermina jekk l-arranġamenti, l-istrateġiji, il-proċessi u l-mekkaniżmi implimentati mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-fondi tagħha stess miżmuma minn dawn ikunux jassikuraw maniġġar u kopertura sodi tar-riskji tagħhom.

(4) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi l-frekwenza u l-intensità ta' dik ir-reviżjoni u valutazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) hawn qabel fir-rigward tad-daqs, l-importanza sistematika, in-natura, l-iskala u l-komplessità ta' l-attivitajiet ta' l-istituzzjoni ta' kreditu involuta u wara li jiġi tenut kont tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Dik ir-reviżjoni u valutazzjoni għandhom mill-anqas jiġu aġġornati ta' kull sena.

(5) Dik ir-reviżjoni u valutazzjoni mwettqa mill-awtorità kompetenti għandha tinkludi l-espożizzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu għar-riskju ta' rata ta' mgħax li joriġina minn attivitajiet li ma jkunux dawk ta' negozju.".

Emenda ta' l-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali.

**102.** Fl-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "L-awtorità kompetenti għandha toħroġ direttiva bankarja", għandhom jidħlu l-kliem "L-awtorità kompetenti tista' toħroġ Regola Bankarja".

Emenda ta' l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali.

**103.** L-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "tkun qed tħares id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;",

għandhom jidħlu l-kliem "tkun qegħda tħares id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u kull regolamenti jew Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu;";

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "li ma tkunx inkorporata f'Malta.", għandhom jidħlu l-kliem "li ma jkollhiex liċenza f'Malta.";

(ċ) fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "taħt is-subartikolu (1) għandhom jiġu sottomessi f'dik il-forma u f'dawk il-perjodi li jiġu preskritti bid-direttiva bankarja.", għandhom jidħlu l-kliem "taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom jiġu ippreżentati f'dik il-forma u f'dawk il-perjodi skond ma jistgħu jiġu preskritti minn Regola Bankarja.";

(d) fis-subartikolu (5) tiegħu, minflok il-kliem "taħt is-subartikoli (1) u (2) għandhom jitqiesu", għandhom jidħlu l-kliem "taħt is-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu għandhom jitqiesu".

Iżid l-artikolu 19A ġdid ma' l-Att prinċipali.

**104.** Minnufih wara l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Provdituri ta' servizz ta' *outsourcing*.

19A. (1) Ebda istituzzjoni ta' kreditu m'għandha tagħmel *outsourcing* tas-servizzi jew ta' l-attivitajiet materjali tagħha kemm-il darba l-provditur ta' servizz ta' *outsourcing* ma jingħatax rikonoxximent mill-awtorità kompetenti taħt dan l-artikolu.

(2) L-awtorità kompetenti tista' toħroġ Regola Bankarja u, jew Regola dwar Flus Elettroniċi skond il-każ, fejn tistipula l-ħtiġiet għar-rikonoxximent tal-provditur ta' servizz ta' *outsourcing* u l-għoti ta' dawk is-servizzi ta' *outsourcing*.".

Emenda ta' l-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali.

**105.** L-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "ta' dmirijietha taħt dan l-Att, u l-awtorità kompetenti", għandhom jidħlu l-kliem "ta' dmirijietha taħt dan l-Att u kull regolamenti jew Regoli Bankarji magħmulin taħtu, u l-awtorità kompetenti";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "għandha tkun b'avviż bil-miktub", għandhom jidħlu l-kliem "għandha ssir b'avviż bil-miktub";

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "skond is-subartikolu (1);", għandhom jidħlu l-kliem "skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu;";

(ii) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att.", għandhom jidħlu l-kliem "tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att u kull regolament jew Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu.";

(d) fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "meħtieġ skond is-subartikolu (3) (a) għandu jkun persuna nominata", għandhom jidħlu l-kliem "meħtieġskond is-subartikolu (3) (a) ta' dan l-artikolu għandu jkun persuna nominata";

(e) fis-subartikolu (5) tiegħu, minflok il-kliem "bis-saħħa tas-subartikolu (3), xi persuna", għandhom jidħlu l-kliem "bis-saħħa tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, xi persuna";

(f) fis-subartikolu (7) tiegħu:

(i) minflok il-kliem "potenzjali ta' istituzzjoni ta' kreditu li tagħmel hekk, hija tista'" għandhom jidħlu l-kliem "potenzjali ta' istituzzjoni ta' kreditu li tagħmel hekk, jew jekk ikun xortħoħra meħtieġ sabiex twettaq ir-responsabbiltajiet ta' sorveljanza tagħha, hija tista'";

(ii) fil-paragrafu (d) tiegħu, minflok il-kliem "ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu.", għandhom jidħlu l-kliem "ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu; jew";

(iii) minnufih wara l-paragrafu (d) tiegħu, għandu jiżdied dan il-paragrafu (e) ġdid li ġej:

"(e) provditur ta' servizz ta' *outsourcing* ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu.";

(g) fis-subartikolu (9) tiegħu, minflok il-kliem "s-setgħat mogħtija bis-subartikoli (1) u (3) relattivament għal kwalunkwe", għandhom jidħlu l-kliem "s-setgħat mogħtija bis-subartikoli (1) u (3) ta' dan l-artikolu relattivament għal xi"; u

(h) fis-subartikolu (11) tiegħu, minflok il-kliem "rapport dwarha skond is-subartikolu (3) l-ispejjeż", għandhom jidħlu l-

kliem "rapport dwarha skond is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu l- ispejjeż".

Emenda ta' l-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali.

**106.** L-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "depożitanti potenzjali ta' istituzzjoni ta' kreditu, hija tista' taħtar" għandhom jidħlu l-kliem "depożitanti potenzjali ta' istituzzjoni ta' kreditu, jew jekk ikun xortħoħra meħtieġ sabiex tkun tista' twettaq ir-responsabbiltajiet ta' sorveljanza tagħha, hija tista' taħtar";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu:

(i) fil-paragrafu (d) tiegħu, minflok il-kliem "ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu.", għandhom jidħlu l-kliem "ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu; jew";

(ii) minnufih wara paragrafu (d) tiegħu, għandu jiżdied dan il-paragrafu (e) ġdid li ġej:

"(e) provditur ta' servizz ta' *outsourcing* ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu.";

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "mogħtija bis-subartikolu (1) relattivament għal xi", għandhom jidħlu l-kliem "mogħtija bis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu relattivament għal xi";

(d) fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "maħtura skond is-subartikolu (1) tiddeċiedi li tinvestiga l-kummerċ ta' xi persuna bis-saħħa tas-subartikolu (2) jew tas-subartikolu (3) hija għandha", għandhom jidħlu l-kliem "maħtura skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tiddeċiedi li tinvestiga l-kummerċ ta' xi persuna bis-saħħa tas-subartikolu (2) jew tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu hija għandha";

(e) fis-subartikolu (5) tiegħu:

(i) minflok il-kliem "skond dan l-Att, jew xi persuna maħtura biex tagħmel rapport dwar dak il-korp skond dan l-Att u kull persuna", għandhom jidħlu l-kliem "skond dan l-Att u kull regolament jew Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu, jew persuna maħtura biex tagħmel rapport dwar dak il-korp skond dan l-Att u kull

regolament jew Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu u kull persuna";

(ii) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "maħtura skond is-subartikolu (1),", għandhom jidħlu l-kliem "maħtura skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu,";

(f) fis-subartikolu (7) tiegħu:

(i) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "maħtura skond is-subartikolu (1)", għandhom jidħlu l-kliem "maħtura skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu";

(ii) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "bis-saħħa tas-subartikolu (2) jew (3).", għandhom jidħlu l-kliem "bis-saħħa tas-subartikoli (2) jew (3) ta' dan l-artikolu.".

**107.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "taħt dan l-Att,", għandhom jidħlu l-kliem "taħt dan l-Att u kull regolament jew Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu,".

Emenda ta' l-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali.

**108.** Fil-paragrafu (a) ta' l-artikolu 24 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "skond l-artikolu 20, l-artikolu 22 jew l-artikolu 23; jew", għandhom jidħlu l-kliem "skond l-artikolu 20, l-artikolu 22 jew l-artikolu 23 ta' dan l-Att; jew".

Emenda ta' l-artikolu 24 ta' l-Att prinċipali.

**109.** L-artikolu 25 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 25 ta' l-Att prinċipali.

(a) is-subartikoli (3), (4) u (5) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (4), (5) u (6);

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subartikolu (3) ġdid li ġej:

"(3) L-awtorità kompetenti tista' wkoll tagħmel pattijiet ta' koperazzjoni, li jkunu jipprovdu dwar l-iskambju ta' informazzjoni, ma' pajjiżi terzi jew ma' awtoritajiet jew korpi ta' pajjiżi terzi kif imfissra fl-Artikoli 47 u 48 (1) tad-Direttiva, jekk dik l-informazzjoni żvelata tkun soġġetta għal garanziji ta' segretezza professjonali kif provdut għal dan taħt dan l-Att u kull regolament jew Regoli Bankarji magħmulin taħtu:

Iżda dak l-iskambju ta' informazzjoni għandu jsir għall-fini tat-twettiq tal-ħidmiet ta' sorveljanza ta' l-awtoritajiet jew korpi msemmija f'dan is-subartikolu:

Iżda wkoll meta l-informazzjoni toriġina fi Stat Membru ieħor, din ma tistax tiġi żvelata mingħajr il-kunsens espress ta' l-awtorità regolatorja estera li tkun żvelatha, u meta jkun adatt, unikament għall-finijiet li dwarhom dik l-awtorità regolatorja estera tkun tat il-kunsens tagħha.";

(ċ) fis-subartikolu (4) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) biss sal-limitu li l-awtoritajiet barranin li jirċievu dik l-informazzjoni", għandhom jidħlu l-kliem "id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu biss sal-limitu li l-awtoritajiet regolatorji barranin li jirċievu dik l-informazzjoni";

(d) fis-subartikolu (5) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "tawtorizza awtoritajiet kompetenti oħra barranin biex huma", għandhom jidħlu l-kliem "tawtorizza awtoritajiet regolatorji barranin biex huma", u minflok il-kliem "fil-pajjiż ta' l-awtorità kompetenti li tagħmel l-ispezzjoni.", għandhom jidħlu l-kliem "fil-pajjiż ta' l-awtorità regolatorja estera li tagħmel l-ispezzjoni.";

(e) minflok is-subartikolu (6) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jidħol dan is-subartikolu (6) ġdid li ġej:

"(6) L-awtorità kompetenti għandha wkoll, wara li ssirilha talba bil-miktub, tiżvela lill-Bank Ċentrali, korpi oħra li jkollhom funzjoni simili fil-kwalità tagħhom bħala awtoritajiet monetarji u, meta jkun adatt, lil awtoritajiet oħra li jkunu responsabbli għall-monitoraġġ ta' sistemi ta' ħlas, kull informazzjoni li tkun fil-pussess jew aċċessibbli għall-awtorità kompetenti, li tkun meħtieġa għat-twettiq tad-dmirijiet tal-Bank Ċentrali u ta' l-awtoritajiet l-oħra msemmija hawn qabel, taħt il-liġi:

Iżda f'sitwazzjoni ta' emerġenza l-awtorità kompetenti għandha tgħarraf kemm jista' jkun malajr lill-Bank Ċentrali ta' Malta b'dik l-informazzjoni meħtieġa għat-twettiq tad-dmirijiet tal-Bank Ċentrali taħt l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta.";

(f) is-subartikolu (7) tiegħu, għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (8); u

(g) minnufih wara s-subartikolu (6) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subartikolu (7) ġdid li ġej:

"(7) L-awtorità kompetenti tista' wkoll tikkomunika dik l-informazzjoni, li tkun ġiet riċevuta fost l-oħrajn taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, lil *clearing house* jew lil xi korp simili ieħor rikonoxxut taħt il-liġi nazzjonali għall-għoti ta' *clearing* jew l-għemil konkluživ ta' servizzi fis-suq rilevanti nazzjonali, jekk hija tqis li jkun meħtieġ li tikkomunika dik l-informazzjoni sabiex tiżgura l-funzjonament adatt ta' dawn il-korpi għar-rigward ta' nuqqasijiet jew ta' nuqqasijiet potenzjali minn parteċipanti fis-suq:

Iżda l-dik l-informazzjoni li tkun ġiet riċevuta taħt dan l-artikolu għandha tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet ta' segretezza professjonali:

Iżda wkoll dik l-informazzjoni li tkun ġiet riċevuta taħt dan is-subartikolu ma tistax tiġi żvelata mill-awtorità kompetenti mingħajr il-kunsens espress ta' l-awtorità regolatorja estera li tkun żvelatha.".

**110.** Minnufih wara l-artikolu 25 ta' l-Att prinċipali għandhom jiżdiedu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin:

Iżid l-artikoli 25A u 25B ġodda ma' l-Att prinċipali.

"Koperazzjoni u qsim ta' informazzjoni dwar sorveljanza fuq bażi konsolidata.

25A. (1) L-awtorità kompetenti għandha tikkopera fil-qrib ma' awtoritajiet regolatorji barranin fl-affarijiet kollha li jkollhom x'jaqsmu mas-sorveljanza fuq bażi konsolidata. B'mod partikolari dik il-koperazzjoni għandha tinkludi l-għoti lill-awtorità regolatorja estera ta' kull informazzjoni li tkun essenzjali jew rilevanti għall-eżerizzju tal-funzjonijiet ta' l-awtoritajiet regolatorji esteri taħt id-Direttiva. F'dan il-kuntest l-awtorità kompetenti għandha tikkomunika meta ssirilha talba għaldaqstant l-informazzjoni rilevanti kollha u għandha tikkomunika b'inizjattiva tagħha nnifisha kull informazzjoni essenzjali.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, informazzjoni għandha titqies li tkun waħda essenzjali jekk din tkun tista' materjalment tinfluwenza l-valutazzjoni tas-sodizza finanzjarja ta' istituzzjoni ta' kreditu fi Stat Membru ieħor jew fi Stat ŻEE u għandha tkun tinkludi, b'mod partikolari, dawn l-affarijiet li ġejjin:

(i) l-identifikazzjoni ta' l-istruttura tal-grupp ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha maġġuri fi grupp;

(ii) l-identifikazzjoni ta' l-awtorità ta' sorveljanza jew ta' l-awtorità regolatorja estera tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fil-grupp, skond il-każ;

(iii) proċeduri għall-kollezzjoni ta' informazzjoni mill-istituzzjonijiet ta' kreditu fi grupp u l-verifika ta' dik l-informazzjoni;

(iv) żviluppi avversi f'istituzzjonijiet ta' kreditu jew f'entitajiet ta' grupp oħra, li jistgħu jaffettwaw serjament l-istituzzjonijiet ta' kreditu; u

(v) sanzjonijiet maġġuri u miżuri eezzjonali li jittieħdu mill-awtorità kompetenti skond dan l-Att u kull regolament jew Regoli Bankarji magħmulin taħtu inklużi l-imposizzjoni ta' ħlas kapitali addizzjonali skond l-artikolu 136 (1) tad-Direttiva u l-imposizzjoni ta' kull limitazzjoni fuq l-użu ta' Approċċ ta' Tikjil Avvanzat għall-ħtiġiet ta' kalkolu tal-fondi ta' l-istess istituzzjoni ta' kreditu kif provdut fir-Regola Bankarja maħruġa mill-awtorità kompetenti.

(3) L-awtorità kompetenti tista', abbażi ta' arranġamenti ta' koordinazzjoni u koperazzjoni bil-miktub, tafda funzjonijiet addizzjonali lill-awtorità regolatorja estera responsabbli għas-sorveljanza fuq bażi konsolidata u tista' tispeċifika proeduri fil-proess ta' teħid ta' deċiżjonijiet u għall-koperazzjoni tagħha ma' awtoritajiet regolatorji barranin.

(4) L-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet regolatorji barranin għar-rigward ta' dawn l-affarijiet li ġejjin, sakemm id-deċiżjonijiet imsemmija fis-subartikolu preedenti jkunu importanti għall-funzjonijiet ta' sorveljanza ta' dawk l-awtoritajiet regolatorji esteri:

(a) bidliet fil-parteċipazzjoni azzjonarja, fl-istruttura organizzattiva jew ta' maniġġar tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fi grupp, li jeħtieġu l-approvazzjoni jew l-awtorizzazzjoni ta' l-awtoritajiet regolatorji esteri; u

(b) sanzjonijiet maġġuri jew miżuri eċċezzjonali li jittieħdu mill-awtorità kompetenti, inklużi l-

imposizzjoni ta' ħlas kapitali addizzjonali skond l-artikolu 136 (1) tad-Direttiva u l-imposizzjoni ta' kull limitazzjoni fuq l-użu ta' l-Approċċ ta' Tikjil Avvanzat għall-kalkolu tal-ħtiġiet ta' fondi ta' l-istess istituzzjoni ta' kreditu għal riskju operattiv taħt Regola Bankarja.

(5) L-awtorità kompetenti għandha, fil-każijiet kollha, tikkonsulta lill-awtoritajiet regolatorji barranin responsabbli għas-sorveljanza fuq bażi konsolidata dwar dak li hemm deskritt fis-subartikolu (4) (b) ta' dan l-artikolu, iżda l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li ma tikkonsultax f'każijiet ta' urġenza jew meta dik il-konsultazzjoni tista' tipperikola l-effettività tad-deċiżjonijiet tagħha. F'dan il-każ, l-awtorità kompetenti għandha, mingħajr dewmien, tinforma lill-awtoritajiet regolatorji esteri.

(6) L-awtorità kompetenti tista', permezz ta' ftehim bilaterali, tiddelega r-responsabbiltajiet tagħha għas-sorveljanza tas-sussidjarja ta' impriża prinċipali li tkun istituzzjoni ta' kreditu, lill-awtorità regolatorja estera li tkun awtorizzat u issorveljat l-impriża prinċipali biex hekk l-awtorità regolatorja estera tassumi responsabbiltà għas-sorveljanza tas-sussidjarja skond id-Direttiva.

(7) B'żjieda ma' l-obbligi imposti bid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, meta l-awtorità kompetenti tkun responsabbli għall-eżerizzju ta' sorveljanza fuq bażi konsolidata ta' istituzzjonijiet ta' kreditu prinċipali u ta' istituzzjonijiet ta' kreditu kontrollati minn kumpanniji finanzjarji ta' *holding* prinċipali, hija għandha twettaq dawn il-funzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kordinazzjoni tal-ġbir u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni rilevanti jew essenzjali f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza kif ukoll f'sitwazzjonijiet li jirrigwardaw il-kummerċ vijabbli; u

(b) l-ippjanar u l-kordinazzjoni ta' attivitajiet ta' sorveljanza f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza kif ukoll f'sitwazzjonijiet li jirrigwardaw il-kummerċ vijabbli, inkluż f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-attivitajiet li hemm fl-artikolu 17D ta' dan l-Att, f'koperazzjoni ma' l-awtoritajiet regolatorji barranin involuti.

(8) Meta impriża prinċipali tkun tinsab f'Malta u l-awtorità kompetenti ma tkunx hi nnifisha teżerita sorveljanza

fuq bażi konsolidata konformement ma' l-Artikoli 125 u 126 tad-Direttiva, l-awtorità kompetenti għandha, wara li ssirilha talba mill-awtorità regolatorja estera responsabbli biex teżerita dik is-sorveljanza, teħtieġ lill-impriża prinċipali biex tipprovdi kull informazzjoni rilevanti għall-finijiet ta' sorveljanza fuq bażi konsolidata u l-awtorità kompetenti għandha tittrasmetti dik l-informazzjoni lill-awtorità regolatorja estera li tkun qegħda tagħmel dik it-talba.

(9) Meta jkun hemm sitwazzjonijiet ta' emerġenza fi ħdan grupp bankarju, li tkun potenzjalment tipperikola l-istabbilità tas-sistema finanzjarja f'xi wieħed mill-Istati Membri jew Stati ŻEE fejn entitajiet ta' grupp ikunu ngħataw liċenza u fejn l-awtorità kompetenti tkun responsabbli għall-eżerizzju ta' sorveljanza fuq bażi konsolidata, din għandha tgħarraf kemm jista' jkun malajr, b'żjieda mad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 25 ta' dan l-Att, lill-Bank Ċentrali ta' Malta, lil Banek Ċentrali oħra barranin kif ukoll lill-awtoritajiet regolatorji barranin identifikati taħt d-disposizzjonijiet rilevanti tal-Regola Bankarja li jkollhom x'jaqsmu mas-sorveljanza fuq bażi konsolidata. Meta possibbli, l-awtorità kompetenti għandha tuża l-kanali ta' komunikazzjoni eżistenti u definiti.

(10) Meta l-awtorità kompetenti tkun responsabbli għas-sorveljanza fuq bażi konsolidata, hija għandha, meta tkun teħtieġ informazzjoni li tkun diġà ngħatat lill-awtorità regolatorja estera, tikkuntattja lil dik l-awtorità, kull meta possibbli, sabiex tevita d-duplikazzjoni ta' rappurtar lid-diversi awtoritajiet regolatorji barranin involuti fis-sorveljanza.

Verifika ta' informazzjoni f'każijiet speċifiċi.

25B. (1) F'każijiet speċifiċi l-awtorità kompetenti tista' titlob lill-awtorità regolatorja estera tivverifika informazzjoni għar-rigward ta' istituzzjoni ta' kreditu, kumpannija finanzjarja ta' *holding*, istituzzjoni finanzjarji, impriża ta' servizzi anċillari, kumpannija *holding* b'attività mħallta jew is-sussidjarja tagħha li tkun tinsab fi Stat Membru ieħor jew Stat ŻEE u, sussidjarja li ma tkunx inkluża fi ħdan l-iskop ta' sorveljanza fuq bażi konsolidata eżerċitata mill-awtorità kompetenti.

(2) Fil-każijiet imsemmija fis-subartikolu preedenti l-awtorità kompetenti tista':

(i) titlob lill-awtorità regolatorja estera tagħti setgħa lill-awtorità kompetenti li twettaq il-verifika hi nnifisha;

(ii) titlob lill-awtorità regolatorja estera twettaq il-verifika f'isimha;

(iii) fil-każijiet fejn ma twettaqx il-verifika hi nnifisha, titlob li tipparteċipa fit-twettiq ta' verifika bħal dik; jew

(iv) titlob lill-awtorità regolatorja estera taħtar awditur jew espert biex jagħmel verifika bħal dik.

(3) Meta l-awtorità kompetenti tirċievi talba biex tivverifika xi informazzjoni mill-awtorità regolatorja estera:

(i) meta awtorità regolatorja estera tagħmel talba lill-awtorità kompetenti biex tagħmel verifika ta' l-informazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tikkonedi lill-awtorità regolatorja estera li tkun qegħda tagħmel dik it-talba, li tagħmel dik il-verifika;

(ii) meta awtorità regolatorja estera tagħmel talba lill-awtorità kompetenti biex tagħmel verifika, l-awtorità kompetenti għandha twettaq il-verifika hi nnifisha għan-nom ta' l-awtorità regolatorja estera;

(iii) meta awtorità regolatorja estera titlob lill-awtorità kompetenti tipparteċipa fil-verifika ta' informazzjoni f'dawk il-każijiet fejn awtorità regolatorja estera ma tagħmilx il-verifika hi nnifisha, l-awtorità kompetenti għandha tippermetti lill-awtorità regolatorja estera tipparteċipa f'dik il-verifika; jew

(iv) meta awtorità regolatorja estera hekk titlob, l-awtorità kompetenti għandha taħtar awditur jew espert biex iwettaq dik il-verifika.

(4) F'dan l-artikolu, kumpannija *holding* finanzjarja, istituzzjoni finanzjarja, impriża ta' servizzi anċillari u kumpannija *holding* ta' attività mħallta għandu jkollha l-istess tifsira bħal dak mogħti lilhom bl-artikolu 4 tad-Direttiva.".

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

**111.** L-artikolu 26 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "skond l-artikolu 20(3) (a) ta' hawn fuq jew skond l-artikolu 22(1),", għandhom jidħlu l-kliem "skond l-artikolu 20(3) (a) jew l-artikolu 22(1) ta' dan l-Att," u wara, minflok il-kliem "l-awtorità kompetenti taħt dan l-Att.", għandhom jidħlu l-kliem "l-awtorità kompetenti taħt dan l-Att u kull regolament jew Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu.";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "ta' l-artikolu 31(9).", għandhom jidħlu l-kliem "ta' l-artikolu 31(9) ta' dan l-Att.";

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu:

(i) minflok il-kliem "skond l-artikolu 20(3) (a),", għandhom jidħlu l-kliem "skond l-artikolu 20(3) (a) ta' dan l-Att,";

(ii) fit-test Ingliż tal-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "by virtue of article 20(7),", għandhom jidħlu l-kliem "by virtue of article 20(7) of this Act,";

(d) fis-subartikolu (4) tiegħu:

(i) minflok il-kliem "rapport taħt l-artikolu 22(1),", għandhom jidħlu l-kliem "rapport taħt l-artikolu 22(1) ta' dan l-Att,";

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "bis-saħħa ta' l-artikolu 22(2),", għandhom jidħlu l-kliem "bis-saħħa ta' l-artikolu 22(2) ta' dan l-Att,";

(e) fis-subartikolu (5) tiegħu, minflok il-kliem "kif imsemmi fis-subartikolu (7) ta' l-artikolu 20 jew kif imsemmi fl-artikolu 22(2).", għandhom jidħlu l-kliem "kif imsemmi fl-artikolu 20(7) jew fl-artikolu 22(2) ta' dan l-Att.";

(f) is-subartikolu (6) tiegħu għandha titħassar.

Emenda ta' l-artikolu 28 ta' l-Att prinċipali.

**112.** Fl-artikolu 28 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "provduta f'dan l-Att -", għandhom jidħlu l-kliem "provduta f'dan l-Att u f'kull regolamenti jew Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu -".

**113.** L-artikolu 28A ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 28A ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok il-kliem "mogħtija bl-artikolu 3, il-Ministru,", għandhom jidħlu l-kliem "mogħtija bl-artikolu 3 ta' dan l-Att, il-Ministru,";

(b) fit-test Ingliż, minflok il-kliem "*schemes shall be exempt form the payment*", għandhom jidħlu l-kliem "*schemes shall be exempt from the payment*".

**114.** L-artikolu 29 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 29 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "fl-artikolu 9(2),", għandhom jidħlu l-kliem "fl-artikolu 9(2) ta' dan l-Att,", u minflok il-kliem "għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 9(2) -", għandhom jidħlu l-kliem "għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 9(2) ta' dan l-Att -";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "skond is-subartikolu (1) (b),", għandhom jidħlu l-kliem "skond is-subartikolu (1) (b) ta' dan l-artikolu,";

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "skond is-subartikolu (1) (ċ),", għandhom jidħlu l-kliem "skond is-subartikolu (1) (ċ) ta' dan l-artikolu,";

(iii) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "skond is-subartikolu (1) (d),", għandhom jidħlu l-kliem "skond is-subartikolu (1) (d) ta' dan l-artikolu,";

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "skond is-subartikolu (1) (ċ) jew (d) -", għandhom jidħlu l-kliem "skond is-subartikolu (1) (ċ) u (d) ta' dan l-artikolu -";

(d) fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "skond is-subartikolu (1) (f),", għandhom jidħlu l-kliem "skond is-subartikolu (1) (f) ta' dan l-artikolu,";

(e) fis-subartikolu (7) tiegħu, minflok il-kliem "skond is-subartikolu (1)", għandhom jidħlu l-kliem "skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu";

(f) fis-subartikolu (9) tiegħu, minflok il-kliem "kif imsemmi fis-subartikolu (1),", għandhom jidħlu l-kliem "kif imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu,".

Emenda ta' l-artikolu 29A ta' l-Att prinċipali.

**115.** Minflok l-artikolu 29A ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan l-artikolu 29A ġdid li ġej:

"29A. Il-Ministru għandu, wara li jikkonsulta lill-awtorità kompetenti, jagħmel regolamenti sabiex tiġi trasposta d-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-4 April 2001 fuq l-organizzazzjoni mill-ġdid u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu għar-rigward ta' istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti f'Malta u ta' fergħat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti barra minn Malta, u jistgħu jsiru disposizzjonijiet different għal każijiet jew klassijiet ta' każijiet different, u għandu jiġi tenut kont ta' l-obbligi internazzjonali ta' Malta f'dan ir-rigward. Dawk ir-regolamenti jistgħu jkunu jipprovdu dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri u proċeduri ta' organizzazzjoni mill-ġdid dettaljata, inklużi dawn l-affarijiet li ġejjin: il-pubblikazzjoni u s-sottomissjoni ta' informazzjoni f'dik il-lingwa jew f'dawk il-lingwi u f'dawk il-ġurnali jew pubblikazzjonijiet oħra skond ma jista' jkun preskritt; is-sottomissjoni ta' informazzjoni lill-creditors, u l-mod u l-proċedura ta' dan; in-notifika lil kredituri u l-proċedura għas-sottomissjoni ta' talbiet jew ilmenti; miżuri għall-protezzjoni tad-drittijiet ta' kredituri u ta' terzi oħrajn, inklużi arranġamenti ta' *netting*; konsultazzjoni bejn l-awtorità kompetenti u kull awtorità regolatorja, amministrattiva jew ġudizzjarja f'Malta u barra minn Malta li jkollha kompetenza fuq l-istralċ jew l-organizzazzjoni mill-ġdid ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jew tal-fergħat tiegħu; il-pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' dak l-istralċ jew dawk il-proċeduri ta' organizzazzjoni mill-ġdid; l-għemil ta' Regoli Bankarji li jirregolaw l-applikabilità tal-liġi adatta jew applikabbli u kwistjonijiet oħra ta' konflitt tal-liġijiet.".

Ihassar l-artikolu 29B ta' l-Att prinċipali.

**116.** L-artikolu 29B ta' l-Att prinċipali għandu jiġi mħassar.

Emenda ta' l-artikolu 29C ta' l-Att prinċipali.

**117.** L-artikolu 29C ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) l-artikolu sħiħ għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu 29B; u

(b) minflok il-kliem "Regolamenti magħmula taħt dan l-Att", għandhom jidħlu l-kliem "Regolamenti u Regoli Bankarji magħmula taħt dan l-Att".

**118.** Fl-artikolu 30 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "li jista' jiġi eezzjonalment awtorizzat mill-awtorità kompetenti -", għandhom jidħlu l-kliem "skond ma jista' jiġi eezzjonalment mogħti b'liċenzja mill-awtorità kompetenti -".

Emenda ta' l-artikolu 30 ta' l-Att prinċipali.

**119.** L-artikolu 31 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 31 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "uditur skond is-subartikolu (1), jew", għandhom jidħlu l-kliem "uditur skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, jew";

(b) fis-subartikolu (9) tiegħu, minflok il-kliem "l-awtorità kompetenti skond l-artikolu 20 jew skond l-artikolu 22,", għandhom jidħlu l-kliem "l-awtorità kompetenti skond l-artikolu 20 jew skond l-artikolu 22 ta' dan l-Att,", u minflok il-kliem "li ma jkunx inkorporat f'Malta,", għandhom jidħlu l-kliem "li ma jkollux liċenza f'Malta,"; u

(ċ) fis-subartikolu (10) tiegħu, minflok il-kliem "mhux inkorporat f'Malta", għandhom jidħlu l-kliem "li ma jkollux liċenza f'Malta".

**120.** Fl-artikolu 32 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "imħassra skond l-artikolu 9(2);", għandhom jidħlu l-kliem "imħassra skond l-artikolu 9 (2) ta' dan l-Att;".

Emenda ta' l-artikolu 32 ta' l-Att prinċipali.

**121.** L-artikolu 34 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 34 ta' l-Att prinċipali. Kap. 376.

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu, għandu jidħol dan is-subartikolu (1) ġdid li ġej:

"(1) Ebda ħaġa f'dan l-Att m'għandha tawtorizza lill-Bank Ċentrali jew lill-awtorità kompetenti li tinvestiga jew li ġġiegħel li ssir investigazzjoni f'istituzzjoni ta' kreditu dwar l-affarijiet ta' xi klijent individwali ta' istituzzjoni ta' kreditu ħlief –

(a) għall-fini li tiġi żgurata konformità ma' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' kull Att ieħor, jew

(b) sabiex jiġi faċilitat il-monitoraġġ fuq bażi konsolidata jew mhix konsolidata, ta' l-aġir ta' negozju tal-istituzzjoni ta' kreditu, spejalment dwar il-monitoraġġ tal-likwidità, solvibbiltà, garanziji ta' depożitu, *exposures* kbar, proċeduri amministrattivi u proċeduri ta' kontijiet u mekkaniżmi ta' kontroll intern, jew

(ċ) għall-fini li l-Bank Ċentrali jkun jista' jissodisfa r-responsabbiltajiet tiegħu taħt l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, jew

(d) għall-fini li l-Bank Ċentrali jew l-awtorità kompetenti jkunu jistgħu, skond il-każ, jissodisfaw l-obbligi rispettivi tagħhom li joriġinaw taħt l-obbligi internazzjonali ta' Malta.";

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu, għandu jidħol dan is-subartikolu (2) ġdid li ġej:

"(2) Ebda persuna, inklużi uffiċjali jew aġenti ta' l-imgħoddi jew tal-preżent ta' bank, m'għandha tiżvela ebda informazzjoni dwar l-affarijiet ta' bank jew ta' klijent ta' bank li hija tkun kisbet fil-qadi tad-dmirijiet tagħha jew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att u kull regolament jew Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu ħlief -

(a) meta tkun awtorizzata tagħmel dan taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u kull regolament jew Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu; jew

(b) għall-fini tal-qadi ta' dmirijietha jew ta' l-eżerizzju tal-funzjonijiet tagħha;

(ċ) meta tkun legalment meħtieġa tagħmel hekk minn xi qorti jew taħt xi disposizzjoni ta' xi liġi;

(d) għall-fini li l-Bank Ċentrali jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, jkunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi rispettivi tagħhom li joriġinaw taħt l-obbligi internazzjonali ta' Malta; jew

(e) meta l-klijent espressament jagħti l-kunsens tiegħu, bil-miktub, biex tiġi żvelata l-informazzjoni li

jkollha x'taqsam ma' l-affarijiet tiegħu, sal-limitu awtorizzat mill-klijent.";

(ċ) minflok is-subartikolu (4) tiegħu, għandu jidħol dan is-subartikolu (4) li ġej:

"(4) Uffiċjali ta' l-awtorità kompetenti u tal-Bank Ċentrali, inklużi uffiċjali passati u preżenti, kif ukoll l-udituri jew esperti li jaġixxu għan-nom ta' l-awtorità kompetenti jew tal-Bank Ċentrali, m'għandhomx jiżvelaw informazzjoni miksuba mingħand istituzzjonijiet ta' kreditu waqt li jkunu qegħdin jaqdu dmirijiet ta' sorveljanza u oħrajn u li tkun regolata bl-obbligazzjoni ta' segretezza professjonali, kemm-il darba dak l-iżvelar ta' informazzjoni ma jsirx f'forma sommarja jew kollettiva, b'mod illi l-identità ta' l-istituzzjoni ta' kreditu, li dik l-informazzjoni tkun tappartjeni għaliha, ma tkunx tista' tiġi żvelata:

Iżda dawk l-uffiċjali, udituri jew esperti jistgħu jiżvelaw dik l-informazzjoni għall-fini tal-qadi ta' dmirijiethom jew ta' l-eżerizzju tal-funzjonijiet tagħhom, jew meta jkunu legalment meħtieġa jagħmlu hekk minn xi qorti jew taħt id-disposizzjonijiet ta' xi liġi.";

(d) minflok is-subartikolu (5) tiegħu, għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej (5):

"(5) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra u meta jkun meħtieġ għall-qadi kif imiss ta' l-attivitajiet tagħha, istituzzjoni ta' kreditu tista' tikkomunika kull informazzjoni li jkollha fil-pussess tagħha u li jkollha x'taqsam ma' l-affarijiet ta' klijent lil membri oħra tal-grupp ta' kumpanniji li dik l-istituzzjoni tkun tifforma parti minnhom, li jew joħorġu flus elettroniċi jew iwettqu xi attività minn dawk imsemmija fl-Iskeda li tinsab ma' l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, jew attivitajiet ta' banek jew attivitajiet ekwivalenti oħra huma jkollhom liċenza biex iwettqu kif imiss, jew komplimentari u, jew funzjonijiet supplimentari għal dawn:

Iżda kull tali komunikazzjoni ta' informazzjoni għandha ssir bla ħsara għal kull kontroll u salvagwardja adatti, biex hekk għandha tkun ir-responsabbiltà ta' l-istituzzjoni ta' kreditu li tiżgura li l-membru ta' dak il-grupp ta' kumpanniji ikun soġġett għal obbligi ekwivalenti li jirrigwardaw il-protezzjoni ta' data, il-kunfidenzjalità u l-kura skond ma teħtieġ il-liġi ta' Malta:

Iżda wkoll għall-fini ta' dan l-artikolu, ir-reklamar, bejgħ jew promozzjoni, m'għandhom, taħt ebda irkostanza, ikunu ikkunsidrati bħala meħtieġa għall-qadi kif imiss ta' l-attivitajiet ta' istituzzjoni ta' kreditu."; u

(e) is-subartikolu (6) għandu jiġi mħassar.

Emenda ta' l-artikolu 35 ta' l-Att prinċipali.

**122.** L-artikolu 35 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "Is-subartikolu (1) ma' għandux japplika", għandhom jidħlu l-kliem "Is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu m'għandux japplika";

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu:

(i) fil-paragrafu (e) tiegħu, minflok il-kliem "magħmula skond dan l-Att;", għandhom jidħlu l-kliem "magħmula skond dan l-Att u kull regolament jew Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu;";

(ii) fil-paragrafu (f) tiegħu, minflok il-kliem "skond dan l-Att,", għandhom jidħlu l-kliem "skond dan l-Att u kull regolament jew Regoli Bankarji u Regoli dwar Flus Elettroniċi magħmulin taħtu,";

(ċ) fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "reat taħt is-subartikoli (1) u (3)", għandhom jidħlu l-kliem "reat taħt is-subartikoli (1) u (3) ta' dan l-artikolu,";

(d) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (5) tiegħu, minflok il-kliem "disposizzjonijiet differenti ta' dan l-Att;", għandhom jidħlu l-kliem "disposizzjonijiet differenti ta' dan l-Att u kull regolament magħmul taħtu;";

(e) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (6) tiegħu, minflok il-kliem "ma għandhomx jipprovdu għal multa ta' inqas minn mitt lira Maltija jew iżjed minn ħames mitt elf lira Maltija.", għandhom jidħlu l-kliem "ma għandhomx jipprovdu għal multa ta' inqas minn mitt lira Maltija jew l-ekwivalenti tagħha f'Euro jew iżjed minn ħames mitt elf lira Maltija jew l-ekwivalenti tagħha f'Euro.";

(f) fil-proviso mas-subartikolu (7) tiegħu, minflok il-kliem "ma tistax timponi piena finanzjarja ta' iżjed minn ħamsin elf lira

Maltija.", għandhom jidħlu l-kliem "ma tistax timponi piena finanzjarja ta' iżjed minn ħamsin elf lira Maltija jew l-ekwivalenti tagħhom f'Euro."; u

(g) fis-subartikolu (8) tiegħu, minflok il-kliem "kontra dan l-Att jew xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu,", għandhom jidħlu l-kliem "taħt dan l-Att u kull regolament magħmul taħtu,".

**123.** L-artikolu 35A ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 35A ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) għandhom japplikaw.", għandhom jidħlu l-kliem "d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw."; u

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "imsemmi fis-subartikolu (1),", għandhom jidħlu l-kliem "imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu,".

**124.** L-artikolu 37 għandu jiġi mħassar.

Tħassir ta' l-artikolu 37 ta' l-Att prinċipali.

## TAQSIMA V

## EMENDA TA' L-ATT DWAR IL-KUMMERĊ TA' L-ASSIGURAZZJONI, KAP. 403

**125.** (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejja' "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni, Kap. 403.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-Att.

**126.** L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok it-tifsira "aġent fl-assigurazzjoni" għandha tidħol din it-tifsira li ġejja:

" "aġent fl-assigurazzjoni" tfisser persuna elenkata bħala tali taħt l-Att dwar l-Intermedjarji fl-Assigurazzjoni;";

Kap. 487.

(b) minflok it-tifsira "*manager* fl-assigurazzjoni" għandha tidħol din it-tifsira li ġejja:

Kap. 487.

" "*manager* fl-assigurazzjoni" tfisser persuna elenkata bħala tali taħt l-Att dwar l-Intermedjarji fl-Assigurazzjoni;";

(ċ) fit-tifsira "Lloyd's", minflok il-kliem "fl-Ewwel Skeda" għandhom jidħlu l-kliem "fl-artikolu 48A";

(d) minflok it-tifsira "marġini ta' solvibbiltà" u "marġini ta' solvibbiltà ta' Malta" għandha tidħol din it-tifsira li ġejja:

" " marġini ta' solvibbiltà", "marġini ta' solvibbiltà ta' Malta" u "marġini ta' solvibbiltà taż-ŻEE" għandhom jiftiehmu skond l-artikolu 14 ta' dan l-Att;".

Emenda ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

**127.** L-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu:

(i) fis-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (d) fis-subartikolu, minflok il-kliem "aġent ta' l-assigurazzjoni awtorizzat", għandhom jidħlu l-kliem "aġent ta' l-assigurazzjoni";

(ii) fis-subparagrafu (iv) tal-paragrafu (d) fis-subartikolu, minflok il-kliem "aġent ta' l-assigurazzjoni awtorizzat", għandhom jidħlu l-kliem "aġent ta' l-assigurazzjoni";

(b) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "manager ta' l-assigurazzjoni awtorizzat", għandhom jidħlu l-kliem "manager ta' l-assigurazzjoni".

Emenda ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali.

**128.** L-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu:

(i) fil-paragrafu (b) fis-subartikolu, minflok il-kliem "marġini ta' solvibbiltà ta' Malta," għandhom jidħlu l-kliem "marġini ta' solvibbiltà ta' Malta, jew";

(ii) minnufih wara l-paragrafu (b) fis-subartikolu, għandu jiżdied dan il-paragrafu (ċ) ġdid li ġej:

"(ċ) marġini ta' solvibbiltà taż-ŻEE,";

(b) fis-subartikolu (4) tiegħu:

(i) fil-paragrafu (b) fis-subartikolu, minflok il-kliem "jitmexxa minn dik il-kumpannija f'Malta." għandhom jidħlu l-kliem "jitmexxa minn dik il-kumpannija f'Malta;";

(ii) minnufih wara l-paragrafu (b) fis-subartikolu, għandu jiżdied dan il-paragrafu (ċ) ġdid li ġej:

"(ċ) il-marġini ta' solvibbiltà taż-ŻEE huwa l-marġini ta' solvibbiltà ta' kumpannija awtorizzata kalkolat b'riferenza għall-attiv u l-passiv tan-negozju immexxi minn dik il-kumpannija fl-Istati Membri kollha u Stati ŻEE.".

**129.** Il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok il-kliem "bl-Ingliż;" għandhom jidħlu l-kliem "bl-Ingliż.";

(b) minnufih wara l-kliem "bl-Ingliż.", għandhom jiżdiedu l-kliem "Din il-ħtieġa m'għandhiex tkun tapplika fil-każ ta' kumpannija li tmexxi kummerċ li jkun ristrett għal riskji li jkunu jinsabu barra minn Malta jew obbligi meta Malta ma tkunx il-pajjiż ta' l-obbligazzjoni;".

**130.** L-artikolu 33 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 33 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok is-subartikolu (4) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(4) L-awtorità kompetenti m'għandhiex tapprova trasferiment wara li ssir applikazzjoni taħt is-subartikolu (1) kemm-il darba hija tkun sodisfatta li -

(a) (i) iċ-ċessjonarju jkun, jew minnufih wara l-approvazzjoni ser ikun, awtorizzat taħt l-artikolu 7 jmexxi negozju ġenerali tal-klassi jew klassijiet jew taqsimiet ta' klassijiet li għandhom jiġu trasferiti taħt l-iskema;

(ii) iċ-ċessjonarju jkun, jew minnufih wara l-approvazzjoni ser ikun, awtorizzat taħt l-artikolu 6 jew l-artikolu 23 ta' l-Ewwel Direttiva tal-Kunsill ta' l-24

ta' Lulju 1973 fuq il-kordinazzjoni tal liġijiet, Regolamenti, u disposizzjonijiet amministrattivi li jkollhom x'jaqsmu mal-bidu u l-ġestjoni ta' assigurazzjoni diretta li ma tkunx assigurazzjoni fuq il-ħajja (73/239/KEE); jew

(iii) jekk iċ-ċessjonarju ma jkunx jinkwadra fis-subparagrafi (i) u (ii) ta' dan il-paragrafu, iċ-ċessjonarju għandu l-awtorizzazzjoni meħtieġa biex il-kummerċ, jew taqsima tiegħu, li jkun ser jiġi trasferit ikun jista' jiġi ġestit fil-post fejn ikun ser jiġi trasferit, jew ikun ser ikollu dik l-awtorizzazzjoni qabel ma tibda sseħħ l-iskema; u

(b) (i) iċ-ċessjonarju jkollu, wara li jiġi tenut kont tat-trasferiment propost, il-marġini jew kull marġini ta' solvibbiltà li tkun meħtieġa li tinżamm taħt dan l-Att;

(ii) iċ-ċessjonarju jkollu, wara li jiġi tenut kont tat-trasferiment propost, il-marġini jew kull marġini ta' solvibbiltà meħtieġa li tinżamm taħt l-Artikoli 16a, 25 jew 26 ta' l-Ewwel Direttiva tal-Kunsill ta' l-24 ta' Lulju 1973 fuq il-kordinazzjoni tal liġijiet, Regolamenti, u disposizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu mal-bidu u l-ġestjoni ta' assigurazzjoni diretta li ma tkunx assigurazzjoni fuq il-ħajja (73/239/KEE); jew

(iii) jekk iċ-ċessjonarju ma jkunx jinkwadra fis-subparagrafi (i) u (ii) ta' dan il-paragrafu, iċ-ċessjonarju jkollu, jew ikun ser ikollu qabel ma tibda sseħħ l-iskema, il-marġini jew kull marġini ta' solvibbiltà meħtieġa taħt l-liġi applikabbli fil-post fejn in-negozju jkun qiegħed jiġi trasferit; u

(ċ) (i) jekk iċ-ċessjonarju ikun kumpannija awtorizzata taħt dan l-Att, ir-riżorsi finanzjarji taċ-ċessjonarju jkunu, b'konsegwenza tat-trasferiment, adegwati biex iwettqu l-obbligi l-oħra meħtieġa minnu b'dan l-Att jew taħtu; jew

(ii) jekk iċ-ċessjonarju ikun kumpannija li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha f'pajjiż barra minn Malta, ir-riżorsi finanzjarji tar-riċevent ikunu, b'konsegwenza tat-trasferiment, adegwati biex iwettqu l-obbligi l-oħra

meħtieġa minnu b'dan l-Att jew taħtu kif japplikaw fil-post fejn in-negozju jkun qed jiġi trasferit; u

(d) jekk iċ-ċedent ikun kumpannija li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha f'Malta, u l-istabbiliment li minnu għandhom ikunu trasferiti l-poloz ikun jinsab fi Stat Membru jew Stat ŻEE –

(i) l-awtorità regolatorja estera f'dak l-Istat Membru jew Stat ŻEE tkun ġiet konsultata dwar it-trasferiment propost; u

(ii) l-awtorità regolatorja estera tkun jew wieġbet jew inkella jkun skada l-perjodu ta' tliet xhur li jibdew għaddejin mal-konsultazzjoni;

(e) jekk iċ-ċedent ikun kumpannija li tmexxi n-negozju minn Malta jew f'pajjiż barra minn Malta jew minnu u, għar-rigward ta' kull polza inkluża fit-trasferiment propost li jkun ta' prova għal kuntratt ta' assigurazzjoni, ir-riskju ikun riskju li jinsab barra minn Malta -

(i) l-awtorità regolatorja estera fil-pajjiż fejn ikun jinsab ir-riskju ikun ġie notifikat bit-trasferiment propost; u

(ii) jew l-awtorità regolatorja estera tkun tat il-kunsens tagħha għat-trasferiment jew l-awtorità regolatorja estera ma tkunx irrifjutat il-kunsens tagħha għat-trasferiment fi żmien tliet xhur li jibdew għaddejin mid-data tan-notifika."; u

(b) is-subartikolu (6) tiegħu għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 35 ta' l-Att prinċipali.

**131.** Minflok is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 35 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"(5) Bla ħsara għas-subartikolu (6), it-Tribunal m'għandux japprova applikazzjoni ta' trasferiment ippreżentata quddiemu taħt is-subartikolu (1) kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li -

(a) (i) il-kumpannija ċessjonarja tkun, jew minnufih wara l-approvazzjoni ser tkun, awtorizzata taħt l-artikolu 7 tmexxi negozju fit-tul tal-klassi jew klassijiet li għandhom jiġu trasferiti taħt l-iskema;

(ii) il-kumpannija ċessjonarja tkun, jew minnufih wara l-approvazzjoni ser tkun, awtorizzata taħt l-artikolu 4 jew l-artikolu 51 tad-Direttiva 2002/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 għar-rigward ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja tmexxi negozju fit-tul tal-klassi jew klassijiet li jkunu ser jiġu trasferiti taħt l-iskema fi Stat Membru jew fi Stat ŻEE; jew

(iii) jekk iċ-ċessjonarju ma jkunx jinkwadra fl-iniżi (i) u (ii) ta' dan il-paragrafu, iċ-ċessjonarju jkollu l-awtorizzazzjoni meħtieġa biex in-negozju, jew taqsima minnu, li jkun ser jiġi trasferit ikun jista' jitmexxa fil-post fejn ikun ser jiġi trasferit jew ikun ser ikollu dik l-awtorizzazzjoni qabel ma l-iskema tibda sseħħ; u

(b) il-kumpannija ċessjonarja ġġib prova li -

(i) (aa) wara li jiġi tenut kont tat-trasferiment, hija jkollha l-marġini jew kull marġini ta' solvibbiltà li jkun meħtieġ li jinżamm taħt dan l-Att;

(bb) wara li jiġi tenut kont tat-trasferiment, hija jkollh l-marġini jew kull marġini ta' solvibbiltà li tkun meħtieġa tinżamm taħt l-artikolu 28, 55 jew 56 tad-Direttiva 2002/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 għar-rigward ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja; jew

(cc) jekk iċ-ċessjonarja ma tinkwadrax fl-inċiżi (i) u (ii) ta' dan il-paragrafu, iċ-ċessjonarja jkollha, jew ikun ser ikollha qabel ma tibda sseħħ l-iskema, il-marġini jew kull marġini ta' solvibbiltà meħtieġa taħt il-liġi applikabbli fil-post fejn in-negozju jkun ser jiġi trasferit;

(ii) (aa) jekk il-kumpannija ċessjonarja tkun awtorizzata taħt dan l-Att, ir-riżorsi finanzjarji tagħha jkunu, b'konsegwenza tat-trasferiment, adegwati biex iwettqu l-obbligi l-oħra meħtieġa minnha b'dan l-Att jew taħtu; jew

(bb) jekk iċ-ċessjonarja tkun kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha ikun f'pajjiż barra minn Malta, ir-riżorsi finanzjarji ta-essjonarju jkunu, b'konsegwenza tat-trasferiment, adegwati biex iwettqu l-obbligi l-oħra meħtieġa minnu b'dan l-Att jew taħtu

skond ma japplikaw fil-post fejn in-negozju ikun ser jiġi trasferit;

(ċ) jekk iċ-ċedent ikun kumpannija li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha f'Malta, u l-istabbiliment minn fejn il-poloz għandhom ikunu trasferiti ikun jinsab fi Stat Membru jew Stat ŻEE –

(i) l-awtorità regolatorja estera f'dak l-Istat Membru jew Stat ŻEE jkun ġie konsultat dwar it-trasferiment propost; u

(ii) l-awtorità regolatorja estera jew tkun wieġbet jew inkella jkun skada l-perjodu ta' tliet xhur li jkun beda meta ssir il-konsultazzjoni.".

**132.** Minnufih wara l-artikolu 36 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li l-artikolu ġdid li ġej: Żjieda ta' l-artikolu 37 ġdid ma' l-Att prinċipali.

"Eżenzjoni taħt din it-Taqsima. 37. (1) Bla ħsara għas-subartikolu (2), din it-Taqsima ta' l-Att m'għandhiex tkun tapplika għall-kummerċ tar-rijassigurazzjoni.

(2) Meta kumpannija awtorizzata taħt dan l-Att li tkun qegħda tmexxi kummerċ ristrett għar-rijassigurazzjoni ("iċ-ċedent") tipproponi t-trasferiment sħiħ jew parti min-negozju tiegħu, l-awtorità kompetenti m'għandhiex tapprova trasferiment kemm-il darba hija tkun sodisfatta li:

(a) (i) iċ-ċessjonarju jkun, jew minnufih wara l-approvazzjoni ser ikun, awtorizzat taħt l-artikolu 7 imexxi l-kummerċ ta' rijassigurazzjoni;

(ii) iċ-ċessjonarju jkun, jew minnufih wara l-approvazzjoni ser ikun, awtorizzat taħt l-artikolu 4 tad-Direttiva 2005/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2005 fuq ir-rijassigurazzjoni u li temenda Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 92/49/KEE u Direttivi 98/78/KEE u 2002/83/KE dwar il-ġestjoni fi Stat Membru jew fi Stat

ŻEE, il-kummerċ ta' rijassigurazzjoni li għandu jiġi trasferit taħt l-iskema; jew

(iii) jekk iċ-ċessjonarju ma jinkwadrax fis-subparagrafi (i) u (ii) ta' dan il-paragrafu, iċ-ċessjonarju jkollu l-awtorizzazzjoni meħtieġa (jekk ikun hemm) biex jagħti s-setgħa lill-kummerċ, jew parti minnu, li jkun ser jiġi trasferit biex dan jitmexxa fil-post fejn ikun ser jiġi trasferit jew ikollu dik l-awtorizzazzjoni qabel ma l-iskema tibda sseħħ; u

(b) (i) iċ-ċessjonarju jkollu, wara li jiġi tenut kont tat-trasferiment propost, il-marġini jew kull marġini ta' solvibbiltà meħtieġa li tinżamm taħt dan l-Att;

(ii) iċ-ċessjonarju jkollu, wara li jiġi tenut kont tat-trasferiment propost, il-marġini jew kull marġini ta' solvibbiltà meħtieġa li tinżamm taħt l-artikolu 37 sa 39 tad-Direttiva 2005/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2005 fuq ir-rijassigurazzjoni u li jemendaw Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 92/49/KEE u Direttivi 98/78/KE u 2002/83/KE; jew

(iii) jekk iċ-ċessjonarju ma jkunx jinkwadra fis-subparagrafi (i) u (ii) ta' dan il-paragrafu, iċ-ċessjonarja jkun jissodisfa l-ħtiġiet ta' solvibbiltà meħtieġa minnu b'dan l-Att jew taħtu kif japplikaw fil-post fejn in-negozju jkun ser jiġi trasferit.

(ċ) (i) jekk iċ-ċessjonarju jkun kumpannija awtorizzata taħt dan l-Att, ir-riżorsi finanzjarji taċ-ċessjonarju jkunu, b'konsegwenza tat-trasferiment, adegwati biex iwettqu l-obbligi l-oħra meħtieġa minnu b'dan l-Att jew taħtu;

(ii) jekk iċ-ċessjonarju jkun kumpannija li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha f'pajjiż barra minn Malta, ir-riżorsi finanzjarji taċ-ċessjonarju jkunu, b'konsegwenza tat-trasferiment, adegwati biex iwettqu

(jekk ikun hemm) l-obbligi l-oħra meħtieġa minnu b'dan l-Att jew taħtu kif japplikaw fil-post fejn in-negozju ikun ser jiġi trasferit.".

**133.** Is-subartikolu (12) ta' l-artikolu 38 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi mħassar.

Emenda ta' l-artikolu 38 ta' l-Att prinċipali.

**134.** L-artikolu 41 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 41 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "li joħorġu mill-kummerċ ta' l-assigurazzjoni tagħha f'Malta" għandhom jidħlu l-kliem "li joħorġu mill-kummerċ ta' l-assigurazzjoni tagħha";

(b) fit-proviso mas-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "attribwibbli għall-kummerċ ta' l-assigurazzjoni f'Malta" għandhom jidħlu l-kliem "attribwibbli għall-kummerċ ta' l-assigurazzjoni".

**135.** Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 59 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "impjegati jew aġenti tagħha" għandhom jidħlu l-kliem "impjegati jew aġenti tagħha, kif ukoll minn spetturi, udituri u esperti mqabbda mill-awtorità kompetenti".

Emenda ta' l-artikolu 59 ta' l-Att prinċipali.

**136.** Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 60 ta' l-Att prinċipali, il-kelma "awtorizzata" għandha titħassar.

Emenda ta' l-artikolu 60 ta' l-Att prinċipali.

**137.** Fl-artikolu 61 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "tinkludi aġent ta' l-assigurazzjoni awtorizzat, *manager* ta' l-assigurazzjoni awtorizzat", għandhom jidħlu l-kliem "tinkludi aġent ta' l-assigurazzjoni, *manager* ta' l-assigurazzjoni".

Emenda ta' l-artikolu 61 tal-Att prinċipali.

**138.** Fil-paragrafu (i) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 64 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "liema penalitajiet ma jkunux iżjed minn ħamest elef lira" għandhom jidħlu l-kliem "hekk li dawk il-penalitajiet ma jkunux ta' iżjed minn erbgħin elf lira".

Emenda ta' l-artikolu 64 ta' l-Att prinċipali.

Emenda ta' l-artikolu 65 tal-Att prinċipali.

**139.** L-artikolu 65 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok in-nota marġinali u riferenzi għal kapitoli li hemm ma' l-artikolu, għandhom jidħlu l-kliem "Eżenzjoni taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, Kap. 364.";

(b) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jitħassar; u

(ċ) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu sħiħ.

Emenda ta' l-artikolu 67 ta' l-Att prinċipali.

**140.** L-artikolu 67 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "tinkludi aġent ta' l-assigurazzjoni awtorizzat, *manager* ta' l-assigurazzjoni awtorizzat", għandhom jidħlu l-kliem "tinkludi aġent ta' l-assigurazzjoni, *manager* ta' l-assigurazzjoni".

(b) is-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-proviso li hemm mas-subartikolu (6) tiegħu, minflok il-kliem "li matulu l-infrazzjoni tkompli;" għandhom jidħlu l-kliem "li matulu l-infrazzjoni tkompli:";

(ii) minnufih wara l-proviso li hemm mas-subartikolu (6) tiegħu, għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll penali imposta taħt dan l-artikolu, sew jekk tkun somma fissa, penali għal kull ġurnata, jew it-tnejn flimkien, ma tista', f'ebda każ, tkun iżjed minn erbgħin elf lira.".

## TAQSIMA VI

**141.** (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar l-Intermedjarji fl-Assigurazzjoni, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejja' "l-Att prinċipali". Emenda ta' l-Att dwar l-Intermedjarji fl-Assigurazzjoni, Kap. 487.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-Att.

**142.** Il-paragrafu (h) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

(a) fil-proviso li hemm mal-paragrafu (h) tiegħu, minflok il-kliem "li matulu l-infrazzjoni tkompli;" għandhom jidħlu l-kliem "li matulu l-infrazzjoni tkompli:";

(b) minnufih wara l-proviso li hemm mal-paragrafu (h) tiegħu, għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll penali imposta taħt dan l-artikolu, sew jekk tkun somma fissa, penali għal kull ġurnata, jew it-tnejn flimkien, ma tista', f'ebda każ, tkun iżjed minn erbgħin elf lira;".

**143.** Fl-inċiż (iii) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 10, minflok il-kliem "l-azzjonisti kwalifikanti kollha, il-kontrulluri u l-persuni kollha li effettivament jidderiġu l-funzjonijiet", għandhom jidħlu l-kliem "l-azzjonisti kwalifikanti kollha, il-kontrulluri, id-diretturi u l-persuni kollha li effettivament jidderiġu l-funzjonijiet". Emenda ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

**144.** Fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "ma tista' tmexxi attivitajiet ta' intermedjarji fl-assigurazzjoni jew tistabbilixxi jew takkwista sussidjarja" għandhom jidħlu l-kliem "ma tista' tmexxi attivitajiet ta' intermedjarji fl-assigurazzjoni, tiftaħ fergħa, uffiċċju jew xi post ieħor għan-negozju, jew tistabbilixxi jew takkwista sussidjarja". Emenda ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

**145.** Fil-proviso li hemm mal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "ristrett għal Emenda ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali.

kuntratti ta' assigurazzjoni li jirrigwardaw riskji sitwati barra minn Malta" għandhom jidħlu l-kliem "ristrett għal kuntratti ta' assigurazzjoni li jirrigwardaw riskji sitwati barra minn Malta jew obbligi meta Malta ma tkunx il-pajjiż ta' l-obbligazzjoni".

Emenda ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali.

**146.** Minflok il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"(a) l-intermedjarju ma jibdiex imexxi attivitajiet ta' intermedjarji fl-assigurazzjoni fi żmien tnax-il xahar mill-iskrizzjoni, jew f'dak iż-żmien l-ieħor li jista' jiġi speċifikat fiċ-ċertifikat ta' iskrizzjoni; jew".

Emenda ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali.

**147.** Minflok il-paragrafu (h) ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(h) il-persuna reġistrata ma tkunx direttur fil-kumpannija iskritta, jew inkella ma tkunx għadha impjegata magħha; jew".

Emenda ta' l-artikolu 26 ta' l-Att prinċipali.

**148.** L-artikolu 26 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) id-disposizzjoni preżenti għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied dan is-subartikolu (2) ġdid li ġej:

"(2) L-applikazzjoni għat-twaqqif għandha tiġi ppreżentata lill-awtorità kompetenti mhux iżjed tard minn tliet xhur qabel id-data meta l-persuna iskritta tkun bi ħsiebha tieqaf milli tkompli twettaq dawk l-attivitajiet.".

Emenda ta' l-artikolu 30 ta' l-Att prinċipali.

**149.** Fl-artikolu 30 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "ristrett għall-kuntratti ta' assigurazzjoni li jirrigwardaw riskji sitwati barra minn Malta" għandhom jidħlu l-kliem "ristrett għall-kuntratti ta' assigurazzjoni li jirrigwardaw riskji sitwati barra minn Malta jew obbligi meta Malta ma tkunx il-pajjiż ta' l-obbligazzjoni".

**150.** Fit-test Ingliż tas-subartikolu (6) ta' l-artikolu 37 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "in the Tied Insurance Company Register" għandhom jidħlu l-kliem "in the Tied Insurance Intermediaries Company Register". Emenda ta' l-artikolu 37 ta' l-Att prinċipali.

**151.** Minflok il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 45 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Emenda ta' l-artikolu 45 ta' l-Att prinċipali.

"(b) meta jkun hekk meħtieġa fil-parametri ta' l-obbligi internazzjonali ta' Malta jew l-obbligi li joriġinaw mid-Direttiva 2002/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Diembru 2002 fuq il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni, kif emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kull miżura ta' implimentazzjoni li tkun ġiet użata jew li tista' tiġi użata taħtha; jew".

**152.** Minflok is-subartikoli (2) u (3) ta' l-artikolu 46 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Emenda ta' l-artikolu 46 ta' l-Att prinċipali.

"(2) Informazzjoni li tinkiseb mill-awtorità kompetenti jew mill-uffiċjali, impjegati jew aġenti tagħha, kif ukoll minn spetturi, udituri u esperti mqabbda mill-awtorità kompetenti għall-finijiet ta', jew konformement ma', xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew ta' kull regolament magħmul taħtu, jew ta' xi regola dwar intermedjarji fl-assigurazzjoni, jew fit-twettiq ta' funzjonijiet taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet imsemmija, għandhom jiġu trattati bħala kunfidenzjali u jkunu protetti bid-dmir ta' segretezza professjonali, u m'għandu jkun żvelat xejn lil xi persuna oħra, ħlief f'dawn il-każijiet li ġejjin – Kap. 345.

(a) meta l-informazzjoni tiġi żvelata bil-għan li jinbdew, jew xort' oħra għall-finijiet ta', proċeduri kriminali jew ta' xi proċeduri mill-awtorità kompetenti quddiem xi qorti taħt dan l-Att;

(b) meta l-informazzjoni tiġi żvelata bil-għan li l-awtorità kompetenti tingħata s-setgħa jew tkun qegħda tiġi mgħejjuna fit-twettiq jew fl-għemil ta' xi waħda mill-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att;

(ċ) meta l-informazzjoni tkun saret disponibbli għall-pubbliku minħabba li din tkun ġiet żvelata f'ċirkostanzi li fihom, jew għal xi għan li dwaru, l-iżvelar mhux prekluż b'dan l-artikolu;

(d) meta tiġi preparata jew mogħtija ġabra jew kollezzjoni ta' informazzjoni b'tali mod li l-identità tal-persuna li l-informazzjoni jkollha x'taqsam magħha ma tkunx tista' tiġi identifikata;

(e) meta l-informazzjoni tiġi żvelata lil uditur meta dak l-iżvelar ikun jgħin lill-uditur fl-eżerizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt l-artikolu 28;

(f) meta l-informazzjoni tiġi provduta lill-Bank Ċentrali ta' Malta jew lill-Awtorità dwar l-Elenku taħt l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji fl-eżerizzju tal-funzjonijiet rispettivi tagħhom skond il-liġi;

(g) meta l-informazzjoni tiġi provduta lil dawk l-awtoritajiet lokali jew barranin l-oħra ta' xorta regolatorja, ġudizzjarja jew infurzar meta dak l-iżvelar ikun meħtieġ jew mitlub sabiex jitwettqu ċerti ħtiġiet regolatorji gravi jew il-kxif, il-prevenzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali;

(h) meta l-informazzjoni tiġi żvelata fi proċeduri ċivili jew kummerċjali f'dak li għandu x'jaqsam mal-falliment jew l-istral obbligatorju ta' intermedjarju fl-assigurazzjoni sakemm dik l-informazzjoni ma tkunx tirrigwarda lil terzi involuti f'tentattivi biex jilliberaw lil dak l-intermedjarju fl-assigurazzjoni, u lil dawk il-korpi barranin responsabbli għal-likwidazzjoni u l-falliment ta' persuna li jkollha l-awtorizzazzjoni jew liċenza ekwivalenti mingħand l-awtorità regolatorja estera.

(3) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 45, informazzjoni miksuba mingħand l-awtorità regolatorja estera tista' biss tiġi żvelata lil persuna oħra, lil awtorità regolatorja estera oħra jew lil terzi oħra bl-approvazzjoni mogħtija bil-quddiem ta' l-awtorità li tkun ipprovdiet l-informazzjoni.".

**153.** Fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 48 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "taħt l-artikolu 36" għandhom jidħlu l-kliem "taħt l-artikolu 37".

Emenda ta' l-artikolu 48 ta' l-Att prinċipali.

**154.** It-Tielet Kolonna fl-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali, għandha tiġi emendata kif ġej:

Emenda fl-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

(a) fil-paragrafu 2, fit-tifsira "Aġent fl-assigurazzjoni", minflok il-kliem "li jiġu maħtura minn kumpannija awtorizzata", għandhom jidħlu l-kliem, "li jiġu maħtura minn kumpannija awtorizzata taħt l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni u, jew'minn impriża ta' l-assigurazzjoni Ewropea";

(b) fis-subparagrafu (b) tal-paragrafu 3, fit-tifsira "*Manager* fl-assigurazzjoni", minflok il-kliem "ristrett għal kuntratti ta' assigurazzjoni li jirrigwardaw riskji sitwati barra minn Malta" għandhom jidħlu l-kliem "ristrett għal kuntratti ta' assigurazzjoni li jirrigwardaw riskji sitwati barra minn Malta jew obbligi meta Malta ma tkunx il-pajjiż ta' l-obbligazzjoni".

## TAQSIMA VII

## DISPOSIZZJONIJIET MIXXELLANJI

**155.** (1) B'seħħ minn dik id-data li l-Ministru jista' jistabbilixxi b'ordni, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "id-data operattiva", Malta Stock Exchange plc għandha tkompli fil-personalità tal-Borża ta' Malta stabbilita taħt it-Taqsima IV ta' l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji'qabel it-tħassir ta' dik it-Taqsima b'dan l-Att; u bla ħsara għall-esklużjoni tal-proprjetà deskritta fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, il-Borża ta' Malta plc għandha skond dan tissuiedi f'dak li huħl-attiv, drittijiet, passiv u obbligazzjonijiet kollha tagħha, inklużi l-ordni ta' rikonoxximent maħruġa għall-Borża ta' Malta skond it-Taqsima II ta' l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, li, kemm-il darba ma tiġix speċifikament kanellata jew imħassra, għandha tibqa' fis-seħħ sad-data operattiva.

Disposizzjonijiet transitorji.

(2) Sad-data operattiva:

(a) l-awtorità kompetenti għandha toħroġ favur Malta Stock Exchange plc awtorizzazzjoni skond m'hemm fit-Taqsima II ta' l-

Att dwar is-Swieq Finanzjarji. Malli tinħareg dik l-awtorizzazzjoni, l-ordni ta' rikonoxximent imsemmi fis-subartikolu (1) għandu jiskadi awtomatikament;

(b) Malta Stock Exchange plc għandha titqies li tkun issodisfat il-ħtiġiet tat-Taqsima IV ta' l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji u l-awtorità kompetenti għandha toħroġ awtorizzazzjoni favur il-kumpannija b'seħħ minn dik id-data.

(3) Kull awtorizzazzjoni, deċiżjoni, liċenza, *warrant*, approvazzjoni, avviż u att ieħor jew obbligazzjoni oħra magħmula jew meħuda mill-Borża ta' Malta, inkluża kull sħubija jew dħul fil-lista uffiċjali u ma' kull lista rikonoxxuta oħra u kull Avviż tal-Kunsill jew *Bye-law*, kif ukoll kull ftehim, kuntratt ta' impjieg u ħatriet u kundizzjonijiet relattivi għall-persunal, għandhom jitqiesu mid-data operattiva li jkunu saru jew ittieħdu u ġew assunti minn Malta Stock Exchange plc, u għandhom, kemm-il darba ma jiġux speċifikament kanċellati jew imħassra, jibqgħu fis-seħħ skond dan, b'dawk il-modifiki u adattazzjonijiet li jistgħu jkunu strettament meħtieġa sabiex tiġi implimentata għal kollox u b'mod korrett is-successjoni u d-devoluzzjoni tan-negozju u d-drittijiet u l-obbligi kif hawn qabel imsemmija tal-Borża ta' Malta lil u favur il-Borża ta' Malta plc skond din it-Taqsima.

(4) Il-proprjetà immobbli u drittijiet pertinenti għaliha kif deskritti fl-Iskeda li tinsab ma' din it-Taqsima għandha tiddevolvi għal għand MSE (Holdings) Limited li għandha fi żmien xahar mid-data operattiva tara li jiġi pubblikat att pubbliku dikjaratorju li jkun fih deskrizzjoni dettaljata ta' l-allokazzjoni u d-devoluzzjoni favur tagħha u tas-suċċessjoni tagħha għall-proprjetà immobbli u drittijiet pertinenti għaliha li qabel id-data operattiva kienu vestiti fil-Borża ta' Malta, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima, u għandha tiġi iskritta nota dwar dan kif imiss fir-Reġistru Pubbliku u fir-Reġistru ta' l-Art, skond il-każ.

(5) Is-suessjoni, mid-data operattiva, ta' kull attiv, dritt, passiv u obbligu favur Malta Stock Exchange plc u MSE (Holdings) Limited, skond il-każ, deskritti f'din it-Taqsima, għandhom ikunu wkoll validi u effettivi għar-rigward ta' terzi bis-saħħa tal-liġi mingħajr il-ħtieġa għal ebda formalità oħra, ħlief għal att pubbliku u n-noti meħtieġa taħt dan l-artikolu, u għandhom ikunu eżenti mill-ħlas tat-taxxa fuq l-

*income*, it-taxxa fuq id-dokumenti u kull ħlas fiskali ieħor, minkejja kull disposizzjoni oħra tal-liġi.

(6) Kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ mod ieħor, kull riferenza f'kull liġi għall-Borża ta' Malta għandha wara d-data operattiva titqies bħala riferenza għall-Borża ta' Malta plc; u kull riferenza għall-Kunsill, membru tal-Kunsill jew xi uffiċjal jew impjegat tal-Borża ta' Malta għandha wara d-data operattiva titqies bħala riferenza għall-Bord tad-Diretturi, direttur tal-kumpannija u l-uffiċjali jew l-impjegati tal-kumpannija, rispettivament.

## SKEDA

(Artikolu 155)

Il-proprjetà immobbli li tiddevolvi għal għand MSE (Holdings) Limited li tikkonsisti fl-uffiċċji u l-fondi magħrufin bħala "***Il-Borża ta' Malta***" jew "***Borza ta' Malta***", b'kull bini u kull benefikat li sar fiha, inklużi d-drittijiet u l-pertinenzi kollha li jappartjenu għaliha, qabel magħrufa bħala l-"*Post Office Central Mailing Room*", aktar qabel magħrufa wkoll bħala l-"*Barrakka Garrison Church*", li tinsab fi Pjazza Kastilja, Valletta, mingħajr m'għandha ebda numru uffiċjali, flimkien mal-ġnien li jiċċirkondaha, ta' madwar elf mija u tletin metru kwadru (1130 $m^2$) u li tmiss minn kullimkien mill-Grigal u mill-Majjistral ma' Pjazza Kastilja u mix-Xlokk mal-Barrakka ta' Fuq, kif aħjar deskritta fil-kiri b'emfitwesi bejn il-Borża ta' Malta u l-Kummissarju ta' l-Artijiet għan-nom tal-Gvern ta' Malta, iffirmat fil-11 ta' Diembru 2007 fl-Atti ta' Vincent Miceli, Nutar Pubbliku f'Malta fid-Dipartiment ta' l-Artijiet.

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-għan prinċipali ta' dan l-Abbozz hu sabiex jittrasponi d-disposizzjonijiet tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar swieq ta' strumenti finanzjarji, id-disposizzjonijiet tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar il-bidu u l-ġestjoni tan-negozju ta' istituzzjonijiet ta' kreditu'*(recast),* u d-disposizzjonijiet tad-Direttiva 2006/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 fuq l-adegwatezza kapitali ta' ditti ta' investiment u istituzzjonijiet ta' kreditu *(recast),* kif ukoll biex jagħmel xi emendi żgħar fl-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, Kap. 330, l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni, Kap. 403 u l-Att dwar l-Intermedjarji ta' l-Assigurazzjoni, Kap. 487, u barra minn hekk sabiex jiġu regolati s-swieq regolati, depożitarji ċentrali tat-titoli u l-istatus tal-*Malta Stock Exchange* jew il-Borża ta' Malta.